



---

*Dokument ta' sessjoni*

---

**A9-0069/2024**

5.3.2024

**\*\*\*I**

## **RAPPORT**

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-użu tal-kapaċità infrastrutturali ferrovjarja fiż-żona ferrovjarja unika Ewropea, li jemenda d-Direttiva 2012/34/UE u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 913/2010 (COM(2023)443 – C9-0304/2023 – 2023/0271(COD))

Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu

Rapporteur: Tilly Metz

### ***Tifsira tas-simboli użati***

- \* Proċedura ta' konsultazzjoni
- \*\*\* Proċedura ta' approvazzjoni
- \*\*\*I Proċedura leġislattiva ordinarja (l-ewwel qari)
- \*\*\*II Proċedura leġislattiva ordinarja (it-tieni qari)
- \*\*\*III Proċedura leġislattiva ordinarja (it-tielet qari)

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi ġuridika proposta mill-abbozz ta' att.)

### ***Emendi għal abbozz ta' att***

#### **Emendi tal-Parlament f'żewġ kolonni**

It-tħassir huwa indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fil-kolonna tax-xellug. Is-sostituzzjoni hija indikata permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fiż-żewġ kolonni. It-test ġdid huwa indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fil-kolonna tal-lemin.

L-ewwel u t-tieni linji tal-intestatura ta' kull emenda jidentifikaw il-parti tat-test ikkonċernata fl-abbozz ta' att inkwistjoni. Meta emenda tirrigwarda att eżistenti, li l-abbozz ta' att ikollu l-ħsieb li jemenda, l-intestatura jkun fiha wkoll it-tielet u r-raba' linji li jidentifikaw rispettivament l-att eżistenti u d-dispożizzjoni kkonċernata f' dak l-att.

#### **Emendi tal-Parlament li jieħdu l-forma ta' test konsolidat**

Il-partijiet ġodda tat-test huma indikati permezz tat-tipa ***korsiva u grassa***. Il-partijiet imħassra tat-test huma indikati permezz tas-simbolu ■ jew huma ingassati. Is-sostituzzjoni tintwera billi jiġi indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** t-test il-ġdid u billi jitħassar jew jiġi ingassat it-test sostitwit. Bħala eċċezzjoni, it-tibdil ta' natura strettament teknika magħmul mis-servizzi fil-preparazzjoni tat-test finali mhuwiex indikat.

## WERREJ

### Paġna

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW .....	5
NOTA SPJEGATTIVA .....	134
ANNEX: ENTITAJIET JEW PERSUNI LI R-RAPPORTEUR IRĊIEVA KONTRIBUT MINGĦANDHOM.....	136
PROĊEDURA TAL-KUMITAT RESPONSABBLI .....	137
VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJET FIL-KUMITAT RESPONSABBLI.....	138



## ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW

**dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-użu tal-kapaċità infrastrutturali ferrovjarja fiż-żona ferrovjarja unika Ewropea, li jemenda d-Direttiva 2012/34/UE u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 913/2010 (COM(2023)443 – C9-0304/2023 – 2023/0271(COD))**

**(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)**

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2023)443),
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikolu 91 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C9-0304/2023),
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
  - wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Komitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tal-25 ta' Ottubru 2023<sup>1</sup>,
  - wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Komitat tar-Reġjuni ta' [...] <sup>2</sup>,
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 59 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-rapport tal-Komitat għat-Trasport u t-Turiżmu (A9-0069/2024),
1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;
  2. Jitlob lill-Kummissjoni terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk tibdel il-proposta tagħha, temendaha b'mod sustanzjali jew ikollha l-ħsieb li temendaha b'mod sustanzjali;
  3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

---

<sup>1</sup> [ĠU C 0, 0.0.0000, p. 0. /Għadha mhix ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali].

<sup>2</sup> [ĠU C 0, 0.0.0000, p. 0. /Għadha mhix ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali].

## Emenda 1

### Proposta għal regolament Premessa 2

*Test propost mill-Kummissjoni*

(2) L-Istrateġija għal Mobbiltà Sostenibbli u Intelliġenti<sup>15</sup> tistabbilixxi **t-tappi** biex turi l-perkors tas-sistema Ewropea tat-trasport biex jintlaħqu l-objettivi tal-mobbiltà sostenibbli, intelliġenti u reżiljenti. Din tipprevedi li t-traffiku **ferrovjarju** tal-merkanzija jenħtieġ li jiżdied b'50% sal-2030 u jirdoppja sal-2050; it-traffiku **ferrovjarju** ta' veloċità għolja jenħtieġ li jirdoppja sal-2030 u jittrippla sal-2050 u l-ivvjaġġar kollettiv skedat sa 500 km jenħtieġ li jkun newtrali għall-karbonju sal-2030 fl-Unjoni. Biex jintlaħqu dawn l-għanijiet, it-trasport ferrovjarju jrid isir aktar attraenti mil-lat ta' affordabbiltà, affidabbiltà, u **servizzi** adattati aħjar għall-ħtiġijiet tal-vjaġġaturi u tat-trasportaturi tal-merkanzija.

---

<sup>15</sup> Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni "Strateġija għal Mobbiltà Sostenibbli u Intelliġenti – inqiegħdu t-trasport Ewropew fit-triq it-tajba għall-futur", COM(2020) 789 final tad-9 ta' Diċembru 2020.

## Emenda 2

### Proposta għal regolament Premessa 2a (ġdida)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

(2) L-Istrateġija għal Mobbiltà Sostenibbli u Intelliġenti<sup>15</sup> tistabbilixxi **L-istadji importanti** biex turi l-perkors tas-sistema Ewropea tat-trasport biex jintlaħqu l-objettivi tal-mobbiltà sostenibbli, intelliġenti u reżiljenti. Din tipprevedi li t-traffiku **ferrovjarju** tal-merkanzija jenħtieġ li jiżdied b'50 % sal-2030 u jirdoppja sal-2050; it-traffiku **ferrovjarju** ta' veloċità għolja jenħtieġ li jirdoppja sal-2030 u jittrippla sal-2050 u l-ivvjaġġar kollettiv skedat sa 500 km jenħtieġ li jkun newtrali għall-karbonju sal-2030 fl-Unjoni. Biex jintlaħqu dawn l-għanijiet, it-trasport ferrovjarju jrid isir aktar attraenti mil-lat ta' affordabbiltà, affidabbiltà u **aċċessibbiltà**, u **s-servizzi jridu jkun**u adattati aħjar għall-ħtiġijiet tal-vjaġġaturi u tat-trasportaturi tal-merkanzija.

---

<sup>15</sup> Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni "Strateġija għal Mobbiltà Sostenibbli u Intelliġenti – inqiegħdu t-trasport Ewropew fit-triq it-tajba għall-futur", COM(2020) 789 final tad-9 ta' Diċembru 2020.

*jiżdied is-sehem modali ferrovjarju. Madankollu, dan ir-Regolament ma jistax jindirizza l-miri tad-dekarbonizzazzjoni u tal-bidla modali tal-Unjoni waħdu. Kemm l-Istati Membri kif ukoll il-Kummissjoni jenħtieġ li jkomplu jaħdmu fuq bosta elementi oħra li jistgħu jgħinu biex ikomplu jiżdiedu kemm il-kapaċità infrastrutturali ferrovjarja kif ukoll il-kapaċità tat-trasport, bħar-raggruppament tal-mogħdijiet ferrovjarji, l-armonizzazzjoni tal-veloċità, il-bidla effiċjenti tal-passiġġieri, l-użu ta' ferroviji itwal b'żieda fit-tagħbija fuq il-fus, l-introduzzjoni ta' ERTMS armonizzata madwar l-Ewropa kif ukoll l-operazzjoni awtomatizzata tal-ferroviji.*

### **Emenda 3**

#### **Proposta għal regolament Premessa 2b (ġdida)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(2b) L-indirizzar tal-effiċjenza ferrovjarja biex jiżdied l-aspett kompetittiv multimodali bejn modi differenti tat-trasport huwa importanti biex tiġi ffaċilitata bidla modali sostanzjali u biex jintlaħqu l-miri stabbiliti fl-Istrateġija Komprensiva għal Mobbiltà Sostenibbli u Intelliġenti. Għalhekk, jenħtieġ li jiġu kkunsidrati wkoll aktar miżuri biex tiżdied il-kompetittività bil-ferrovija, bħal imposti aktar baxxi għall-aċċess għall-binarji. B'domanda akbar għall-kapaċità ferrovjarja kemm mis-servizzi tat-trasport tal-passiġġieri kif ukoll tal-merkanzija, se jkun meħtieġa wkoll investimenti biex jitwettqu dawk il-miżuri għat-titjib tal-kapaċità.*

### **Emenda 4**

#### **Proposta għal regolament Premessa 2d (ġdida)**

**(2d) L-objettivi tal-bidla għall-ferroviji fil-livell tal-UE jeħtieġu miri nazzjonali bbażati fuq pjanijiet nazzjonali konkreti żviluppati mill-Istati Membri b'segwitu ta' approċċ minn isfel għal fuq.**

*Ġustifikazzjoni*

*Mingħajr pjanijiet nazzjonali li l-għan tagħhom huwa li jilhqqu l-objettivi ġenerali tal-UE, dawn l-objettivi se jibqgħu biss ambizzjoni mingħajr pjanijiet konkreti realistiċi li jistgħu jiġu mmonitorjati u mmodifikati jekk ikun hemm bżonn.*

**Emenda 5**

**Proposta għal regolament  
Premessa 5**

(5) Il-ġestjoni tal-kapaċità infrastrutturali ferrovjarja u l-ġestjoni tat-traffiku ferrovjarju huma kruċjali għall-funzjonament tajjeb tas-settur ferrovjarju. L-operazzjoni tas-servizzi tat-trasport ferrovjarju jeħtieġ tiġi pplanata u kkoordinata bir-reqqa biex il-ferroviji b'karatteristiċi differenti ħafna, bħall-veloċità u d-distanza tal-ibbrejtkjar, ikunu jistgħu jikkondividu b'mod sikur l-istess binarji. L-aħjar ġestjoni tal-kapaċità toħloq aktar opportunitajiet għas-servizzi ferrovjarji, u żżid l-affidabbiltà tagħhom. Ir-Regolament jenħtieġ li jipprovdi flessibbiltà biżżejjed ***lill-menijers*** tal-infrastruttura għal ġestjoni effettiva tal-kapaċità filwaqt li jiżgura li l-impriżi ferrovjarji kollha jiġu ttrattati mingħajr diskriminazzjoni fl-aċċess tagħhom għan-network.

(5) Il-ġestjoni tal-kapaċità infrastrutturali ferrovjarja u l-ġestjoni tat-traffiku ferrovjarju huma kruċjali għall-funzjonament tajjeb tas-settur ferrovjarju. L-operazzjoni tas-servizzi tat-trasport ferrovjarju jeħtieġ ***li*** tiġi pplanata u kkoordinata bir-reqqa biex il-ferroviji b'karatteristiċi differenti ħafna, bħall-veloċità u d-distanza tal-ibbrejtkjar, ikunu jistgħu jikkondividu b'mod sikur l-istess binarji. L-aħjar ġestjoni tal-kapaċità toħloq aktar opportunitajiet għas-servizzi ferrovjarji, u żżid l-affidabbiltà tagħhom, ***li huwa rekwiżit partikolarment importanti għaż-żieda fis-suq ta' ferroviji ta' billejl kif ukoll l-ambizzjonijiet biex il-merkanzija tinbidel għal merkanzija bil-ferrovija.*** Ir-Regolament jenħtieġ li jipprovdi flessibbiltà biżżejjed ***lill-manijers*** tal-infrastruttura għal ġestjoni effettiva tal-kapaċità filwaqt li jiżgura li l-impriżi ferrovjarji kollha jiġu ttrattati mingħajr diskriminazzjoni fl-aċċess tagħhom għan-network.



## Emenda 6

### Proposta għal regolament Premessa 6

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(6) Id-Direttiva 2012/34/UE tirrikonoxxi d-dritt tal-Istati Membri li ma japplikawx ir-regoli dwar l-allokazzjoni tal-kapaċità infrastrutturali ferrovjarja għal ċerti partijiet tan-network ferrovjarju jew għal ċerti servizzi ferrovjarji, meta ***din l-esklużjoni*** mill-kamp ta' applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni ma tkunx taffettwa l-funzjonament taż-żona ferrovjarja unika Ewropea. Dawn l-esklużjonijiet jenħtieġ li jibqgħu japplikaw u l-Istati Membri jenħtieġ li jibqa' jkollhom id-dritt li jitolbu dan l-esklużjonijiet fil-futur anke fir-rigward ta' dan ir-Regolament.

## Emenda 7

### Proposta għal regolament Premessa 7

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(7) Ir-regoli u l-proċeduri dwar il-ġestjoni tal-kapaċità infrastrutturali ferrovjarja jenħtieġ li ***jkunu jirriflettu aħjar*** il-ħtiġijiet tas-segmenti kollha tas-suq ferrovjarju. B'mod partikolari, jenħtieġ li jqisu l-ħtieġa ta' stabbiltà fit-tul tal-kapaċità disponibbli għas-servizzi tal-passiġġieri, u l-ħtieġa ta' flessibbiltà fl-immedjat għat-traffiku tal-merkanzija biex twieġeb għad-domanda tas-suq. Għalhekk, il-proċess tal-ġestjoni tal-kapaċità jenħtieġ li ma jibqax ikollu fokus predominantament annwali, iżda jiġi organizzat fi tliet fażijiet sussegwenti ta' ppjanar strateġiku tal-kapaċità; skedar tas-servizzi ferrovjarji u l-allokazzjoni tal-kapaċità; u adattament u skedar mill-ġdid tal-kapaċità. L-introduzzjoni ta' fażijiet definiti u strutturati aħjar li jipprevedu l-

#### *Emenda*

(6) Id-Direttiva 2012/34/UE tirrikonoxxi d-dritt tal-Istati Membri li ma japplikawx ir-regoli dwar l-allokazzjoni tal-kapaċità infrastrutturali ferrovjarja għal ċerti partijiet tan-network ferrovjarju jew għal ċerti servizzi ferrovjarji, meta ***tali esklużjoni*** mill-kamp ta' applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni ma tkunx taffettwa l-funzjonament taż-żona ferrovjarja unika Ewropea. Dawn l-esklużjonijiet, ***filwaqt li huma strettament limitati***, jenħtieġ li jibqgħu japplikaw u l-Istati Membri jenħtieġ li jibqa' jkollhom id-dritt li jitolbu dan l-esklużjonijiet fil-futur anke fir-rigward ta' dan ir-Regolament.

#### *Emenda*

(7) Ir-regoli u l-proċeduri dwar il-ġestjoni tal-kapaċità infrastrutturali ferrovjarja jenħtieġ li ***jqisu u jissodisfaw*** il-ħtiġijiet tas-segmenti kollha tas-suq ferrovjarju ***b'mod mhux diskriminatorju***. B'mod partikolari, jenħtieġ li jqisu l-ħtieġa ta' stabbiltà fit-tul tal-kapaċità disponibbli għas-servizzi tal-passiġġieri, u l-ħtieġa ta' flessibbiltà fl-immedjat għat-traffiku tal-merkanzija biex twieġeb għad-domanda tas-suq. Għalhekk, il-proċess tal-ġestjoni tal-kapaċità jenħtieġ li ma jibqax ikollu fokus predominantament annwali, iżda jiġi organizzat fi tliet fażijiet sussegwenti ta' ppjanar strateġiku tal-kapaċità; skedar tas-servizzi ferrovjarji u l-allokazzjoni tal-kapaċità; u adattament u skedar mill-ġdid tal-kapaċità. L-introduzzjoni ta' fażijiet definiti u strukturati aħjar li jipprevedu l-

possibbiltà ta' ppjanar fit-tul u adattament fi żmien qasir fil-ġestjoni tal-kapaċità, tkun ta' benefiċċju partikolari għas-servizzi li huma anqas faċli li jiġu ppjanati minn qabel jew li huma aktar kumplessi biex jiġu organizzati, bħall-ferroviji tal-merkanzija u l-ferroviji tal-passiġġieri transfruntieri.

possibbiltà ta' ppjanar fit-tul u adattament fi żmien qasir fil-ġestjoni tal-kapaċità, tkun ta' benefiċċju partikolari għas-servizzi li huma anqas faċli li jiġu ppjanati minn qabel jew li huma aktar kumplessi biex jiġu organizzati, bħall-ferroviji tal-merkanzija u l-ferroviji tal-passiġġieri transfruntieri, ***inklużi ferroviji ta' billejl.***

## Emenda 8

### Proposta għal regolament

#### Premessa 8

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

(8) Porzjon dejjem akbar tan-network ferrovjarju tal-Unjoni hu konġestjonat jew qrib li jkun konġestjonat u ma jistax jakkomoda l-ħtiġijiet tal-kapaċità infrastrutturali ferrovjarja tal-applikanti kollha u jappoġġa aktar tkabbir fil-volum tat-trasport ferrovjarju. L-iżvilupp tal-infrastruttura u d-diġitalizzazzjoni, skont l-ispeċifikazzjoni teknika għall-interoperabbiltà żviluppata skont id-Direttiva (UE) 2016/797 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, b'mod partikolari s-Sistema Ewropea tal-Ġestjoni tat-Traffiku Ferrovjarju ("ERTMS"), mistennija joħolqu żieda fil-kapaċità disponibbli fi żmien medju u fit-tul. Madankollu, ***il-maniġers*** tal-infrastruttura se jkunu meħtieġa jassenjaw prijoritajiet għall-użu tas-sezzjonijiet konġestjonati. Mingħajr preġudizzju għall-prinċipji ġenerali dwar il-prijorità stabbiliti mill-Istati Membri fil-qafas tal-allokazzjoni tal-kapaċità infrastrutturali, ***il-maniġers*** tal-infrastruttura jenħtieġ li jieħdu deċiżjonijiet dwar il-prijoritajiet b'metodoloġiji trasparenti u armonizzati li jiċċaraw kif id-deċiżjoni tagħhom qiesu u ġew affettwati minn fatturi soċjali, ekonomiċi u ambjentali.

##### *Emenda*

(8) Porzjon dejjem akbar tan-network ferrovjarju tal-Unjoni hu konġestjonat jew qrib li jkun konġestjonat u ma jistax jakkomoda l-ħtiġijiet tal-kapaċità infrastrutturali ferrovjarja tal-applikanti kollha u jappoġġa aktar tkabbir fil-volum tat-trasport ferrovjarju. L-iżvilupp tal-infrastruttura u d-diġitalizzazzjoni, skont l-ispeċifikazzjoni teknika għall-interoperabbiltà żviluppata skont id-Direttiva (UE) 2016/797 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, b'mod partikolari s-Sistema Ewropea tal-Ġestjoni tat-Traffiku Ferrovjarju ("ERTMS"), mistennija joħolqu żieda fil-kapaċità disponibbli fi żmien medju u fit-tul. Madankollu, ***il-maniġers*** tal-infrastruttura se jkunu meħtieġa jassenjaw prijoritajiet għall-użu tas-sezzjonijiet konġestjonati. Mingħajr preġudizzju għall-prinċipji ġenerali dwar il-prijorità stabbiliti mill-Istati Membri fil-qafas tal-allokazzjoni tal-kapaċità infrastrutturali, ***il-maniġers*** tal-infrastruttura jenħtieġ li jieħdu deċiżjonijiet dwar il-prijoritajiet b'metodoloġiji trasparenti u armonizzati li jiċċaraw kif id-deċiżjoni tagħhom qiesu u ġew affettwati minn fatturi soċjali, ekonomiċi u ambjentali. ***Dawn il-kriterji soċjoekonomiċi u ambjentali jenħtieġ li jkunu bbażati fuq metodi aċċettati u l-aqwa għarfien disponibbli. Għalhekk, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata s-***

*setgħa li tadotta att delegat li jistabbilixxi l-proċeduri, il-kriterji u l-metodoloġji. Meta tħejji dak l-att delegat, jenħtieġ li l-Kummissjoni tikkoopera man-Network Ewropew tal-Maniġers tal-Infrastruttura (ENIM) u mal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ferroviji (ERA) stabbilita bir-Regolament (UE) 2016/796<sup>1a</sup>.*

---

*<sup>1a</sup> Ir-Regolament (UE) 2016/796 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Mejju 2016 dwar l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ferroviji u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 881/2004 (ĠU L 138, 26.5.2016, p. 1).*

## **Emenda 9**

### **Proposta għal regolament Premessa 8a (ġdida)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(8a) Il-kapaċità tal-infrastruttura ferrovjarja eżistenti mhijiex biżżejjed biex jintlaħqu l-objettivi tal-bidla għall-ferroviji tal-Unjoni għall-2030 u l-2050. Fil-fatt bejn 1990 u 2021 in-network ferrovjarju fl-Unjoni naqas b'aktar minn 12 000 km. Il-kisba tal-objettivi tal-bidla modali tal-Unjoni tiddependi primarjament fuq iż-żieda fl-effiċjenza ferrovjarja u t-tisħiħ tal-kapaċità ferrovjarja, b'din il-kapaċità ferrovjarja teħtieġ investimenti għall-manutenzjoni, it-tiġdid u l-kostruzzjoni ġdida tal-infrastruttura ferrovjarja. Dan jinkludi l-ingranaġġ tal-baġits nazzjonali, il-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa (FNE) stabbilita stabbilit permezz tar-Regolament (UE) 2021/1153 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>1a</sup>, u investimenti privati biex jiġu indirizzati r-rabtiet neqsin kruċjali u jitnaqqsu l-punti ta' konġestjoni, kif ukoll livelli xierqa ta' finanzjament għall-manutenzjoni. B'mod partikolari, l-Istati Membri jenħtieġ li jipprevjenu d-degradazzjoni tal-infrastruttura*

*ferrovjarja u jenħtieġ li jimminimizzaw l-impatt tar-restrizzjonijiet possibbli tal-kapaçità billi jiżguraw finanzjament fit-tul adegwat, stabbli u f'waqtu permezz ta' fiehimiet ta' prestazzjoni pluriennali li jenħtieġ li jiġu konklużi bejn l-Istat Membru u l-manigier tal-infrastruttura għall-perjodu ta' mill-inqas ħames snin.*

---

*1<sup>a</sup> Ir-Regolament (UE) 2021/1153 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Lulju 2021 li jistabbilixxi l-Façilità Nikkollegaw l-Ewropa u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 1316/2013 u (UE) Nru 283/2014 (ĠU L 249, 14.7.2011, p. 38).*

## Emenda 10

### Proposta għal regolament Premessa 9

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(9) L-ippjanar strateġiku tal-kapaçità jenħtieġ li jtejjeb l-użu tal-infrastruttura ferrovjarja billi jantiçipa d-domanda għas-servizzi ferrovjarji u jqis l-iżvilupp, it-tiġdid u l-manutenzjoni ppjanati tal-infrastruttura. Jenħtieġ li jiżgura li l-kapaçità infrastrutturali ferrovjarja tiġi allokata b'mod li jimmassimizza l-valur tas-servizzi ferrovjarji għas-soçjetà. Jenħtieġ li ***l-menigiers*** tal-infrastruttura jiżguraw li l-ippjanar strateġiku jipprovdi livell dejjem akbar ta' dettalji dwar il-kapaçità disponibbli u li dan ikun il-bażi għall-allokazzjoni tal-kapaçità.

#### *Emenda*

(9) L-ippjanar strateġiku tal-kapaçità jenħtieġ li jtejjeb l-użu tal-infrastruttura ferrovjarja billi jantiçipa d-domanda għas-servizzi ferrovjarji u jqis l-iżvilupp, it-tiġdid u l-manutenzjoni ppjanati tal-infrastruttura. Jenħtieġ li jiżgura li l-kapaçità infrastrutturali ferrovjarja tiġi allokata b'mod li jimmassimizza l-valur tas-servizzi ferrovjarji għas-soçjetà ***filwaqt li jitqiesu l-impatti soçjoekonomiçi u ambjentali***. Jenħtieġ li ***l-manigiers*** tal-infrastruttura jiżguraw li l-ippjanar strateġiku jipprovdi livell dejjem akbar ta' dettalji dwar il-kapaçità disponibbli u li dan ikun il-bażi għall-allokazzjoni tal-kapaçità. ***L-applikanti, il-Pjattaforma Ferrovjarja Ewropea, il-klijenti tas-servizzi tat-trasport ferrovjarju u l-assoçjazzjonijiet tagħhom, l-awtoritajiet pubbliçi tal-Unjoni u nazzjonali jenħtieġ li jiġu kkonsultati matul l-ippjanar strateġiku, u jenħtieġ li jkollhom l-opportunità li jipprovdu kontribut dwar l-istudju "l-Analiżi tal-iżviluppi mistennija***

*fis-suq tat-trasport” kif imsemmi fl-Artikolu 15” u li joffru kummenti indipendenti dwar is-sejbiet.*

## **Emenda 11**

### **Proposta għal regolament**

#### **Premessa 11**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(11) Meta jallokaw il-kapaċità, ***il-manigiers*** tal-infrastruttura jenħtieġ li jaderixxu mal-pjanijiet strateġiċi tal-provvista tal-kapaċità u fl-istess ħin jiżguraw li l-kapaċità tiġi allokata skont id-domanda tas-suq b’mod ġust u nondiskriminatorju. Għal dak il-għan, xi talbiet għall-kapaċità jistgħu jiġu rifjutati u l-pjan tal-provvista tal-kapaċità jrid jiġi aġġornat regolarment biex ikun jirrifletti d-domanda attwali.

*Emenda*

(11) Meta jallokaw il-kapaċità, ***il-manigiers*** tal-infrastruttura jenħtieġ li jaderixxu mal-pjanijiet strateġiċi tal-provvista tal-kapaċità u fl-istess ħin jiżguraw li l-kapaċità tiġi allokata skont id-domanda tas-suq b’mod ġust u nondiskriminatorju. Għal dak il-għan, xi talbiet għall-kapaċità jistgħu ***jiġu offruti kapaċità addizzjonali jew, jekk ma teżistix possibbiltà oħra***, jiġu rifjutati u l-pjan tal-provvista tal-kapaċità jrid jiġi aġġornat regolarment biex ikun jirrifletti d-domanda attwali.

## **Emenda 12**

### **Proposta għal regolament**

#### **Premessa 11a (ġdida)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(11a) ***F’diversi swieq ferrovjarji nazzjonali, il-maniġer tal-infrastruttura huwa parti minn kumpanija azzjonarja integrata vertikalment b’operatur wieħed jew aktar tat-trasport tal-passiġġieri u tal-merkanzija. Filwaqt li tiġi allokata kapaċità lil dawn l-impriżi ferrovjarji, huwa tal-akbar importanza għall-funzjonament xieraq tas-suq li l-kapaċità tiġi allokata b’mod ġust, raġonevoli u mhux diskriminatorju. B’mod partikolari, informazzjoni sensittiva kondiviża mal-maniġer tal-infrastruttura bħala parti mill-proċess ta’ allokazżjoni tal-kapaċità jenħtieġ li titqies bħala kunfidenzjali.***

*Emenda*

## Emenda 13

### Proposta għal regolament Premessa 12

*Test propost mill-Kummissjoni*

(12) Is-segmenti differenti tas-suq ferrovjarju għandhom kapaċitajiet differenti biex jantiċipaw il-ħtiġijiet tal-kapaċità infrastrutturali ferrovjarja tagħhom. Xi fornituri tas-servizzi tal-merkanzija, b' mod partikolari, jaf ma jkunux jistgħu jidentifikaw il-ħtiġijiet tal-kapaċità tagħhom fil-ħin biex jiġu inklużi fl-iskeda operatorja, ***jiġifieri*** fil-pjan annwali għall-movimenti ferrovjarji u tal-vetturi ferrovjarji, u jaf ma jkunux joqogħdu fl-iskeda annwali tiegħu. Għalhekk, ***il-meniġers*** tal-infrastruttura jenħtieġ li jkunu jistgħu joffru kapaċità ta' kwalità u kwantità biżżejjed anke għas-servizzi ferrovjarji li jkollhom domanda instabbli, li jiġu organizzati fi żmien relattivament qasir, li jkunu jinkludu aktar minn vjaġġ ferrovjarju wieħed, u li jistgħu jiġihaddmu kemm-il darba għal perjodu taż-żmien li ma jistax jaħbat mat-tul tal-perjodu tal-iskeda operatorja.

## Emenda 14

### Proposta għal regolament Premessa 12a (ġdida)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

(12) Is-segmenti differenti tas-suq ferrovjarju għandhom kapaċitajiet differenti biex jantiċipaw il-ħtiġijiet tal-kapaċità infrastrutturali ferrovjarja tagħhom. Xi fornituri tas-servizzi tal-merkanzija, b' mod partikolari, jaf ma jkunux jistgħu jidentifikaw il-ħtiġijiet tal-kapaċità tagħhom fil-ħin biex jiġu inklużi fl-iskeda operatorja, ***li qiegħda*** fil-pjan annwali għall-movimenti ferrovjarji u tal-vetturi ferrovjarji, u jaf ma jkunux joqogħdu fl-iskeda annwali tiegħu. Għalhekk, ***il-maniġers*** tal-infrastruttura jenħtieġ li jkunu jistgħu joffru kapaċità ta' kwalità u kwantità biżżejjed anke għas-servizzi ferrovjarji li jkollhom domanda instabbli, li jiġu organizzati fi żmien relattivament qasir, li jkunu jinkludu aktar minn vjaġġ ferrovjarju wieħed, u li jistgħu jiġihaddmu kemm-il darba għal perjodu taż-żmien li ma jistax jaħbat mat-tul tal-perjodu tal-iskeda operatorja. ***Dan it-tip ta' kapaċità offruta jista' jiġi offrut ukoll f'pakkett ta' mogħdijiet ferrovjarji mhux riżervati minimi kkalkolati minn qabel li mbagħad jistgħu jiġu allokati fi żmien qasir.***



*il-manigiers tal-infrastruttura bejn il-fruntieri, b'mod partikolari meta l-manigier tal-infrastruttura jippjana minn qabel il-kapaċità billi juża skedi ċikliċi integrati.*

## Emenda 15

### Proposta għal regolament Premessa 14

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(14) Parti sinifikanti mit-trasport **ferrovarju** tal-merkanzija hu fuq distanzi twal u jeħtieġ koordinazzjoni transfruntiera **tal-manigiers** tal-infrastruttura. L-għan ta' politika li jżied it-traffiku ferrovarju jiddependi wkoll fuq it-tkabbir tas-servizzi transfruntieri tal-passiġġieri. Biex jiġi ffaċilitat u promoss traffiku dejjem aktar transfruntier fiż-żona ferrovarja unika Ewropea, jeħtieġ **ikunu** żgurati konsistenza u armonizzazzjoni akbar tar-regoli u tal-proċeduri dwar il-ġestjoni tal-kapaċità infrastrutturali ferrovarja. Għaldaqstant, ir-rwol tan-Network Ewropew **tal-Manigiers** tal-Infrastruttura jenħtieġ li jissaħħaħ biex jiġi fdat bl-iżvilupp ta' linji gwida għall-implimentazzjoni armonizzata ta' dan ir-Regolament dwar il-proċeduri u l-metodoloġiji għall-ġestjoni tal-kapaċità infrastrutturali ferrovarja u bil-koordinazzjoni attiva tal-kapaċità u t-traffiku transfruntieri. B'mod partikolari, in-Network Ewropew **tal-Manigiers** tal-Infrastruttura jenħtieġ li jiżviluppa oqfsa Ewropej għall-ġestjoni tal-kapaċità, għall-koordinazzjoni transfruntiera tal-ġestjoni tat-traffiku, tal-ġestjoni tat-tfixkil u tal-ġestjoni tal-kriżijiet, u għar-rieżami tal-prestazzjoni.

#### *Emenda*

(14) Parti sinifikanti mit-trasport **ferrovjarju** tal-merkanzija hu fuq distanzi twal u jeħtieġ koordinazzjoni transfruntiera **tal-manigiers** tal-infrastruttura. L-għan ta' politika li jżied it-traffiku ferrovarju jiddependi wkoll fuq it-tkabbir tas-servizzi transfruntieri tal-passiġġieri. Biex jiġi ffaċilitat u promoss traffiku dejjem aktar transfruntier fiż-żona ferrovarja unika Ewropea, jeħtieġ **li jkunu** żgurati konsistenza u armonizzazzjoni akbar tar-regoli u tal-proċeduri dwar il-ġestjoni tal-kapaċità infrastrutturali ferrovarja. Għaldaqstant, ir-rwol tan-Network Ewropew **tal-Manigiers** tal-Infrastruttura jenħtieġ li jissaħħaħ biex jiġi fdat bl-iżvilupp ta' linji gwida għall-implimentazzjoni armonizzata ta' dan ir-Regolament dwar il-proċeduri u l-metodoloġiji għall-ġestjoni tal-kapaċità infrastrutturali ferrovarja u bil-koordinazzjoni attiva tal-kapaċità u t-traffiku transfruntieri. B'mod partikolari, in-Network Ewropew **tal-Manigiers** tal-Infrastruttura jenħtieġ li jiżviluppa oqfsa Ewropej għall-ġestjoni tal-kapaċità, għall-koordinazzjoni transfruntiera tal-ġestjoni tat-traffiku, tal-ġestjoni tat-tfixkil u tal-ġestjoni tal-kriżijiet, u għar-rieżami tal-prestazzjoni. **L-impriżi ferrovarji, l-applikanti u partijiet ikkonċernati operazzjonali oħra jenħtieġ li jiġu kkonsultati wkoll fl-iżvilupp ta' dawn l-oqfsa Ewropej.**

## Emenda 16

### Proposta għal regolament Premessa 15

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(15) L-oqfsa Ewropej żviluppata min- Network Ewropew ***tal-Meniġers*** tal-Infrastruttura jenħtieġ li jipprovdu linji gwida li ***l-meniġers*** tal-infrastruttura jeħtieġ jagħmlu l-almu kollu tagħhom biex isegwu, filwaqt li jerfgħu r-responsabbiltà għad-deċiżjonijiet operazzjonali tagħhom. Jenħtieġ li ***l-meniġers*** tal-infrastruttura ***jagħtu raġuni għal*** kull devjazzjoni mill-oqfsa żviluppata min-Network Ewropew ***tal-Meniġers*** tal-Infrastruttura. Dan l-approċċ jitqies li jsib il-bilanċ bejn il-ħtiġijiet tal-koordinazzjoni u l-applikazzjoni ta' approċċi armonizzati fiż-żona ferrovjarja unika Ewropea, u l-ħtieġa li l-proċeduri u l-metodoloġiji jiġu adattati għaċ-ċirkostanzi speċifiċi ta' żoni ġeografiċi partikolari. Wara ħames snin ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni jenħtieġ li tivvaluta jekk l-istat ta' konverġenza tal-proċeduri u tal-metodoloġiji u l-effettività tal-proċess ta' koordinazzjoni bejn ***il-meniġers*** tal-infrastruttura, kif ukoll il-progress ġenerali għall-istabbiliment taż-żona ferrovjarja unika Ewropea, jiġġustifikawx l-introduzzjoni ta' leġislazzjoni sekondarja biex tissostitwixxi elementi tal-oqfsa Ewropej żviluppata min-Network Ewropew ***tal-Meniġers*** tal-Infrastruttura.

## Emenda 17

### Proposta għal regolament Premessa 15a (ġdida)

#### *Emenda*

(15) L-oqfsa Ewropej żviluppata min- Network Ewropew ***tal-Maniġers*** tal-Infrastruttura jenħtieġ li jipprovdu linji gwida li ***l-maniġers*** tal-infrastruttura jeħtieġ ***li*** jagħmlu l-almu kollu tagħhom biex isegwu, filwaqt li jerfgħu r-responsabbiltà għad-deċiżjonijiet operazzjonali tagħhom. Jenħtieġ li ***l-maniġers*** tal-infrastruttura ***jiġġustifikaw*** kull devjazzjoni mill-oqfsa żviluppata min-Network Ewropew ***tal-Maniġers*** tal-Infrastruttura, ***li jenħtieġ li jiġu permessi biss f'każijiet eċċezzjonali u jiġu soġġetti għal approvazzjoni mill-korp regolatorju ferrovjarju nazzjonali***. Dan l-approċċ jitqies li jsib il-bilanċ bejn il-ħtiġijiet tal-koordinazzjoni u l-applikazzjoni ta' approċċi armonizzati fiż-żona ferrovjarja unika Ewropea, u l-ħtieġa li l-proċeduri u l-metodoloġiji jiġu adattati għaċ-ċirkostanzi speċifiċi ta' żoni ġeografiċi partikolari. Wara ħames snin ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni jenħtieġ li tivvaluta jekk l-istat ta' konverġenza tal-proċeduri u tal-metodoloġiji u l-effettività tal-proċess ta' koordinazzjoni bejn ***il-maniġers*** tal-infrastruttura, kif ukoll il-progress ġenerali għall-istabbiliment taż-żona ferrovjarja unika Ewropea, jiġġustifikawx l-introduzzjoni ta' leġislazzjoni sekondarja biex tissostitwixxi elementi tal-oqfsa Ewropej żviluppata min-Network Ewropew ***tal-Maniġers*** tal-Infrastruttura.



**(15a) Biex jiġi żgurat network ferrovjarju Ewropew mingħajr interruzzjoni u jissaħħaħ it-traffiku ferrovjarju transfruntier f'diversi networks kemm għat-trasport tal-merkanzija kif ukoll tal-passiġġieri, jenħtieġ li jiġu assenjati kompiti ġodda lill-ERA. Jenħtieġ li l-ERA tikkoopera mill-qrib mal-ENIM u mal-Koordinatur tan-Network fit-twettiq tal-kompiti l-ġodda tagħha.**

**Emenda 18**

**Proposta għal regolament  
Premessa 15b (ġdida)**

**(15b) Ir-riżorsi tal-ERA mhumiex biżżejjed fi-dawl tal-firxa taż-żieda proposta fil-kompiti tal-Aġenzija u l-iskala tal-ambizzjonijiet tal-Unjoni fi ħdan dan ir-Regolament. Għalhekk, l-ammont ta' riżorsi finanzjarji ddedikat għat-twettiq tal-kompiti tal-ERA fl-ambitu ta' dan ir-Regolament jenħtieġ li jittieħed mill-marġnijiet mhux allokati skont il-limiti massimi tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP) jew jiġi mmobilizzat permezz tal-istrumenti speċjali mhux tematiċi tal-QFP. Peress li l-proposta tal-Kummissjoni għal reviżjoni tal-QFP ma saħħitx il-baġit tal-ERA, iż-żieda fl-appropriazzjonijiet għall-ERA ma tistax tiġi kkompensata bi tnaqqis kumpensatorju tal-infiq ipprogrammat taħt l-FNE Trasport jew twassal għal tnaqqis tal-finanzjament għal kwalunkwe programm ieħor tal-Unjoni.**

**Emenda 19**

**Proposta għal regolament  
Premessa 17**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(17) L-operazzjoni tal-infrastruttura ferrovjarja mhux biss teħtieġ kooperazzjoni mill-qrib bejn ***il-meniġers*** tal-infrastruttura, iżda anki interazzjoni qawwija mal-impriżi ferrovjarji u ma' partijiet ikkonċernati oħra involuti direttament fl-operazzjonijiet tat-trasport ferrovjarju u multimodali u loġistiċi. Għalhekk, jeħtieġ tiġi prevista koordinazzjoni strutturata bejn ***il-meniġers*** tal-infrastruttura u partijiet ikkonċernati oħra.

*Emenda*

(17) L-operazzjoni tal-infrastruttura ferrovjarja mhux biss teħtieġ kooperazzjoni mill-qrib bejn ***il-maniġers*** tal-infrastruttura, iżda anki interazzjoni qawwija mal-impriżi ferrovjarji u ma' partijiet ikkonċernati oħra involuti direttament fl-operazzjonijiet tat-trasport ferrovjarju u multimodali u loġistiċi. Għalhekk, jeħtieġ ***li*** tiġi prevista koordinazzjoni strukturata bejn ***il-maniġers*** tal-infrastruttura u partijiet ikkonċernati oħra. ***Biex jissaħħaħ ir-rwol tal-Impriżi Ferrovjarji u tal-applikanti, l-Pjattaforma Ferrovjarja Ewropea hija stabbilita bħala korp konsultattiv għall-ENIM. L-operaturi tal-faċilitajiet tas-servizzi u t-terminals, partijiet ikkonċernati tal-kapaċità multimodali, bħal portijiet tal-baħar u tal-passaġġi fuq l-ilma intern u s-sidien ta' faċilitajiet tas-servizzi oħra relatati mal-ferroviji, jistgħu wkoll ikunu parti mill-Pjattaforma Ferrovjarja Ewropea. L-ENIM għandu jikkonsulta lill-Pjattaforma Ferrovjarja Ewropea qabel jipprepara l-adozzjoni tal-oqfsa Ewropej għall-Ġestjoni tal-Kapaċità, il-Ġestjoni tat-Traffiku u l-Ġestjoni tal-Prestazzjoni. Barra minn hekk, il-Pjattaforma Ferrovjarja Ewropea tista' ttiprovdi lill-ENIM ħarsa aktar mill-viċin tal-iżviluppi tas-suq u tista' toħroġ ukoll opinjonijiet fuq inizjattiva proprja dwar kwalunkwe proposta jew deċiżjoni mill-ENIM u mill-ERA.***

**Emenda 20**

**Proposta għal regolament  
Premessa 18**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(18) L-affidabbiltà tas-servizzi ferrovjarji hi wieħed mill-aktar aspetti

*Emenda*

(18) L-affidabbiltà tas-servizzi ferrovjarji hi wieħed mill-aktar aspetti

apprezzati mill-klijenti ferrovjarji. L-affidabbiltà tal-iskedi hi wkoll aspett kritiku għall-funzjonament bla xkiel tas-sistema ferrovjarja, li tinvolvi interazzjonijiet qawwija bejn is-servizzi u l-esternalitajiet tan-network. Għal dik ir-raġuni, id-devjazzjonijiet mill-iskeda jenħtieġ li jkunu limitati għall-minimu meħtieġ. Barra minn hekk, jenħtieġ li tiddaħħal sistema ta' inċentivi adegwati li tippromwovi t-twettiq tal-impenji **mill-maniġers** tal-infrastruttura, mill-impriżi ferrovjarji u minn partijiet ikkonċernati rilevanti oħra. Dawk l-inċentivi jenħtieġ li jkollhom natura ekonomika u mhux ekonomika.

apprezzati mill-klijenti ferrovjarji, **u mhux l-anqas rekwiżit kritiku tas-suq tal-ferroviji ta' billejl li qed jerġa' jiżviluppa, fejn il-klijenti u l-applikanti ferrovjarji jeħtieġ li jkunu jafu sew minn qabel kif jistgħu jaħdmu s-servizzi tagħhom.** L-affidabbiltà tal-iskedi hi wkoll aspett kritiku għall-funzjonament bla xkiel tas-sistema ferrovjarja, li tinvolvi interazzjonijiet qawwija bejn is-servizzi u l-esternalitajiet tan-network. Għal dik ir-raġuni, id-devjazzjonijiet mill-iskeda jenħtieġ li jkunu limitati għall-minimu meħtieġ. Barra minn hekk, jenħtieġ li tiddaħħal sistema ta' inċentivi adegwati li tippromwovi t-twettiq tal-impenji **mill-maniġers** tal-infrastruttura, mill-impriżi ferrovjarji, **mill-operaturi ta' faċilitajiet tas-servizzi** u minn partijiet ikkonċernati rilevanti oħra. Dawk l-inċentivi jenħtieġ li jkollhom natura ekonomika u mhux ekonomika.

## Emenda 21

### Proposta għal regolament

#### Premessa 19

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

(19) Il-monitoraġġ kontinwu tal-kwalità tal-infrastruttura ferrovjarja u tas-servizzi tat-trasport hu prekundizzjoni biex titjeb il-prestazzjoni ta' dawn is-servizzi. Għalhekk jeħtieġ tiġi stabbilita sistema trasparenti u oġġettiva ta' indikaturi li tipprovdi rispons dwar aspetti tal-prestazzjoni li huma rilevanti għall-partijiet ikkonċernati operazzjonali differenti u għall-klijenti finali tas-servizzi tat-trasport ferrovjarju. Il-funzjoni ewlenija ta' **dik is-sistema** jenħtieġ li tiffoka fuq il-monitoraġġ tat-twettiq tal-impenji magħmula mill-partijiet ikkonċernati operazzjonali u l-progress fil-prestazzjoni maż-żmien filwaqt li jitqiesu ċ-ċirkostanzi u l-karatteristiċi differenti fi ħdan is-settur ferrovjarju. Għall-istabbiliment ta' **din is-sistema** u l-analiżi tal-output tagħha, il-

##### *Emenda*

(19) Il-monitoraġġ kontinwu tal-kwalità tal-infrastruttura ferrovjarja u tas-servizzi tat-trasport hu prekundizzjoni biex titjeb il-prestazzjoni ta' dawn is-servizzi. Għalhekk, **il-maniġers tal-infrastruttura jenħtieġ li jimmonitorjaw u jivvalutaw il-prestazzjoni tas-servizzi tal-infrastruttura ferrovjarja u tas-servizzi tat-trasport ferrovjarju. Il-maniġers tal-infrastruttura, meta jistabbilixxu l-miri ta' prestazzjoni tagħhom stess fil-pjan imsemmi fl-Artikolu 8(3) tad-Direttiva 2012/34/UE, jenħtieġ li jikkonsultaw lir-regolaturi nazzjonali, lill-ministeri nazzjonali u lill-Kummissjoni sabiex jiżguraw li dawk il-miri jkunu konsistenti mal-miri ta' prestazzjoni tal-Unjoni.** Jeħtieġ ukoll li tiġi stabbilita sistema trasparenti u oġġettiva ta' indikaturi li tipprovdi rispons

Kummissjoni jenħtieġ li *tkun tista' tiddependi fuq* esperti indipendenti fil-forma ta' Korp tar-Rieżami tal-Prestazzjoni. Dan il-korp jenħtieġ li jkun jista' jagħti parir indipendenti lill-Kummissjoni fl-oqsma kollha li jinfluwenzaw il-prestazzjoni tas-servizzi ferrovjarji u l-ġestjoni tal-infrastruttura.

dwar aspetti tal-prestazzjoni li huma rilevanti għall-partijiet ikkonċernati operazzjonali differenti u għall-klijenti finali tas-servizzi tat-trasport ferrovjarju. Il-funzjoni ewlenija ta' *tali sistema* jenħtieġ li tiffoka fuq il-monitoraġġ tat-tweqqif tal-impenji magħmula mill-partijiet ikkonċernati operazzjonali u l-progress fil-prestazzjoni maż-żmien filwaqt li jitqiesu ċ-ċirkostanzi u l-karatteristiċi differenti fi ħdan is-settur ferrovjarju. Għall-istabbiliment ta' *tali sistema* u l-analiżi tal-output tagħha, il-Kummissjoni *u l-ERA* jenħtieġ li *jkunu jistgħu jiddependu minn* esperti indipendenti *b'għarfien profond tas-settur ferrovjarju* fil-forma ta' Korp tar-Rieżami tal-Prestazzjoni. Dan il-korp jenħtieġ li jkun jista' jagħti parir *espert* indipendenti lill-Kummissjoni *u lill-ERA* fl-oqsma kollha li jinfluwenzaw il-prestazzjoni tas-servizzi ferrovjarji u l-ġestjoni tal-infrastruttura.

## Emenda 22

### Proposta għal regolament

#### Premessa 20

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

(20) Biex titjeb il-prestazzjoni tas-servizzi tal-infrastruttura ferrovjarja fiż-żona ferrovjarja unika Ewropea, jenħtieġ li *l-meniġers* tal-infrastruttura, b'kooperazzjoni mill-qrib mal-Kummissjoni, il-Korp tar-Rieżami tal-Prestazzjoni u l-partijiet ikkonċernati rilevanti, *jistabilixxu u* jimplimentaw qafas komuni għar-rieżami tal-prestazzjoni. Dan il-qafas jenħtieġ li jiżgura li *l-meniġers* tal-infrastruttura kollha tal-UE jużaw prinċipji u metodoloġiji komuni għall-kejl tal-prestazzjoni skont indikaturi miftiehma. Il-qafas jenħtieġ li jippermetti l-identifikazzjoni tan-nuqqasijiet fil-prestazzjoni fuq in-network ferrovjarju tal-UE. Jenħtieġ li dan jiżgura li *l-meniġers* tal-infrastruttura jistabilixxu objettivi tal-prestazzjoni b'mod li jqis l-ispeċifitajiet

##### *Emenda*

(20) Biex titjeb il-prestazzjoni tas-servizzi tal-infrastruttura ferrovjarja fiż-żona ferrovjarja unika Ewropea, jenħtieġ li *l-maniġers* tal-infrastruttura, b'kooperazzjoni mill-qrib mal-Kummissjoni, *l-ERA*, il-Korp tar-Rieżami tal-Prestazzjoni u l-partijiet ikkonċernati rilevanti, jimplimentaw qafas komuni għar-rieżami tal-prestazzjoni. Dan il-qafas jenħtieġ li jiżgura li *l-maniġers* tal-infrastruttura kollha tal-UE jużaw prinċipji u metodoloġiji komuni għall-kejl tal-prestazzjoni skont indikaturi miftiehma. Il-qafas jenħtieġ li jippermetti l-identifikazzjoni tan-nuqqasijiet fil-prestazzjoni fuq in-network ferrovjarju tal-UE. Jenħtieġ li dan jiżgura li *l-maniġers* tal-infrastruttura jistabilixxu objettivi tal-prestazzjoni b'mod li jqis l-ispeċifitajiet

tan-network li jimmaniġġaw, u fl-istess ħin jiżgura koerenza fl-identifikazzjoni tal-aktar nuqqasijiet rilevanti fil-prestazzjoni. Il-qafas jenħtieġ li jippermetti ***lill-meniġers*** tal-infrastruttura jikkooperaw fil-livell tal-UE biex jinstabu miżuri li jindirizzaw in-nuqqasijiet fil-prestazzjoni u jżommu rendikont tal-impatt tagħhom. Jenħtieġ li ***l-meniġers*** tal-infrastruttura, li jaħdmu flimkien fin-Network Ewropew ***għall-Maniġers*** tal-Infrastruttura u filwaqt li jqisu l-opinjoni tal-Korp tar-Rieżami tal-Prestazzjoni u tal-Kummissjoni, ***jirrevedu*** dan il-qafas regolament biex jiżguraw li jkun adattat għall-iskop tiegħu.

## Emenda 23

### Proposta għal regolament Premessa 22

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(22) Jenħtieġ li l-korpi regolatorji ferrovjarji jikkooperaw fil-livell tal-Unjoni biex jiżguraw l-applikazzjoni koerenti tal-qafas regolatorju u t-trattament konsistenti tal-applikanti fiż-żona ferrovjarja unika Ewropea. Jenħtieġ li jagħmlu dan permezz tan-Network Ewropew tal-Korpi Regolatorji Ferrovjarji biex jiżviluppaw prattiki komuni għat-teħid tad-deċiżjonijiet li qed jingħataw is-setgħa għalihom b'dan ir-Regolament. Għal dak il-għan, ***in-Network Ewropew tal-Korpi Regolatorji Ferrovjarji*** jenħtieġ li jwettaq kompiti tal-koordinazzjoni u jadotta rakkomandazzjonijiet u opinjonijiet mhux vinkolanti, li jenħtieġ li ma jkunux jaffettwaw il-kompetenzi tal-korpi regolatorji ferrovjarji jew ***tal-meniġers*** tal-infrastruttura.

tan-network li jimmaniġġaw, u fl-istess ħin jiżgura koerenza fl-identifikazzjoni tal-aktar nuqqasijiet rilevanti fil-prestazzjoni. Il-qafas jenħtieġ li jippermetti ***lill-meniġers*** tal-infrastruttura jikkooperaw fil-livell tal-UE, ***inkluż fl-ERA*** biex jinstabu miżuri li jindirizzaw in-nuqqasijiet fil-prestazzjoni u jżommu rendikont tal-impatt tagħhom. Jenħtieġ li ***l-meniġers*** tal-infrastruttura, li jaħdmu flimkien ***mal-ERA*** fin-Network Ewropew ***għall-Maniġers*** tal-Infrastruttura u filwaqt li jqisu l-opinjoni tal-Korp tar-Rieżami tal-Prestazzjoni u tal-Kummissjoni, ***jirrieżaminaw*** dan il-qafas regolament biex jiżguraw li jkun adattat għall-iskop tiegħu.

#### *Emenda*

(22) Jenħtieġ li l-korpi regolatorji ferrovjarji jikkooperaw fil-livell tal-Unjoni biex jiżguraw l-applikazzjoni koerenti tal-qafas regolatorju u t-trattament konsistenti tal-applikanti fiż-żona ferrovjarja unika Ewropea. Jenħtieġ li jagħmlu dan permezz tan-Network Ewropew tal-Korpi Regolatorji Ferrovjarji (***ENRRB***) biex jiżviluppaw prattiki komuni għat-teħid tad-deċiżjonijiet li qed jingħataw is-setgħa għalihom b'dan ir-Regolament. Għal dak il-għan, ***l-ENRRB*** jenħtieġ li jwettaq kompiti tal-koordinazzjoni u jadotta rakkomandazzjonijiet u opinjonijiet mhux vinkolanti, li jenħtieġ li ma jkunux jaffettwaw il-kompetenzi tal-korpi regolatorji ferrovjarji jew ***tal-meniġers*** tal-infrastruttura. ***L-ENRRB jenħtieġ li jivverifika l-kompatibbiltà tal-oqfsa Ewropej mal-objettivi regolatorji tar-Regolament. Is-superviżjoni regolatorja jenħtieġ li tkun imfassla b'tali mod li d-deċiżjonijiet nazzjonali ma jkunux jistgħu jimminaw il-proċeduri armonizzati deskritti fl-oqfsa Ewropej, sakemm ma***

## Emenda 24

### Proposta għal regolament

#### Premessa 23

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

(23) Il-ġestjoni effiċjenti tal-kapaċità ferrovjarja u tat-traffiku teħtieġ l-iskambju ta' data u informazzjoni bejn *il-menijers* tal-infrastruttura, l-applikanti u partijiet ikkonċernati operazzjonali oħra. Dan l-iskambju jista' jkun konsiderevolment aktar effettiv u effiċjenti bl-appoġġ ta' għodod diġitali interoperabbli u, meta possibbli, bl-awtomatizzazzjoni. Għalhekk, l-ispeċifikazzjonijiet għall-interoperabbiltà jenħtieġ li jiġu implimentati bħala prijorità u jiġu żviluppati aktar biex ikunu jlaħħqu mal-iżviluppi teknoloġiċi u mal-proċessi l-ġodda ppreżentati f'dan ir-Regolament.

##### *Emenda*

(23) Il-ġestjoni effiċjenti tal-kapaċità ferrovjarja u tat-traffiku teħtieġ l-iskambju ta' data u informazzjoni bejn *il-manijers* tal-infrastruttura, l-applikanti u partijiet ikkonċernati operazzjonali oħra. Dan l-iskambju jista' jkun konsiderevolment aktar effettiv u effiċjenti bl-appoġġ ta' għodod diġitali interoperabbli u, meta possibbli, bl-awtomatizzazzjoni. Għalhekk, l-ispeċifikazzjonijiet għall-interoperabbiltà jenħtieġ li jiġu implimentati bħala prijorità u jiġu żviluppati aktar biex ikunu jlaħħqu mal-iżviluppi teknoloġiċi u mal-proċessi l-ġodda ppreżentati f'dan ir-Regolament. ***Sabiex jiġu żgurati żvilupp u implimentazzjoni rapidi, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta att delegat għall-implimentazzjoni u l-governanza ta' ġestjoni diġitali integrata tat-traffiku ferrovjarju Ewropew. Peress li l-ERA hija l-awtorità tas-sistema Ewropea għall-applikazzjonijiet telematiċi, jenħtieġ li tkun involuta mill-qrib fl-iżvilupp u fl-implimentazzjoni tal-għodod diġitali msemmija fl-Artikolu 62 ta' dan ir-Regolament biex jiġi żgurat li dawn ikunu konformi mat-TSI għall-applikazzjonijiet telematiċi kif definit fid-Direttiva (UE) 2016/797 u f'konformità mal-Artikolu 23 tar-Regolament (UE) 2016/796.***

## Emenda 25

### Proposta għal regolament

#### Premessa 23a (ġdida)



**(23a) Il-ħaddiema huma kruċjali għall-funzjonament effiċjenti tas-settur ferrovjarju. Biex is-servizzi jsiru aktar effiċjenti u sabiex tiżdied il-kwalità tagħhom, id-diġitalizzazzjoni hija essenzjali. Id-diġitalizzazzjoni u l-awtomatizzazzjoni tal-kapaċità ferrovjarja u tal-ġestjoni tat-traffiku jehntieg li jkunu akkumpanjati bi żvilupp tal-ħiliet diġitali għall-impjegati tas-settur. Taħriġ u investiment addizzjonali fl-estensjoni tal-kompetenzi diġitali fir-rigward ta' rekwiżiti diġitali ġodda jippermettu lill-ħaddiema jadattaw u jikkontribwixxu b'mod pożittiv għall-funzjonament tajjeb tas-settur permezz ta' titjib tal-komunikazzjoni u l-kapaċità li jittrattaw avvenimenti mhux mistennija.**

## Emenda 26

### Proposta għal regolament Premessa 29

(29) L-evalwazzjoni *ex post* tar-Regolament (UE) Nru 913/2010<sup>20</sup> kkonkludiet li l-impatt tar-Regolament kien limitat wisq biex jikkontribwixxi għall-bidla modali mit-triq għall-ferrovija. Barra minn hekk, il-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri u ***l-meniġers*** tal-infrastruttura fil-ġestjoni tal-infrastruttura ferrovjarja kienet għadha mhux effettiva minn perspettiva transfruntiera. L-evalwazzjoni wriet ukoll li l-ġestjoni separata tal-kapaċità fil-kuritur tal-trasport ***ferrovarju*** tal-merkanzija u fil-bqija tan-network mhix effiċjenti. Jenħtieġ li japplika qafas regolatorju uniku għall-operazzjoni tal-kapaċità tan-network ferrovjarju, li jikkonsolida d-dispożizzjonijiet relatati fid-Direttiva 2012/34/UE u tar-Regolament (UE) Nru 913/2010. Għalhekk, ir-Regolament (UE) Nru 913/2010 u d-

(29) L-evalwazzjoni *ex post* tar-Regolament (UE) Nru 913/2010<sup>20</sup> kkonkludiet li l-impatt tar-Regolament kien limitat wisq biex jikkontribwixxi għall-bidla modali mit-triq għall-ferrovija. Barra minn hekk, il-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri u ***l-maniġers*** tal-infrastruttura fil-ġestjoni tal-infrastruttura ferrovjarja kienet għadha mhux effettiva minn perspettiva transfruntiera. L-evalwazzjoni wriet ukoll li l-ġestjoni separata tal-kapaċità fil-kuritur tal-trasport ***ferrovarju*** tal-merkanzija u fil-bqija tan-network mhix effiċjenti. Jenħtieġ li japplika qafas regolatorju uniku għall-operazzjoni tal-kapaċità tan-network ferrovjarju, li jikkonsolida d-dispożizzjonijiet relatati fid-Direttiva 2012/34/UE u tar-Regolament (UE) Nru 913/2010. Għalhekk, ir-Regolament (UE) Nru 913/2010 u d-

dispożizzjonijiet fid-Direttiva 2012/34/UE dwar l-allokkazzjoni tal-kapaċità jenħtieġ li jiġihassru u jiġu ssostitwiti b'dan ir-Regolament.

---

<sup>20</sup> SWD(2021) 134 final tat-2 ta' Ġunju 2021.

## Emenda 27

### Proposta għal regolament Premessa 29a (ġdida)

*Test propost mill-Kummissjoni*

## Emenda 28

### Proposta għal regolament Premessa 30

*Test propost mill-Kummissjoni*

(30) It-tnejn tal-iskeda operatorja teħtieġ it-tweġiq ta' attivitajiet preparatorji fis-snin ta' qabel id-dħul fis-seħħ tal-iskeda operatorja msemmija. Għalhekk, it-tranżizzjoni mill-qafas regolatorju stabbilit bid-Direttiva **2013/34/UE** u r-Regolament (UE) Nru 913/2010 għal dak stabbilit b'dan ir-Regolament timplika li t-tnejn tal-iskedi operatorji skont il-qafas il-ġdid jenħtieġ li jibdeu fl-istess ħin mal-applikazzjoni tar-regoli skont il-qafas attwali. Għaldaqstant irid japplika reġim

PE752.954

dispożizzjonijiet fid-Direttiva 2012/34/UE dwar l-allokkazzjoni tal-kapaċità jenħtieġ li jiġihassru u jiġu ssostitwiti b'dan ir-Regolament. ***L-Artikoli rilevanti tar-Regolament 1315/2013 dwar il-Linji gwida tal-Unjoni għall-iżvilupp tan-network trans-Ewropew tat-trasport jenħtieġ li jiġu emendati kif xieraq.***

---

<sup>20</sup> SWD(2021) 134 final tat-2 ta' Ġunju 2021.

*Emenda*

***(29a) B'mod simili, jenħtieġ li jiġi żgurat allinjament mar-regolamenti ta' implimentazzjoni li ġejjin, għar-regoli ta' allokkazzjoni fil-faċilitajiet ta' servizzi (ir-Regolament ta' implimentazzjoni (UE) 2017/2177) u għall-proċeduri u l-kriterji dwar ftehimiet qafas (ir-Regolament ta' implimentazzjoni (UE) 2016/545).***

*Emenda*

(30) It-tnejn tal-iskeda operatorja teħtieġ it-tweġiq ta' attivitajiet preparatorji fis-snin ta' qabel id-dħul fis-seħħ tal-iskeda operatorja msemmija. Għalhekk, it-tranżizzjoni mill-qafas regolatorju stabbilit bid-Direttiva **2012/34/UE** u r-Regolament (UE) Nru 913/2010 għal dak stabbilit b'dan ir-Regolament timplika li t-tnejn tal-iskedi operatorji skont il-qafas il-ġdid jenħtieġ li jibdeu fl-istess ħin mal-applikazzjoni tar-regoli skont il-qafas attwali. Għaldaqstant irid japplika reġim

24/138

RR\1298318MT.docx



binarju f'fażi ta' tranżizzjoni li matulha l-passi preparatorji meħtieġa għal skeda operatorja partikolari jenħtieġ li jkunu konformi mal-qafas legali applikabbli għal dik l-iskeda operatorja speċifika. Il-ftehimiet qafas konklużi fil-qafas attwali jenħtieġ li jkollhom il-possibbiltà li jibqgħu ***japplikaw għal perjodu tranżizzjonali skont ir-reġim il-ġdid.***

## Emenda 29

### Proposta għal regolament Premessa 31

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(31) Skont il-qafas il-ġdid, il-passi preparatorji għal skeda operatorja jenħtieġ li jibdew bil-pubblikazzjoni ta' strateġija tal-kapaċità ħames snin qabel id-dħul fis-seħħ ta' skeda operatorja partikolari. Fl-interess ta' applikazzjoni bikrija tal-qafas regolatorju l-ġdid u filwaqt li titqies il-ħidma preparatorja li diġà twettqet mis-settur, l-iskeda tal-attivitajiet li jwasslu għall-istabbiliment tal-ewwel żewġ skedi operatorji tista' titqassar għal 38 xahar billi titqassar il-fażi tal-istrateġija tal-kapaċità. Għaldaqstant, l-ewwel skeda operatorja li taqa' fil-qafas regolatorju l-ġdid jenħtieġ li tkun l-iskeda operatorja li tibda [fid-9 ta' Diċembru 2029]. Il-partijiet ikkonċernati kollha jenħtieġ li jibdew it-tnejn meħtieġa mingħajr dewmien biex jikkonformaw mal-qafas il-ġdid

## Emenda 30

### Proposta għal regolament Artikolu 1 – paragrafu 1a (ġdid)

binarju f'fażi ta' tranżizzjoni li matulha l-passi preparatorji meħtieġa għal skeda operatorja partikolari jenħtieġ li jkunu konformi mal-qafas legali applikabbli għal dik l-iskeda operatorja speċifika. Il-ftehimiet qafas konklużi fil-qafas attwali jenħtieġ li jkollhom il-possibbiltà li jibqgħu ***sa tmiem il-kuntratt tagħhom.***

#### *Emenda*

(31) Skont il-qafas il-ġdid, il-passi preparatorji għal skeda operatorja jenħtieġ li jibdew bil-pubblikazzjoni ta' strateġija tal-kapaċità ħames snin qabel id-dħul fis-seħħ ta' skeda operatorja partikolari. Fl-interess ta' applikazzjoni bikrija tal-qafas regolatorju l-ġdid u filwaqt li titqies il-ħidma preparatorja li diġà twettqet mis-settur, l-iskeda tal-attivitajiet li jwasslu għall-istabbiliment tal-ewwel żewġ skedi operatorji tista' titqassar għal 38 xahar billi titqassar il-fażi tal-istrateġija tal-kapaċità. Għaldaqstant, l-ewwel skeda operatorja li taqa' fil-qafas regolatorju l-ġdid jenħtieġ li tkun l-iskeda operatorja li tibda [fid-9 ta' Diċembru 2029]. Il-partijiet ikkonċernati kollha jenħtieġ li jibdew it-tnejn meħtieġa mingħajr dewmien biex jikkonformaw mal-qafas il-ġdid ***Tista' tiġi kkunsidrata data ta' applikazzjoni aktar kmieni mill-Istati Membri li jistgħu jagħtu prova li wettqu l-passi kollha meħtieġa qabel id-data tal-adozzjoni tar-Regolament.***

**1a. Dan ir-Regolament jistabbilixxi wkoll regoli u proċeduri għall-implimentazzjoni ta' sistema diġitali integrata Ewropea tal-ġestjoni tat-traffiku ferrovjarju.**

### **Emenda 31**

#### **Proposta għal regolament Artikolu 1 – paragrafu 2**

*Test propost mill-Kummissjoni*

2. Dan ir-Regolament japplika għall-użu tal-infrastruttura ferrovjarja għas-servizzi ferrovjarji domestiċi u internazzjonali msemmija fl-Artikolu 1(2) tad-Direttiva 2012/34/UE, inkluż il-faċilitajiet tas-servizzi definiti fl-Artikolu 3(11) ta' dik id-Direttiva.

*Emenda*

2. Dan ir-Regolament japplika **għas-sistema ferrovjarja tal-Unjoni definita fl-Artikolu 2(1) tad-Direttiva (UE) 2016/97**, għall-użu tal-infrastruttura ferrovjarja għas-servizzi ferrovjarji domestiċi u internazzjonali msemmija fl-Artikolu 1(2) tad-Direttiva 2012/34/UE, inkluż il-faċilitajiet tas-servizzi definiti fl-Artikolu 3(11) ta' dik id-Direttiva.

### **Emenda 32**

#### **Proposta għal regolament Artikolu 1 – paragrafu 3**

*Test propost mill-Kummissjoni*

3. Il-Kapitoli II sa V ta' dan ir-Regolament ma għandhomx japplikaw għall-infrastruttura ferrovjarja jew għas-servizzi ferrovjarji li huma esklużi mill-applikazzjoni tal-Kapitolu IV tad-Direttiva 2012/34/UE f'konformità mal-Artikolu 2(3), (3a), (4), (8), (8a) u (10) ta' dik id-Direttiva tul il-perjodu tal-validità tal-esklużjonijiet rilevanti.

*Emenda*

3. Il-Kapitoli II sa V ta' dan ir-Regolament ma għandhomx japplikaw għall-infrastruttura ferrovjarja jew għas-servizzi ferrovjarji li huma esklużi mill-applikazzjoni tal-Kapitolu IV tad-Direttiva 2012/34/UE f'konformità mal-Artikolu 2(3), (3a), (4), (8), (8a), **(9)** u (10) ta' dik id-Direttiva tul il-perjodu tal-validità tal-esklużjonijiet rilevanti.

### **Emenda 33**

**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 2 – paragrafu 3 – punt a**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(a) jużaw il-kapaċità infrastrutturali disponibbli bl-aktar mod effettiv kif jeżiġi l-Artikolu 26 tad-Direttiva 2012/34/UE;

*Emenda*

(a) jużaw il-kapaċità infrastrutturali disponibbli bl-aktar mod effettiv kif jeżiġi l-Artikolu 26 tad-Direttiva 2012/34/UE ***bil-għan li jiżdied is-sehem tat-trasport ferrovjarju, kemm għas-servizzi tat-trasport tal-passiġġieri kif ukoll tal-merkanzija, f'konformità mal-miri klimatiċi tal-Unjoni;***

**Emenda 34**

**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 2 – paragrafu 3 – punt d**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(d) jippermettu traffiku ferrovjarju mingħajr interruzzjoni f'aktar minn network wieħed;

*Emenda*

(d) jippermettu traffiku ferrovjarju mingħajr interruzzjoni ***u puntwali*** f'aktar minn network wieħed ***u fuq livell transfruntier billi jagħmlu ħilithom biex jeliminaw il-punti ta' konġestjoni u l-ostakli operazzjonali;***

**Emenda 35**

**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 2 – paragrafu 3 – punt f**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(f) jirrieżaminaw u jtejbu l-prestazzjoni tal-infrastruttura ferrovjarja u tas-servizzi tat-trasport b'kooperazzjoni mill-qrib mal-operaturi tas-settur ferrovjarju;

*Emenda*

(f) jirrieżaminaw u jtejbu l-prestazzjoni tal-infrastruttura ferrovjarja u tas-servizzi tat-trasport b'kooperazzjoni mill-qrib mal-operaturi tas-settur ferrovjarju, ***li jinkludu faċilitajiet tas-servizzi li huma direttament involuti f'servizz ferrovjarju;***

**Emenda 36**

**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 2 – paragrafu 3 – punt g**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(g) jikkontribwixxu għall-implimentazzjoni u għall-iżvilupp taż-żona ferrovjarja unika Ewropea.

*Emenda*

(g) jikkontribwixxu għall-implimentazzjoni u għall-iżvilupp taż-żona ferrovjarja unika Ewropea, ***b’mod partikolari permezz ta’ regoli u standards tekniċi u operazzjonali, rekwiżiti tat-tagħmir tekniku u ċertifikazzjoni tal-persunal komuni Ewropej.***

**Emenda 37**

**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 4 – paragrafu 2 – punt 1**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(1) “*force majeure*” tfisser avveniment jew sitwazzjoni mhux prevedibbli jew ***mhux tas-soltu*** lil hinn mill-kontroll ***tal-meniġer*** tal-infrastruttura ***jew*** tal-impriża ferrovjarja, li ma tistax ***tiġi evitata jew*** tingħeleb b’antiċipazzjoni u diliġenza raġonevoli, ma tistax tissolva b’miżuri li huma raġonevolment possibbli għalihom mil-lat tekniku, finanzjarju jew ekonomiku, ***u li effettivament grat*** u li ***hija*** oġġettivament verifikabbli, u ***li tagħmilha*** impossibbli ***għall-meniġer*** tal-infrastruttura li jissodisfa, b’mod temporanju jew permanenti, l-obbligi tiegħu f’konformità ma’ dan ir-Regolament jew id-Direttiva 2012/34/UE jew għall-impriża ferrovjarja li tissodisfa l-obbligi kuntrattwali tagħha lejn ***meniġer*** jew ***meniġers*** tal-infrastruttura;

*Emenda*

(1) “*force majeure*” tfisser ***kwalunkwe*** avveniment jew sitwazzjoni mhux prevedibbli, ***inevitabbli*** jew ***eċċezzjonali*** lil hinn mill-kontroll ***tal-meniġer*** tal-infrastruttura, tal-impriża ferrovjarja ***jew tal-applikant***, li ma tistax tingħeleb b’antiċipazzjoni u diliġenza raġonevoli, ma tistax tissolva b’miżuri li huma raġonevolment possibbli għalihom mil-lat tekniku, finanzjarju jew ekonomiku ***inkluża rotta differenti bejn il-fruntieri; dan l-avveniment irid ikun fil-fatt seħħ u jehrieg*** li ***jkun*** oġġettivament verifikabbli, u ***jagħmilha*** impossibbli ***għall-meniġer*** tal-infrastruttura li jissodisfa, b’mod temporanju jew permanenti, l-obbligi tiegħu f’konformità ma’ dan ir-Regolament jew id-Direttiva 2012/34/UE jew għall-impriża ferrovjarja li tissodisfa l-obbligi kuntrattwali tagħha lejn ***meniġer*** jew ***meniġers*** tal-infrastruttura;

**Emenda 38**

**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 4 – paragrafu 2 – punt 2a (ġdid)**

(2a) “**applikant**” tfisser **impriża ferrovjarja jew raggruppament internazzjonali ta’ impriżi ferrovjarji jew ta’ persuni jew ta’ entitajiet ġuridiċi oħra, bħal awtoritajiet kompetenti kif definit fl-Artikolu 2(b) tar-Regolament (KE) Nru 1370/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>1a</sup> u shippers, forwarders tal-merkanzija u operatori tat-trasport ikkumbinat, b’interess ta’ servizz pubbliku jew b’interess kummerċjali fil-forniment tal-kapaċità tal-infrastruttura;**

---

<sup>1a</sup> **Ir-Regolament (KE) Nru 1370/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta’ Ottubru 2007 dwar servizzi pubbliċi tat-trasport tal-passiġġieri bil-ferrovija u bit-triq u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nri 1191/69 u 1107/70 (ĠU L 315, 3.12.2007, p. 1).**

## Emenda 39

### Proposta għal regolament Artikolu 4 – paragrafu 2 – punt 3

Test propost mill-Kummissjoni

(3) “parti kkonċernata operazzjonali” tfisser applikant, **impriża ferrovjarja, *meniġer*** tal-infrastruttura, operatur ta’ faċilità tas-servizzi **ferrovjarji**, fornitur ta’ servizzi relatati mal-ferroviji, u kwalunkwe entità oħra involuta direttament fl-operazzjoni ta’ servizzi tat-trasport ferrovjarju;

## Emenda 40

### Proposta għal regolament Artikolu 4 – paragrafu 2 – punt 17a (ġdid)

Emenda

(3) “parti kkonċernata operazzjonali” tfisser applikant, **assoċjazzjoni ta’ *applikanti*, *meniġer*** tal-infrastruttura, operatur ta’ faċilità tas-servizzi, fornitur ta’ servizzi relatati mal-ferroviji, u kwalunkwe entità oħra involuta direttament fl-operazzjoni ta’ servizzi tat-trasport ferrovjarju;

**(17a) “mogħdijiet ferrovjarji sistematiċi”  
tfisser mogħdijiet ferrovjarji li huma  
bbażati fuq l-Artikoli 11 u 20 ta’ dan ir-  
Regolament, ippjanati minn qabel fi skeda  
regolari għall-perjodu tal-iskeda  
operatorja,**

## Emenda 41

### Proposta għal regolament Artikolu 6 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. **Il-meniġers** tal-infrastruttura għandhom jagħmlu l-almu tagħhom biex jimxi skont prinċipji u proċeduri komuni għall-ġestjoni tal-kapaċità infrastrutturali ferrovjarja. Għal dan il-għan, l-ENIM għandu jiżviluppa u jadotta “qafas Ewropew għall-ġestjoni tal-kapaċità” f’konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu II sa [12-il xahar mid-dħul fis-seħħ ta’ dan ir-Regolament].

Emenda

1. **Il-maniġers** tal-infrastruttura għandhom jagħmlu l-almu tagħhom biex jimxi skont prinċipji u proċeduri komuni għall-ġestjoni tal-kapaċità infrastrutturali ferrovjarja. Għal dan il-għan, l-ENIM għandu jiżviluppa **f’konsultazzjoni mal-Pjattaforma Ferrovjarja Ewropea** u jadotta “qafas Ewropew għall-ġestjoni tal-kapaċità” f’konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu II sa ... [12-il xahar mid-dħul fis-seħħ ta’ dan ir-Regolament].

## Emenda 42

### Proposta għal regolament Artikolu 6 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni

4. **Il-meniġers** tal-infrastruttura għandhom iqisu bis-sħiħ il-qafas Ewropew għall-ġestjoni tal-kapaċità meta jkunu qed iħejju d-dikjarazzjoni dwar in-network imsemmija fl-Artikolu 27 tad-Direttiva 2012/34/UE, b’mod partikolari l-kontenut speċifikat fl-Anness IV ta’ dan ir-Regolament. Fid-dikjarazzjoni dwar in-network għandhom **jispjegaw** ir-raġuni għal kull devjazzjoni mill-prinċipji u l-

Emenda

4. **Il-maniġers** tal-infrastruttura għandhom iqisu bis-sħiħ il-qafas Ewropew għall-ġestjoni tal-kapaċità meta jkunu qed iħejju d-dikjarazzjoni dwar in-network imsemmija fl-Artikolu 27 tad-Direttiva 2012/34/UE, b’mod partikolari l-kontenut speċifikat fl-Anness IV ta’ dan ir-Regolament. Fid-dikjarazzjoni dwar in-network għandhom **jiġġustifikaw** ir-raġuni għal kull devjazzjoni mill-prinċipji u l-

proċeduri komuni stabbiliti fil-qafas  
Ewropew għall-ġestjoni tal-kapaċità.

proċeduri komuni stabbiliti fil-qafas  
Ewropew għall-ġestjoni tal-kapaċità. ***Id-  
devjazzjonijiet għandhom ikunu permessi  
biss f'każijiet eċċezzjonali u għandhom  
ikunu soġġetti għall-approvazzjoni mill-  
korp regolatorju ferrovjarju nazzjonali.***

#### Emenda 43

##### Proposta għal regolament Artikolu 6 – paragrafu 4a (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***4a. Il-Kummissjoni għandha tingħata  
s-setgħa li tadotta atti delegati  
f'konformità mal-Artikolu 71 li  
jistabbilixxu l-prinċipji u l-proċeduri  
komuni għall-ġestjoni tal-kapaċità tal-  
infrastruttura ferrovjarja u biex jiġi  
emendat il-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu.  
Dawk l-atti delegati għandhom jiġu  
adottati sa ... [24 xahar mid-data tad-dħul  
fis-seħħ ta' dan ir-Regolament].***

#### Emenda 44

##### Proposta għal regolament Artikolu 7 – paragrafu 1

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

1. L-applikanti għandhom jagħmlu talbiet għall-kapaċità infrastrutturali. ***Biex*** jużaw ***din il-kapaċità*** infrastrutturali, l-applikanti għandhom jaħtru impriża ferrovjarja biex tikkonkludi ***fethim mal-menijer*** tal-infrastruttura f'konformità mal-Artikolu 28 tad-Direttiva 2012/34/UE. Dan hu mingħajr preġudizzju għad-dritt tal-applikanti li jikkonkludu ftehimiet qafas ***mal-menijers*** tal-infrastruttura skont l-Artikolu 31 ta' dan ir-Regolament.

1. L-applikanti għandhom jagħmlu talbiet għall-kapaċità infrastrutturali. ***Sabiex*** jużaw ***tali kapaċità*** infrastrutturali, l-applikanti ***li ma jkunux impriża ferrovjarja*** għandhom jaħtru impriża ferrovjarja biex tikkonkludi ***ftehim mal-manijer*** tal-infrastruttura f'konformità mal-Artikolu 28 tad-Direttiva 2012/34/UE. Dan hu mingħajr preġudizzju għad-dritt tal-applikanti li jikkonkludu ftehimiet qafas ***mal-manijers*** tal-infrastruttura skont l-Artikolu 31 ta' dan ir-Regolament.

#### Emenda 45

**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 7 – paragrafu 2**

*Test propost mill-Kummissjoni*

2. ***Il-meniġer*** tal-infrastruttura ***jista'*** jistabbilixxi r-rekwiżiti għall-applikanti biex jiżgura li l-aspettattivi leġittimi tiegħu dwar l-introjtu futur u l-użu tal-infrastruttura jiġu salvagwardjati. Dawn ir-rekwiżiti għandhom ikunu adegwati, trasparenti u nondiskriminatorji. Dawn għandhom jiġu speċifikati fid-dikjarazzjoni dwar in-network kif imsemmi fil-punt ***(1)(b)*** tal-Anness IV. Jistgħu jinkludu biss l-għoti ta' garanzija finanzjarja li ma għandhiex taqbeż livell xieraq jkun proporzjonali għal-livell kontemplat tal-attività tal-applikant, u l-assigurazzjoni tal-kapaċità li jitħejjew offerti konformi għall-kapaċità infrastrutturali.

**Emenda 46**

**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 7 – paragrafu 3**

*Test propost mill-Kummissjoni*

3. Il-Kummissjoni ***tista'*** tadotta atti ta' implimentazzjoni ***li*** jistabbilixxu d-dettalji tal-kriterji li jridu jintużaw għall-applikazzjoni tal-paragrafu 2. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 72(3).

**Emenda 47**

**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 8 – paragrafu 2 – subparagrafu 2**

*Emenda*

2. ***Il-maniġer*** tal-infrastruttura ***għandu*** jistabbilixxi r-rekwiżiti għall-applikanti biex jiżgura li l-aspettattivi leġittimi tiegħu dwar l-introjtu futur u l-użu tal-infrastruttura jiġu salvagwardjati. Dawn ir-rekwiżiti għandhom ikunu adegwati, trasparenti u nondiskriminatorji. Dawn għandhom jiġu speċifikati fid-dikjarazzjoni dwar in-network kif imsemmi fil-punt ***(2)(c)*** tal-Anness IV. Jistgħu jinkludu biss l-għoti ta' garanzija finanzjarja li ma għandhiex taqbeż livell xieraq jkun proporzjonali għal-livell kontemplat tal-attività tal-applikant, u l-assigurazzjoni tal-kapaċità li jitħejjew offerti konformi għall-kapaċità infrastrutturali.

*Emenda*

3. Il-Kummissjoni ***għandha, sa [24 xahar wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament],*** tadotta atti ta' implimentazzjoni ***biex*** jistabbilixxu d-dettalji tal-kriterji li jridu jintużaw għall-applikazzjoni tal-paragrafu 2. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 72(3) ***u għandhom jissostitwixxu d-dispożizzjoni simili msemmija fil-paragrafu 2.***



*Test propost mill-Kummissjoni*

Mingħajr preġudizzju għar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat, l-Istati Membri ***jistgħu***, meta xieraq, jagħtu kumpens ***lill-meniġer*** tal-infrastruttura li jkun jikkorrispondi għal telf fl-introjtu relatat esklussivament mal-ħtieġa li jikkonforma mal-gwida strateġika dwar l-użu tal-kapaċità infrastrutturali ferrovjarja.

*Emenda*

Mingħajr preġudizzju għar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat, l-Istati Membri ***għandhom***, meta xieraq, jagħtu kumpens ***lill-maniġer*** tal-infrastruttura li jkun jikkorrispondi għal telf fl-introjtu relatat esklussivament mal-ħtieġa li jikkonforma mal-gwida strateġika dwar l-użu tal-kapaċità infrastrutturali ferrovjarja.

**Emenda 48**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 8 – paragrafu 4 – subparagrafu 2 – parti introduttorja**

*Test propost mill-Kummissjoni*

Dawk il-proċeduri għandhom jivvalutaw alternattivi għall-użu tal-kapaċità infrastrutturali, ***skont il-kriterji*** soċjoekonomiċi u ambjentali li ġejjin, soġġetti għad-disponibbiltà ***tad-data***:

*Emenda*

Dawk il-proċeduri għandhom jivvalutaw alternattivi għall-użu tal-kapaċità infrastrutturali, ***abbażi tal-kriterji*** soċjoekonomiċi u ambjentali li ġejjin, soġġetti għad-disponibbiltà ***ta' data standardizzata li l-applikanti għandhom iqiegħdu għad-disponibbiltà tal-maniġers tal-infrastruttura. Il-kriterji għandhom jinkludu dawn li ġejjin, iżda ma għandhomx ikunu limitati għalihom:***

**Emenda 49**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 8 – paragrafu 4 – subparagrafu 2 – punt c**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(c) il-konnettività u l-aċċessibbiltà għall-persuni u r-reġjuni moqdija mis-servizzi tat-trasport ferrovjarju;

*Emenda*

(c) il-konnettività u l-aċċessibbiltà, ***kemm bħala effett tan-network fuq in-network globali kif ukoll fuq segmenti tan-network***, għall-persuni u r-reġjuni moqdija mis-servizzi tat-trasport ferrovjarju;

**Emenda 50**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 8 – paragrafu 4 – subparagrafu 2 – punt ea (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(ea) l-effetti tal-bidla modali fuq il-ferroviji.*

**Emenda 51**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 8 – paragrafu 5 – parti introduttorja**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

5. L-ENIM għandu jħejji u jadotta l-proċeduri msemmija fil-paragrafu 4 u jinkludihom fil-qafas **tal-UE** għall-ġestjoni tal-kapaċità msemmi fl-Artikolu 6. Il-proċeduri għandhom jinvolvu l-passi li ġejjin:

5. L-ENIM għandu, **f'konsultazzjoni mal-Pjattaforma Ferrovjarja Ewropea** jħejji u jadotta l-proċeduri msemmija fil-paragrafu 4 u jinkludihom fil-qafas **Ewropew** għall-ġestjoni tal-kapaċità msemmi fl-Artikolu 6. Il-proċeduri għandhom jinvolvu l-passi li ġejjin:

**Emenda 52**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 8 – paragrafu 5 – punt a**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

(a) tfassil ta' xenarji alternattivi għal tqassim tal-kapaċità disponibbli għal **tipi** differenti ta' servizzi tat-trasport ferrovjarju, li jinvolvi, meta possibbli, il-provvista ta' kapaċità alternattiva f'rotot oħra jew ħinijiet alternattivi b'karatteristiċi komparabbli;

(a) tfassil ta' xenarji alternattivi għal tqassim tal-kapaċità disponibbli għal **kull tip** differenti ta' servizzi tat-trasport ferrovjarju **li japplikaw għall-istess kapaċità**, li jinvolvi, meta possibbli, il-provvista ta' kapaċità alternattiva f'rotot oħra jew ħinijiet alternattivi b'karatteristiċi komparabbli **għas-servizzi kemm nazzjonali kif ukoll transfruntiera**;

**Emenda 53**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 8 – paragrafu 5 – punt aa (ġdid)**

*(aa) tfassil ta' xenarji alternattivi biex jiġu indirizzati kunflitti ta' kapaċità bejn żewġ talbiet li t-tnejn ma humiex konsistenti mal-ippjanar strateġiku tal-kapaċità;*

## Emenda 54

### Proposta għal regolament Artikolu 8 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni

6. L-ENIM għandu jiżviluppa l-metodoloġiji msemmija fil-paragrafu 5, il-punt b. Il-parametri ta' dawk il-metodoloġiji għandhom jagħmluha possibbli li jitqiesu ċ-ċirkostanzi lokali jew nazzjonali skont approċċi aċċettati u evidenza empirika. L-ENIM għandu jinkludi dawk il-metodoloġiji fil-qafas Ewropew għall-ġestjoni tal-kapaċità msemmi fl-Artikolu 6.

Emenda

6. L-ENIM għandu, **f'konsultazzjoni mal-Pjattaforma Ferrovarja Ewropea**, jiżviluppa l-metodoloġiji msemmija fil-paragrafu 5, il-punt (b) **ta' dan l-Artikolu**. Il-parametri ta' dawk il-metodoloġiji għandhom jagħmluha possibbli li jitqiesu ċ-ċirkostanzi lokali jew nazzjonali skont approċċi aċċettati u evidenza empirika. L-ENIM għandu jinkludi dawk il-metodoloġiji fil-qafas Ewropew għall-ġestjoni tal-kapaċità msemmi fl-Artikolu 6.

## Emenda 55

### Proposta għal regolament Artikolu 8 – paragrafu 7

Test propost mill-Kummissjoni

7. Filwaqt li tqis l-esperjenzi bit-tnejn u l-implimentazzjoni tal-qafas imsemmi fil-paragrafu 6, il-Kummissjoni **tista' tadotta atti ta' implimentazzjoni** li jistabbilixxu l-proċeduri, **il-kriterji** u l-metodoloġiji **speċifiċi** li jridu jiġu applikati għall-ġestjoni tal-kapaċità skarsa. Dawk l-atti **ta' implimentazzjoni** għandhom jiġu adottati **f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 72(3)**.

Emenda

7. Filwaqt li tqis l-esperjenzi bit-tnejn u l-implimentazzjoni tal-qafas imsemmi fil-paragrafu 6, il-Kummissjoni **għandha tingħata s-setgħa li tadotta, atti delegati f'konformità mal-Artikolu 71** li jistabbilixxu l-proċeduri, **id-data standardizzata li tirrifletti s-segmenti differenti tas-suq għall-kriterji** u l-metodoloġiji **standardizzati** li jridu jiġu applikati għall-ġestjoni tal-kapaċità skarsa **u biex jiġi emendat il-paragrafu 6 ta' dan l-Artikolu**. Dawk l-atti **delegati** għandhom

jigü adottati *sa ... [24 xahar mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament]*.  
*Dawn għandhom jigü inklużi fil-qafas Ewropew għall-ġestjoni tal-kapaċità.*

## Emenda 56

### Proposta għal regolament Artikolu 9 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Il-meniġers* tal-infrastruttura għandhom jipprovdu informazzjoni eżatta u aġġornata lill-partijiet interessati, b' mod partikolari lill-applikanti, l-applikanti potenzjali u l-korpi regolatorji, dwar id-disponibbiltà tal-kapaċità infrastrutturali tul il-proċess kollu tal-ġestjoni tal-kapaċità, inkluż waqt *l-ippjanar* strateġiku msemmi fit-Taqsima 2, waqt *l-iskedar* u l-allokazzjoni stabbiliti fit-Taqsima 3 u kull meta jkun hemm bidliet fil-kapaċità allokata msemmija fit-Taqsima 4.

*Emenda*

*Il-maniġers* tal-infrastruttura għandhom jipprovdu informazzjoni eżatta u aġġornata lill-partijiet interessati, b' mod partikolari lill-applikanti, l-applikanti potenzjali u l-korpi regolatorji, dwar id-disponibbiltà tal-kapaċità infrastrutturali tul il-proċess kollu tal-ġestjoni tal-kapaċità, inkluż waqt *il-fażi tal-ippjanar* strateġiku msemmi fit-Taqsima 2, waqt *il-proċessi tal-iskedar* u l-allokazzjoni stabbiliti fit-Taqsima 3 u kull meta jkun hemm bidliet fil-kapaċità allokata msemmija fit-Taqsima 4, *skont id-disponibbiltà tal-istrateġija tal-kapaċità ppubblikata, il-mudell tal-kapaċità u l-pjan tal-provvista tal-kapaċità.*

## Emenda 57

### Proposta għal regolament Artikolu 9 – paragrafu 3

*Test propost mill-Kummissjoni*

3. Meta jitolbuhom l-applikanti, *il-meniġers* tal-infrastruttura għandhom jipprovdu l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 abbażi ta' speċifikazzjonijiet konkreti tal-ħtiġijiet kummerċjali u operazzjonali (“valutazzjonijiet tal-fattibbiltà”). Għas-servizzi transfruntieri, *il-meniġers* tal-infrastruttura għandhom jirċievu u jwieġbu dawn it-talbiet f' post uniku u b' operazzjoni waħda jew b' interfaċċa unika.

*Emenda*

3. Meta jitolbuhom l-applikanti, *il-maniġers* tal-infrastruttura għandhom jipprovdu l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 *ta' dan l-Artikolu* abbażi ta' speċifikazzjonijiet konkreti tal-ħtiġijiet kummerċjali u operazzjonali (“valutazzjonijiet tal-fattibbiltà”). Għas-servizzi transfruntieri, *il-maniġers* tal-infrastruttura għandhom jirċievu u jwieġbu dawn it-talbiet f' post uniku u b' operazzjoni waħda jew b' interfaċċa unika *stabbilita f' konformità mal-Artikolu 27(4).*

## Emenda 58

### Proposta għal regolament Artikolu 10 – paragrafu 1

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

1. Mingħajr preġudizzju għall-Artikoli 7, 7c u 7e tad-Direttiva 2012/34/UE, ***il-meniġers*** tal-infrastruttura għandhom jippjanaw ix-xogħol infrastrutturali f'konformità mal-pjan kummerċjali u mal-programmi tal-investment u finanzjarji msemmija fl-Artikolu 8(3) tad-Direttiva 2012/34/UE. Meta l-emendi għal dawk il-programmi wara l-adozzjoni tal-pjan kummerċjali jkunu jaffettwaw jew aktarx jaffettwaw l-ippjanar tax-xogħlijiet infrastrutturali, ***il-maniġer*** tal-infrastruttura għandu jagħti ħarsa ġenerali ta' dawn l-emendi u l-impatt probabbli tagħhom fid-dikjarazzjoni dwar in-network.

#### *Emenda*

1. Mingħajr preġudizzju għall-Artikoli 7, 7c u 7e tad-Direttiva 2012/34/UE, ***il-maniġers*** tal-infrastruttura għandhom jippjanaw ix-xogħol infrastrutturali f'konformità mal-pjan kummerċjali u mal-programmi tal-investment u finanzjarji msemmija fl-Artikolu 8(3) tad-Direttiva 2012/34/UE. Meta l-emendi għal dawk il-programmi wara l-adozzjoni tal-pjan kummerċjali jkunu jaffettwaw jew aktarx jaffettwaw l-ippjanar tax-xogħlijiet infrastrutturali, ***il-maniġer*** tal-infrastruttura għandu jagħti ħarsa ġenerali ta' dawn l-emendi u l-impatt probabbli tagħhom fid-dikjarazzjoni dwar in-network. ***L-Istat Membru għandu jipprovi lill-maniġer tal-infrastruttura b'finanzjament pluriennali stabbli u f'waqtu għall-manutenzjoni, it-tiġdid u l-kostruzzjoni ġdida ta' infrastruttura ferrovjarja għal perjodu kontinwu ta' mill-inqas ħames snin permezz tal-ftehim ta' prestazzjoni pluriennali sabiex jiġu appoġġati l-maniġers tal-infrastruttura biex tiġi pprevenuta d-degradazzjoni tal-infrastruttura ferrovjarja u biex jiġi minimizzat l-impatt fuq ir-restrizzjonijiet possibbli tal-kapaċità. Il-baġit annwali disponibbli għall-maniġers tal-infrastruttura għandu jkun trasparenti għall-maniġer tal-infrastruttura u jiġi allokati b'mod affidabbli.***

## Emenda 59

### Proposta għal regolament Artikolu 10 – paragrafu 2 – subparagrafu 2a (ġdid)

***Il-finanzjament ipprovdut mill-Istat Membru lill-manigier tal-infrastruttura għandu jkollu l-għan li jiġi stabbilit tali bilanċ. L-informazzjoni meħtieġa għall-manigier tal-infrastruttura biex jikkonforma ma' din id-dispożizzjoni għandha tiġi pprovduta mill-applikanti fil-ħin.***

**Emenda 60**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 10 – paragrafu 2 – subparagrafu 2b (ġdid)**

***Il-finanzjament ipprovdut mill-Istat Membru lill-manigier tal-infrastruttura għandu jkollu l-għan li jiġi stabbilit dan il-bilanċ. L-informazzjoni meħtieġa biex il-manigier tal-infrastruttura jikkonforma ma' din id-dispożizzjoni għandha tiġi pprovduta mill-applikanti fil-ħin.***

**Emenda 61**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 10 – paragrafu 3**

3. ***Il-menigiers*** tal-infrastruttura għandhom jikkonsultaw mal-applikanti dwar ix-xogħlijiet infrastrutturali fil-kuntest tal-mekkaniżmi tal-koordinazzjoni msemmija fl-Artikolu 7e tad-Direttiva **2012/34/KE** u, rigward is-servizzi ferrovjarji transfruntieri, f'konformità mal-Artikolu 54 ta' dan ir-Regolament.

3. ***Il-manigiers*** tal-infrastruttura għandhom jikkonsultaw mal-applikanti dwar ix-xogħlijiet infrastrutturali fil-kuntest tal-mekkaniżmi tal-koordinazzjoni msemmija fl-Artikolu 7e tad-Direttiva **2012/34/UE** u, rigward is-servizzi ferrovjarji transfruntieri, f'konformità mal-Artikolu 54 ta' dan ir-Regolament.

**Emenda 62**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 10 – paragrafu 5 – subparagrafu 2**

*Test propost mill-Kummissjoni*

Il-koordinazzjoni għandha tindirizza b'mod partikolari l-ottimizzazzjoni tal-iskeda tax-xogħlijiet infrastrutturali u l-għoti ta' kapaċità alternattiva fil-linja affettwata u f'rotot alternattivi, filwaqt li jitqiesu l-ħtiġijiet operazzjonali u kummerċjali ***tal-applikanti***.

*Emenda*

Il-koordinazzjoni għandha tindirizza b'mod partikolari l-ottimizzazzjoni tal-iskeda tax-xogħlijiet infrastrutturali u l-għoti ta' kapaċità alternattiva fil-linja affettwata u f'rotot alternattivi, filwaqt li jitqiesu l-ħtiġijiet operazzjonali, ***infrastrutturali*** u kummerċjali ***ta' diversi applikanti***.

**Emenda 63**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 10 – paragrafu 5 – subparagrafu 2a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***Il-governanza tat-trasport ferrovjarju tal-merkanzija għandu jippreżenta rakkomandazzjoni dwar il-koordinazzjoni tax-xogħlijiet lill-manigġers tal-infrastruttura rispettivi tiegħu tliet xhur qabel il-perjodu kif definit fil-paragrafu 4.***

**Emenda 64**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 11 – paragrafu 2 – subparagrafu 2**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

Il-kontenut u l-iskeda għat-tnejn ta' dawk ir-riżultati tanġibbli jinsabu fit-Taqsimiet 1 u 2 tal-Anness I.

Il-kontenut u l-iskeda għat-tnejn ta' dawk ir-riżultati tanġibbli jinsabu fit-Taqsimiet 1 u 2 tal-Anness I. ***Il-kontenut kollu għandu jġi magħmul disponibbli mill-manigġer tal-infrastruttura bil-lingwa nazzjonali tal-Istat Membru u bl-Ingliż.***

**Emenda 65**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 11 – paragrafu 2 – subparagrafu 4**

*Test propost mill-Kummissjoni*

Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 71 biex temenda t-Taqsimiet 1 u 2 tal-Anness I, biex tiżgura proċess tal-ippjanar strateġiku effiċjenti u tirrifletti t-tħassib operazzjonali **tal-meniġers** tal-infrastruttura u tal-applikanti, filwaqt li tqis l-esperjenza tal-ENIM, **tal-meniġers** tal-infrastruttura, tal-applikanti u ta' partijiet ikkonċernati operazzjonali oħra, tal-korpi regolatorji u **tal-ENRB** fl-implimentazzjoni ta' din it-Taqsima.

**Emenda 66**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 11 – paragrafu 3 – subparagrafu 1 – parti introduttorja**

*Test propost mill-Kummissjoni*

Soġġetti għall-prinċipju tal-indipendenza tal-ġestjoni stabbilit fl-Artikolu 4 tad-Direttiva 2012/34/UE, l-Istati Membri jistgħu jipprovdu gwida strateġika **lill-meniġer** tal-infrastruttura abbażi tal-istrateġiji indikattivi għall-iżvilupp tal-infrastruttura ferrovjarja msemmija fl-Artikolu 8(1) tad-Direttiva 2012/34/UE. Dik il-gwida tista' tkopri jew tkun tinkludi b'mod partikolari:

**Emenda 67**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 11 – paragrafu 3 – subparagrafu 1 – punt b**

*Emenda*

Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 71 biex temenda t-Taqsimiet 1 u 2 tal-Anness I, biex tiżgura proċess tal-ippjanar strateġiku effiċjenti u tirrifletti t-tħassib operazzjonali **tal-maniġers** tal-infrastruttura u tal-applikanti, filwaqt li tqis **rakkomandazzjoni mingħand l-ERA** u l-esperjenza tal-ENIM, **tal-maniġers** tal-infrastruttura, tal-applikanti u ta' partijiet ikkonċernati operazzjonali oħra, tal-korpi regolatorji u **tal-ENRRB** fl-implimentazzjoni ta' din it-Taqsima.

*Emenda*

Soġġetti għall-prinċipju tal-indipendenza tal-ġestjoni stabbilit fl-Artikolu 4 tad-Direttiva 2012/34/UE, l-Istati Membri jistgħu jipprovdu gwida strateġika **lill-maniġer** tal-infrastruttura abbażi tal-istrateġiji indikattivi għall-iżvilupp tal-infrastruttura ferrovjarja msemmija fl-Artikolu 8(1) tad-Direttiva 2012/34/UE. **Il-gwida għandha tiġi pprovduta mill-Istati Membri fil-ħin, biex il-maniġers tal-infrastruttura u l-partijiet ikkonċernati operazzjonali jkunu jistgħu jsegwu l-iskadenzi stabbiliti fl-Anness I ta' dan ir-Regolament.** Dik il-gwida tista' tkopri jew tkun tinkludi b'mod partikolari:



(b) perspettiva dwar l-iżvilupp tal-infrastruttura ferrovjarja, filwaqt li tqis il-pjanijiet u l-istrateġiji **rilevanti** fil-livell nazzjonali jew reġjonali u l-pjanijiet ta' ħidma tal-Kurituri Ewropej tat-Trasport imsemmija fl-Artikolu **53 tar-[Regolament TEN-T il-ġdid]**;

(b) perspettiva dwar l-iżvilupp tal-infrastruttura ferrovjarja, filwaqt li tqis il-pjanijiet **rilevanti, inklużi l-pjanijiet** u l-istrateġiji **dwar l-infrastruttura strateġika fuq żmien fit-tul** fil-livell nazzjonali jew reġjonali u l-pjanijiet ta' ħidma tal-Kurituri Ewropej tat-Trasport imsemmija fl-Artikolu **54 tar-Regolament (UE) 2024/... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>1a</sup> [ir-Regolament TEN-T il-ġdid]**;

---

<sup>1a</sup> **Ir-Regolament (UE) 2024/... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' ...dwar linji gwida tal-Unjoni għall-iżvilupp tan-network trans-Ewropew tat-trasport, li jemenda r-Regolamenti (UE) 2021/1153 u (UE) Nru 913/2010 u li jħassar ir-Regolament (UE) 1315/2013 (ĠU...).**

## Emenda 68

### Proposta għal regolament Artikolu 11 – paragrafu 3 – subparagrafu 2

L-Istati Membri għandhom jikkoordinaw bejniethom biex jiżguraw il-konsistenza bejn il-gwida strateġika rispettiva li dawn jipprovdu f'konformità ma' dan il-paragrafu biex jappoġġaw l-iżvilupp tas-servizzi ferrovjarji internazzjonali tal-passiġġieri u tal-merkanzija.

L-Istati Membri għandhom jikkoordinaw bejniethom **l-għoti f'waqtu tal-gwida u** jiżguraw il-konsistenza bejn il-gwida strateġika rispettiva li dawn jipprovdu f'konformità ma' dan il-paragrafu biex jappoġġaw l-iżvilupp tas-servizzi ferrovjarji internazzjonali tal-passiġġieri u tal-merkanzija. **Fir-rigward tal-Artikolu 8 tad-Direttiva 2012/34/UE, l-Istati Membri għandhom jiżguraw l-allokazzjoni bil-quddiem tar-riżorsi finanzjarji lill-maniġers tal-infrastruttura għall-manutenzjoni regolari tal-infrastruttura u tar-riżorsi finanzjarji għall-iżvilupp tal-infrastruttura deskritti fl-istrateġija tal-kapaċità kif imsemmi fl-Artikolu 16 ta' dan ir-Regolament. L-Istati Membri għandhom jikkoordinaw bejniethom l-**

*infrastruttura strateġika fit-tul u l-pjanijiet tal-iskedar, l-iżvilupp tal-infrastruttura tagħhom ibbażat fuq dawn il-pjanijiet, u jikkoordinaw il-kalendarji għall-implimentazzjoni tagħhom.*

## Emenda 69

### Proposta għal regolament Artikolu 11 – paragrafu 4a (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*4a. B'kont meħud tal-esperjenzi bit-tħejjija u l-implimentazzjoni tal-gwida strateġika msemmija fil-paragrafu 3, il-Kummissjoni tista' tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 71 biex tistabbilixxi l-istatus legali speċifiku, il-mudell, il-proċeduri, il-kriterji u l-metodoloġiji li għandhom jiġu applikati għall-adozzjoni ta' gwida strateġika nazzjonali sabiex tiġi żgurata l-konsistenza bejn dawk il-linji gwida strateġiċi maħruġa mill-Istati Membri, li huma meħtieġa biex jappoġġaw l-iżvilupp ta' servizzi internazzjonali tat-trasport ferrovjarju tal-merkanzija u tal-passiġġieri.*

## Emenda 70

### Proposta għal regolament Artikolu 12 – paragrafu 2 – subparagrafu 2

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

Jekk ikun meħtieġ, fid-dawl tal-esperjenza miksuba bl-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, l-ENIM jista' jiddefinixxi lista aktar dettaljata li tkompli tiddivrenzja aktar bejn it-tipi ta' servizzi tat-trasport ferrovjarju. Biex tiġi appoġġata l-konsistenza transfruntiera tal-proċess tal-ippjanar strateġiku, għandha tiġi inkluża lista armonizzata fil-qafas Ewropew għall-ġestjoni tal-kapaċità msemmi fl-Artikolu 6.

Jekk ikun meħtieġ, fid-dawl tal-esperjenza miksuba bl-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, l-ENIM, **f'kollaborazzjoni mal-ERP**, jista' jiddefinixxi lista aktar dettaljata li tkompli tiddivrenzja aktar bejn it-tipi ta' servizzi tat-trasport ferrovjarju. Biex tiġi appoġġata l-konsistenza transfruntiera tal-proċess tal-ippjanar strateġiku, għandha tiġi inkluża lista armonizzata fil-qafas Ewropew għall-

ġestjoni tal-kapaċità msemmi fl-Artikolu 6.

## Emenda 71

### Proposta għal regolament Artikolu 12 – paragrafu 4 – punt c

*Test propost mill-Kummissjoni*

(c) ***il-kontribut*** mill-konsultazzjoni tal-applikanti attwali u potenzjali f'konformità mal-Artikolu 13;

*Emenda*

(c) ***il-ħtiġijiet tal-kapaċità mħabbra mill-partijiet ikkonċernati operazzjonali u l-kontribut*** mill-konsultazzjoni tal-applikanti attwali u potenzjali f'konformità mal-Artikolu 13;

## Emenda 72

### Proposta għal regolament Artikolu 12 – paragrafu 4 – punt fa (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

(fa) ***kemm jista' jkun possibbli, l-impatt soċjoekonomiku u ambjentali tal-użu tal-kapaċità tal-infrastruttura.***

## Emenda 73

### Proposta għal regolament Artikolu 12 – paragrafu 6 – subparagrafu 1

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

L-ippjanar strateġiku tal-kapaċità għandu jkopri ***l-parti tal-linji tan-network ewlieni u ewlieni estiż tat-TEN-T imsemmi fl-Artikolu 6 u fl-Anness I tar-[Regolament TEN-T il-ġdid]. Il-manijers tal-infrastruttura jistgħu jinkludu linji u nodi tan-network oħra li jimmaniġġaw.***

L-ippjanar strateġiku tal-kapaċità għandu jkopri ***ż-Żona Ferrovarja Unika Ewropea.***

## Emenda 74

### Proposta għal regolament Artikolu 12 – paragrafu 8 – punt b

*Test propost mill-Kummissjoni*

(b) bidliet fid-domanda tas-suq għall-kapaċità infrastrutturali;

*Emenda*

(b) bidliet fid-domanda tas-suq għall-kapaċità infrastrutturali ***b'kont meħud tal-ħtiġijiet imħabbra mill-applikanti għal servizzi ġodda jew modifikati***;

**Emenda 75**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 12 – paragrafu 9**

*Test propost mill-Kummissjoni*

9. L-ENIM għandu jiżviluppa linji gwida li jistabbilixxu prinċipji, proċeduri u metodoloġiji komuni għall-ippjanar strateġiku tal-kapaċità. Dan għandu jinkludi dawk il-linji gwida fil-qafas Ewropew għall-ġestjoni tal-kapaċità msemmi fl-Artikolu 6 ta' dan ir-Regolament. Dawk il-linji gwida għandu jkun fihom mill-anqas l-elementi elenkati fl-Anness III ta' dan ir-Regolament. ***Il-meniġers*** tal-infrastruttura għandhom iqisu bis-sħiħ dawk il-linji gwida fid-dikjarazzjoni dwar in-network imsemmija fl-Artikolu 27 tad-Direttiva 2012/34/UE. Fid-dikjarazzjoni dwar in-network għandhom jispjegaw ir-raġuni għal kull devjazzjoni mill-prinċipji, il-proċeduri u l-metodoloġiji komuni stabbiliti fil-linji gwida.

*Emenda*

9. ***sa [12-il xahar wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament]***, l-ENIM għandu jiżviluppa linji gwida li jistabbilixxu prinċipji, proċeduri u metodoloġiji komuni għall-ippjanar strateġiku tal-kapaċità. Dan għandu jinkludi dawk il-linji gwida fil-qafas Ewropew għall-ġestjoni tal-kapaċità msemmi fl-Artikolu 6 ta' dan ir-Regolament. Dawk il-linji gwida għandu jkun fihom mill-anqas l-elementi elenkati fl-Anness III ta' dan ir-Regolament. ***Il-maniġers*** tal-infrastruttura għandhom iqisu bis-sħiħ dawk il-linji gwida fid-dikjarazzjoni dwar in-network imsemmija fl-Artikolu 27 tad-Direttiva 2012/34/UE. Fid-dikjarazzjoni dwar in-network għandhom jispjegaw ir-raġuni għal kull devjazzjoni mill-prinċipji, il-proċeduri u l-metodoloġiji komuni stabbiliti fil-linji gwida.

**Emenda 76**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 12 - paragrafu 9a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***9a. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 71 biex***

*tistabbilixxi prinċipji, proċeduri u metodoloġiji komuni għall-ippjanar strateġiku tal-kapaċità u biex temenda l-paragrafu 9 ta' dan l-Artikolu. Dawk l-atti delegati għandhom jiġu adottati sa ... [24 xahar mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament]. Dawn għandhom jiġu inklużi fil-qafas Ewropew għall-ġestjoni tal-kapaċità.*

## Emenda 77

### Proposta għal regolament Artikolu 13 – paragrafu 2

*Test propost mill-Kummissjoni*

2. *Il-maniġers* tal-infrastruttura għandhom jikkonsultaw mal-partijiet ikkonċernati operazzjonali kollha li joperaw servizzi ferrovjarji f'diversi networks dwar l-ippjanar strateġiku tal-kapaċità f'konformità mal-Artikoli 53 u 54.

*Emenda*

2. *Il-maniġers* tal-infrastruttura għandhom jikkonsultaw mal-partijiet ikkonċernati operazzjonali kollha li joperaw servizzi ferrovjarji f'diversi networks dwar l-ippjanar strateġiku tal-kapaċità *matul il-fażi strateġika tal-ġestjoni tal-kapaċità, u tal-inqas f'konformità mal-istadji importanti stabbiliti fl-Anness I* f'konformità mal-Artikoli 53 u 54.

## Emenda 78

### Proposta għal regolament Artikolu 13 – paragrafu 2a (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

2a. *Il-maniġers tal-infrastruttura għandhom jagħtu lill-applikanti l-possibbiltà li jħabbru l-ħtiġijiet tal-kapaċità tagħhom f'format strutturat matul il-proċess tal-ġestjoni tal-kapaċità, li għalihom l-ENIM għandu jispeċifika kalendarji xierqa. Il-maniġers tal-infrastruttura għandhom jagħmlu l-aħjar sforz biex jintegraw il-ħtiġijiet imħabbra mill-applikanti fid-dokumenti tal-ippjanar strateġiku tal-kapaċità msemmi fl-Artikolu 11(2). Jekk ma jkunx hemm*

*disponibbli alternattivi għall-ħtiġijiet kollha tal-kapaċità mħabbra, il-manigera tal-infrastruttura għandhom jagħmlu l-aħjar sforzi biex isolvu l-kunflitti potenzjali permezz tal-mekkaniżmu tar-riżoluzzjoni kunsenswali msemmi fl-Artikolu 36.*

## Emenda 79

### Proposta għal regolament Artikolu 13 – paragrafu 2b (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**2b.** *Il-korp regolatorju għandu jimmonitorja l-attivitajiet tal-manigera tal-infrastruttura fl-ippjanar strateġiku tal-kapaċità f'konformità mal-Artikolu 63.*

## Emenda 80

### Proposta għal regolament Artikolu 14 – paragrafu 1 – subparagrafu 2 - punt d

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

(d) l-involviment tal-partijiet ikkonċernati operazzjonali kollha, tal-korpi regolatorji u tan-*Network* Ewropew tal-Korpi Regolatorji Ferrovjarji (“l-ENRRB”), tal-Koordinaturi Ewropej u, meta meħtieġ, tal-awtoritajiet tal-Istati Membri u ta’ partijiet ikkonċernati oħra.

(d) l-involviment tal-partijiet ikkonċernati operazzjonali kollha **u l-ERP**, tal-korpi regolatorji u tan-*Network* Ewropew tal-Korpi Regolatorji Ferrovjarji (“l-ENRRB”), tal-Koordinaturi Ewropej u, meta meħtieġ, tal-awtoritajiet tal-Istati Membri u ta’ partijiet ikkonċernati oħra.

## Emenda 81

### Proposta għal regolament Artikolu 14 – paragrafu 3a (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**3a.** *Il-governanza tat-trasport ferrovjarju tal-merkanzija għandha tippreżenta rakkomandazzjoni dwar strateġija tal-kapaċità kkoordinata lill-*

*manigġers tal-infrastruttura rispettivi tliet xhur qabel il-perjodu kif definit fl-Artikolu 10(4).*

## Emenda 82

### Proposta għal regolament Artikolu 15 – paragrafu 1

*Test propost mill-Kummissjoni*

1. ***Il-menigġers*** tal-infrastruttura u l-ENIM għandhom jimmonitorjaw u janalizzaw regolarment is-swieq tat-trasport biex jinformat l-istrateġija kummerċjali ġenerali tagħhom, il-ġestjoni tal-kapaċità u ta' kontinġenza, u d-deċiżjonijiet tal-investment. ***Il-menigġers*** tal-infrastruttura għandhom jikkomunikaw ir-riżultati ta' din l-analiżi lil partijiet ikkonċernati oħra għal skopijiet simili, inkluż lill-Koordinaturi Ewropej.

*Emenda*

1. ***Il-manigġers*** tal-infrastruttura u l-ENIM, ***f'konsultazzjoni mal-ENRRB u l-ERP***, għandhom jimmonitorjaw u janalizzaw regolarment is-swieq tat-trasport ***u l-aspetti multimodali rilevanti għall-ferroviji*** biex jinformat l-istrateġija kummerċjali ġenerali tagħhom, il-ġestjoni tal-kapaċità u ta' kontinġenza, u d-deċiżjonijiet tal-investment. ***Il-manigġers*** tal-infrastruttura għandhom jikkomunikaw ir-riżultati ta' din l-analiżi lil partijiet ikkonċernati oħra għal skopijiet simili, inkluż lill-Koordinaturi Ewropej.

## Emenda 83

### Proposta għal regolament Artikolu 15 – paragrafu 3 – punt ca (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***(ca) jekk ikun possibbli, l-impatt tal-effetti tat-tibdil fil-klima mbassra fuq l-infrastruttura u s-servizzi pprovduti.***

## Emenda 84

### Proposta għal regolament Artikolu 15 – paragrafu 4

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

4. L-ENIM għandu jikkonsulta mal-applikanti, il-klijenti tas-servizzi tat-trasport ferrovjarju u l-assoċjazzjonijiet

4. L-ENIM għandu jikkonsulta mal-applikanti, ***mal-ERP***, il-klijenti tas-servizzi tat-trasport ferrovjarju u l-assoċjazzjonijiet

tagħhom, l-awtoritajiet pubbliċi nazzjonali u tal-UE dwar it-termini ta' referenza għall-istudju, b'mod partikolari rigward l-iskop tal-istudju u l-proċess għall-involviment tal-partijiet ikkonċernati.

## Emenda 85

### Proposta għal regolament Artikolu 15 – paragrafu 5a (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

tagħhom, l-awtoritajiet pubbliċi nazzjonali u tal-UE dwar it-termini ta' referenza għall-istudju, b'mod partikolari rigward l-iskop tal-istudju u l-proċess għall-involviment tal-partijiet ikkonċernati.

*Emenda*

**5a. *Id-data kollha għall-istudju u l-istudju nnifsu għandhom jiġu ppubblikati u jkunu aċċessibbli liberament. Id-data għandha tkun tista' tinqara mill-magni.***

## Emenda 86

### Proposta għal regolament Artikolu 16 – paragrafu 4

*Test propost mill-Kummissjoni*

4. ***Il-menijer*** tal-infrastruttura għandu jħejji, jippubblika u jaġġorna ***regolarment*** l-istrateġija tal-kapaċità f'konformità mal-iskeda u l-kontenuti stabbiliti fit-Taqsima 2 tal-Anness I.

*Emenda*

4. ***Il-manijer*** tal-infrastruttura għandu jħejji, jippubblika u, ***meta jkun meħtieġ***, jaġġorna l-istrateġija tal-kapaċità f'konformità mal-iskeda u l-kontenuti stabbiliti fit-Taqsima 2 tal-Anness I.

## Emenda 87

### Proposta għal regolament Artikolu 16 – paragraph 5

*Test propost mill-Kummissjoni*

5. ***Il-menijers*** tal-infrastruttura għandhom jikkonsultaw mal-applikanti dwar l-istrateġija tal-kapaċità f'konformità mal-Artikolu 13 u jikkoordinaw l-istrateġiji tal-kapaċitajiet ma' ***menijers*** tal-infrastruttura oħrajn f'konformità mal-Artikolu 14.

*Emenda*

5. ***Il-manijers*** tal-infrastruttura għandhom jikkonsultaw mal-applikanti ***u mal-faċilitajiet ta' servizzi milquta*** dwar l-istrateġija tal-kapaċità f'konformità mal-Artikolu 13 u jikkoordinaw l-istrateġiji tal-kapaċitajiet ma' ***manijers*** tal-infrastruttura ***kkonċernati*** oħrajn f'konformità mal-Artikolu 14.



## Emenda 88

### Proposta għal regolament Artikolu 16 – paragrafu 5a (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**5a. Il-manijer tal-infrastruttura għandu jippreżenta l-istrateġija tal-kapaċità lill-korp regolatorju. Fi żmien tliet xhur wara l-pubblikazzjoni, il-korp regolatorju għandu, wara analiżi, ikollu s-setgħa li jitlob lill-manijer tal-infrastruttura jemendaha.**

## Emenda 89

### Proposta għal regolament Artikolu 17 – paragrafu 2

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

2. Il-mudell tal-kapaċità għandu tal-anqas jipprovdi informazzjoni dwar il-volum totali tal-kapaċità disponibbli skont is-sezzjoni tan-network, l-ishma tal-kapaċità riżervata għal segmenti differenti tas-servizzi tat-trasport ferrovjarju u għar-restrizzjonijiet tal-kapaċità li jinħolqu minħabba xogħlijiet infrastrutturali. **Il-manijers** tal-infrastruttura għandhom iħejju u jippubblikaw il-mudell tal-kapaċità għal kull perjodu tal-iskeda operatorja u jaġġornaw **regolarment** il-mudell tal-kapaċità f'konformità mal-kontenut u l-iskeda stabbiliti fit-Taqsimiet 1 u 2 tal-Anness I.

2. Il-mudell tal-kapaċità għandu tal-anqas jipprovdi informazzjoni dwar il-volum totali tal-kapaċità disponibbli skont is-sezzjoni tan-network, l-ishma tal-kapaċità riżervata għal segmenti differenti tas-servizzi tat-trasport ferrovjarju u għar-restrizzjonijiet tal-kapaċità li jinħolqu minħabba xogħlijiet infrastrutturali. **Dan għandu jkun fih ukoll informazzjoni dwar il-kapaċità tal-faċilitajiet ta' servizzi rispettivi msemmija fl-Artikolu 29(1). Il-manijers** tal-infrastruttura għandhom iħejju u jippubblikaw il-mudell tal-kapaċità għal kull perjodu tal-iskeda operatorja u jaġġornaw **meta jkun meħtieġ** il-mudell tal-kapaċità f'konformità mal-kontenut u l-iskeda stabbiliti fit-Taqsimiet 1 u 2 tal-Anness I.

## Emenda 90

### Proposta għal regolament Artikolu 17 – paragrafu 3

*Test propost mill-Kummissjoni*

3. ***Il-meniġers*** tal-infrastruttura għandhom jiddokumentaw u, meta rilevanti, jiġġustifikaw kull diverġenza bejn il-mudell tal-kapaċità u l-istrateġija tal-kapaċità dwar l-istess perjodu tal-iskeda operatorja. ***Meta meħtieġ***, l-istrateġija tal-kapaċità ***għandha tiġi riveduta fid-dawl ta' żviluppi wara l-adozzjoni jew wara l-aħħar aġġornament tal-istrateġija*** tal-kapaċità.

**Emenda 91**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 17 – paragrafu 4**

*Test propost mill-Kummissjoni*

4. ***Il-meniġers*** tal-infrastruttura għandhom jikkonsultaw mal-applikanti dwar il-mudell tal-kapaċità f'konformità mal-Artikolu 13 u jikkoordinaw l-istrateġiji tal-kapaċitajiet ma' ***meniġers*** tal-infrastruttura oħrajn f'konformità mal-Artikolu 14.

**Emenda 92**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 17 - paragrafu 4a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

3. ***Il-maniġers*** tal-infrastruttura għandhom jiddokumentaw u, meta rilevanti, jiġġustifikaw kull diverġenza bejn il-mudell tal-kapaċità u l-istrateġija tal-kapaċità dwar l-istess perjodu tal-iskeda operatorja. L-istrateġija tal-kapaċità ***ma hemmx għalfejn tiġi aġġornata f'każ li l-mudell*** tal-kapaċità ***jkun diġà ġie ppubblikat għall-istess perjodu tal-iskeda.***

*Emenda*

4. ***Il-maniġers*** tal-infrastruttura għandhom jikkonsultaw mal-applikanti ***u l-korp regolatorju*** dwar il-mudell tal-kapaċità f'konformità mal-Artikolu 13 u jikkoordinaw l-istrateġiji tal-kapaċitajiet ma' ***maniġers*** tal-infrastruttura ***kkonċernati*** oħrajn f'konformità mal-Artikolu 14.

***4a. Il-maniġer tal-infrastruttura għandu jippreżenta l-mudell tal-kapaċità lill-korp regolatorju għal skrutinju xahrejn qabel il-pubblikazzjoni. Il-korp regolatorju jista' jieħu deċiżjoni mhux aktar minn xahar qabel il-pubblikazzjoni, li tirrikjedi li l-maniġer tal-infrastruttura jemenda l-mudell tal-kapaċità qabel il-pubblikazzjoni. Bil-ħsieb li tiġi żgurata l-konsistenza transfruntiera tal-mudelli tal-***

*kapaċità, id-deċiżjoni tal-korp regolatorju għandha tqis, meta jkun rilevanti, kwalunkwe opinjoni jew rakkomandazzjoni mill-ENIM, l-ERA jew minn korpi regolatorji oħrajn.*

### Emenda 93

#### Proposta għal regolament

#### Artikolu 18 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt a

*Test propost mill-Kummissjoni*

(a) il-kapaċità infrastrutturali disponibbli għall-allokazzjoni lill-applikanti;

*Emenda*

(a) il-kapaċità infrastrutturali disponibbli għall-allokazzjoni lill-applikanti *fl-iskeda ta' żmien operatorja u ssalvagwardjata għal talbiet li jsiru aktar tard skont l-Artikolu 33, inklużi l-faċilitajiet ta' servizzi;*

### Emenda 94

#### Proposta għal regolament

#### Artikolu 18 – paragrafu 4

*Test propost mill-Kummissjoni*

4. Fil-pjan tal-provvista tal-kapaċità, **il-meniġers** tal-infrastruttura jistgħu jindikaw il-kapaċità infrastrutturali bħala ppjanata minn qabel. Kapaċità ppjanata minn qabel tfisser il-kapaċità li għaliha **l-meniġer** tal-infrastruttura jiddefinixxi l-karatteristiċi u l-volumi tal-kapaċità disponibbli għat-talbiet mill-applikanti, jistabbilixxi regoli għall-allokazzjoni ta' din il-kapaċità u jiddefinixxi l-proċess bih tista' tintalab din il-kapaċità, f'konformità mal-Artikolu 20. Il-karatteristiċi, ir-regoli u l-proċessi tal-allokazzjoni speċifikati għandhom jitqiesu meta tiġi allokata l-kapaċità ppjanata minn qabel.

*Emenda*

4. Fil-pjan tal-provvista tal-kapaċità, **il-maniġers** tal-infrastruttura jistgħu jindikaw il-kapaċità infrastrutturali **u l-kapaċità fil-faċilitajiet ta' servizzi kif imsemmi fl-Artikolu 29(1)** bħala ppjanata minn qabel. Kapaċità ppjanata minn qabel tfisser il-kapaċità li għaliha **l-maniġer** tal-infrastruttura jiddefinixxi l-karatteristiċi u l-volumi tal-kapaċità disponibbli għat-talbiet mill-applikanti, jistabbilixxi regoli għall-allokazzjoni ta' din il-kapaċità u jiddefinixxi l-proċess bih tista' tintalab din il-kapaċità, f'konformità mal-Artikolu 20. Il-karatteristiċi, ir-regoli u l-proċessi tal-allokazzjoni speċifikati għandhom jitqiesu meta tiġi allokata l-kapaċità ppjanata minn qabel.

### Emenda 95

**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 18 – paragrafu 7 – subparagrafu 2**

*Test propost mill-Kummissjoni*

Fil-pjan tal-provvista tal-kapaċità, ***il-menijers*** tal-infrastruttura għandhom jinkludu l-elementi kollha elenkati fil-paragrafu 6 ***għal-linji u n-nodi kollha inklużi fin-network ewlieni u fin-network ewlieni estiż tat-TEN-T kif definit fir-[Regolament TEN-T il-ġdid]***.

**Emenda 96**

**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 18 – paragrafu 9**

*Test propost mill-Kummissjoni*

9. Il-korp regolatorju għandu janalizza ***l-pjan tal-provvista tal-kapaċità*** u jista' jieħu deċiżjoni li teżiġi ***lill-menijer*** tal-infrastruttura jemenda l-pjan tal-provvista tal-kapaċità. ***Id-deċiżjoni tal-korp regolatorju għandha tqis kull opinjoni jew rakkomandazzjoni mill-ENIM, meta din tkun ingħatat.***

**Emenda 97**

**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 18 – paragrafu 9a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

Fil-pjan tal-provvista tal-kapaċità, ***il-manijers*** tal-infrastruttura għandhom jinkludu l-elementi kollha elenkati fil-paragrafu 6 ***u jiżguraw il-koerenza mal-istrateġija tal-kapaċità.***

*Emenda*

9. ***Il-manijer tal-infrastruttura għandu jippreżenta l-abbozz ta' pjan tal-provvista tal-kapaċità lill-korp regolatorju għal skrutinju xahrejn qabel il-pubblikazzjoni.*** Il-korp regolatorju għandu janalizza ***dan il-pjan*** u jista' jieħu deċiżjoni ***mhux aktar minn xahar qabel il-pubblikazzjoni,*** li teżiġi ***li l-manijer*** tal-infrastruttura jemenda l-pjan tal-provvista tal-kapaċità.

9a. ***Bil-ħsieb li tiġi żgurata l-konsistenza transfruntiera tal-pjanijiet tal-provvista tal-kapaċità, id-deċiżjoni tal-korp regolatorju għandha tqis, meta jkun rilevanti, kwalunkwe opinjoni jew rakkomandazzjoni mill-ENRRB, l-ERA jew minn korpi regolatorji oħrajn.***

## Emenda 98

### Proposta għal regolament Artikolu 18 – paragrafu 10 – parti introduttorja

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

10. L-ENIM għandu jadotta linji gwida u jinkludihom fil-qafas Ewropew għall-ġestjoni tal-kapaċità msemmi fl-Artikolu 6, li jistabbilixxi dawn li ġejjin:

#### *Emenda*

10. ***Sa ... [12-il xahar wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], u f'konsultazzjoni mal-ERP, l-ENIM għandu jadotta linji gwida u jinkludihom fil-qafas Ewropew għall-ġestjoni tal-kapaċità msemmi fl-Artikolu 6, li jistabbilixxi dawn li ġejjin:***

## Emenda 99

### Proposta għal regolament Artikolu 18 – paragrafu 10a (ġdid)

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

#### *Emenda*

***10a. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 71 biex tistabbilixxi prinċipji, proċeduri u metodoloġiji komuni għal-linji gwida msemmija fil-paragrafu 10 ta' dan l-Artikolu u biex temenda l-paragrafu 10 ta' dan l-Artikolu. Dawk l-atti delegati għandhom jiġu adottati sa ... [24 xahar mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament]. Dawn għandhom jiġu inklużi fil-qafas Ewropew għall-ġestjoni tal-kapaċità.***

## Emenda 100

### Proposta għal regolament Artikolu 19 – paragrafu 2 – punt a

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(a) id-deżinjazzjoni ta' rotot alternattivi biex ikun jista' jiddawwar it-traffiku f'każ ta' nuqqas ta' disponibbiltà ***tal-linji inklużi fin-network ewlieni u ewlieni estiż tat-TEN-T kif stabbilit fl-Artikolu 6 u fl-***

#### *Emenda*

(a) id-deżinjazzjoni ta' rotot alternattivi biex ikun jista' jiddawwar it-traffiku f'każ ta' nuqqas ta' disponibbiltà ***ta' linja;***

## Emenda 101

### Proposta għal regolament Artikolu 19 – paragrafu 5

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

5. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti **ta' implimentazzjoni** li jistabbilixxu d-dettalji tal-proċedura u l-kriterji li jridu jintużaw għall-applikazzjoni tal-paragrafu 2, b'mod partikolari f'sitwazzjonijiet li jaf iħallu impatt fuq it-traffiku transfruntier. **Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 72(3).**

## Emenda 102

### Proposta għal regolament Artikolu 20 – paragrafu 2

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

2. L-oġġetti tal-ippjanar tal-kapaċità għandhom jiddefinixxu l-karatteristiċi u l-proprjetajiet ta' tipi differenti ta' kapaċità ppjanata minn qabel, inkluż il-kapaċità disponibbli għat-talbiet mill-applikanti, il-kapaċità riżervata għax-xogħlijiet infrastrutturali u l-kapaċità diġà allokata. Dawk il-karatteristiċi u l-proprjetajiet għandhom jinkludu l-aspetti kollha rilevanti għal tipi speċifiċi ta' kapaċità ppjanata minn qabel, bħar-rotta, it-twaqqit, il-veloċità minima ggarantita jew meħtieġa, il-kompatibbiltà teknika bejn il-vetturi ferrovjarji mal-infrastruttura, il-parametri u l-għadd ta' **slots** inklużi.

## Emenda 103

#### *Emenda*

5. Il-Kummissjoni għandha **tingħata s-setgħa li** tadotta atti **delegati f'konformità mal-Artikolu 71 biex tistabbilixxi** d-dettalji tal-proċedura u l-kriterji li jridu jintużaw għall-applikazzjoni tal-paragrafu 2 **ta' dan l-Artikolu**, b'mod partikolari f'sitwazzjonijiet li jaf iħallu impatt fuq it-traffiku transfruntier. **Dawn l-atti delegati għandhom jiġu adottati sa ... [24 xahar mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament],**

#### *Emenda*

2. L-oġġetti tal-ippjanar tal-kapaċità għandhom jiddefinixxu l-karatteristiċi u l-proprjetajiet ta' tipi differenti ta' kapaċità ppjanata minn qabel, inkluż il-kapaċità disponibbli għat-talbiet mill-applikanti, il-kapaċità riżervata għax-xogħlijiet infrastrutturali u l-kapaċità diġà allokata. Dawk il-karatteristiċi u l-proprjetajiet għandhom jinkludu l-aspetti kollha rilevanti għal tipi speċifiċi ta' kapaċità ppjanata minn qabel, bħar-rotta, it-twaqqit, il-veloċità minima ggarantita jew meħtieġa, il-kompatibbiltà teknika bejn il-vetturi ferrovjarji mal-infrastruttura, il-parametri u l-għadd ta' **vjaġġi tal-ferrovija** inklużi.

**Proposta għal regolament  
Artikolu 20 – paragrafu 3**

*Test propost mill-Kummissjoni*

3. L-ENIM għandu jiżviluppa qafas komuni għall-kriterji u l-proċeduri msemmija fil-paragrafu 1 u jinkludih fil-qafas Ewropew għall-ġestjoni tal-kapaċità msemmi fl-Artikolu 6. Dak il-qafas komuni għandu jibbilanċja l-benefiċċji li tiġi riżervata kapaċità għal tipi speċifiċi ta' servizzi ferrovjarji jew proċessi tal-allokazzjoni biex tkun żgurata l-flessibbiltà fil-mod kif jiġu akkomodati l-ħtiġijiet tas-suq fl-allokazzjoni tal-kapaċità. Għal dak il-għan, il-qafas komuni għandu jipprevedi l-possibbiltà li jitqiesu t-talbiet għad-drittijiet tal-kapaċità li ma jkunux konsistenti mal-kapaċità ppjanata minn qabel fil-kuntest tal-mekkaniżmu tar-risoluzzjoni kunsenswali tal-kunflitti msemmi fl-Artikolu 36.

**Emenda 104**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 20 – paragrafu 4**

*Test propost mill-Kummissjoni*

4. L-ENIM għandu jiżviluppa u jadotta speċifikazzjonijiet formali għall-oġġetti tal-ippjanar tal-kapaċità b'format li jinqara mill-bniedem u minn magna. L-ENIM għandu jinkludi dawn l-ispeċifikazzjonijiet fil-qafas Ewropew għall-ġestjoni tal-kapaċità msemmi fl-Artikolu 6. Mill-esperjenza tiegħu bl-applikazzjoni ta' dan l-Artikolu, l-ENIM għandu jipprovdi informazzjoni lill-Kummissjoni dwar emendi possibbli fl-ispeċifikazzjonijiet tekniċi dwar l-interoperabbiltà kif previst fid-Direttiva (UE) 2016/797 u fl-atti ta' implimentazzjoni adottati skont dik id-

*Emenda*

3. ***Sa .. [12-il xahar wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], u f'konsultazzjoni mal-ERP,*** L-ENIM għandu jiżviluppa qafas komuni għall-kriterji u l-proċeduri msemmija fil-paragrafu 1 ***ta' dan l-Artikolu*** u jinkludih fil-qafas Ewropew għall-ġestjoni tal-kapaċità msemmi fl-Artikolu 6. Dak il-qafas komuni għandu jibbilanċja l-benefiċċji li tiġi riżervata kapaċità għal tipi speċifiċi ta' servizzi ferrovjarji jew proċessi tal-allokazzjoni biex tkun żgurata l-flessibbiltà fil-mod kif jiġu akkomodati l-ħtiġijiet tas-suq fl-allokazzjoni tal-kapaċità. Għal dak il-għan, il-qafas komuni għandu jipprevedi l-possibbiltà li jitqiesu t-talbiet għad-drittijiet tal-kapaċità li ma jkunux konsistenti mal-kapaċità ppjanata minn qabel fil-kuntest tal-mekkaniżmu tar-risoluzzjoni kunsenswali tal-kunflitti msemmi fl-Artikolu 36.

*Emenda*

4. L-ENIM għandu jiżviluppa u jadotta speċifikazzjonijiet formali għall-oġġetti tal-ippjanar tal-kapaċità b'format li jinqara mill-bniedem u minn magna. L-ENIM għandu jinkludi dawn l-ispeċifikazzjonijiet fil-qafas Ewropew għall-ġestjoni tal-kapaċità msemmi fl-Artikolu 6 ***ta' dan ir-Regolament.*** Mill-esperjenza tiegħu bl-applikazzjoni ta' dan l-Artikolu, l-ENIM, ***wara konsultazzjoni mal-ERP,*** għandu jipprovdi informazzjoni lill-Kummissjoni dwar emendi possibbli fl-ispeċifikazzjonijiet tekniċi dwar l-interoperabbiltà kif previst fid-Direttiva (UE) 2016/797 u fl-atti ta'

Direttiva, f'konformità mal-Artikolu 62(3) ta' dan ir-Regolament.

implimentazzjoni adottati skont dik id-Direttiva, f'konformità mal-Artikolu 62(3) ta' dan ir-Regolament.

## Emenda 105

### Proposta għal regolament Artikolu 20 – paragrafu 4a (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**4a.** *Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 71 biex tistabbilixxi d-dettalji tal-proċedura u l-kriterji li jridu jintużaw għall-applikazzjoni tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, b'mod partikolari f'sitwazzjonijiet li jaf iħallu impatt fuq it-traffiku transfruntier, u li temenda l-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu. Dawk l-atti delegati għandhom jiġu adottati sa ... [24 xahar mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament].*

## Emenda 106

### Proposta għal regolament Artikolu 21 – paragrafu 3

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

3. It-talbiet individwali kunfliġġenti għall-kapaċità sottomessi għall-allokazzjoni tul ***l-iskeda*** operatorja ma għandhomx ikunu raġuni biex jiġi dikjarat li element infrastrutturali hu użat ħafna jew konġestjonat sakemm ma jiġux issodisfati l-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 1.

3. It-talbiet individwali kunfliġġenti għall-kapaċità sottomessi għall-allokazzjoni tul ***il-perjodu tal-iskeda*** operatorja ma għandhomx ikunu raġuni biex jiġi dikjarat li element infrastrutturali hu użat ħafna jew konġestjonat sakemm ma jiġux issodisfati l-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 1.

## Emenda 107

### Proposta għal regolament Artikolu 21 – paragrafu 8



*Test propost mill-Kummissjoni*

8. Il-proċeduri u l-kriterji li jridu jintużaw meta l-infrastruttura tkun konġestjonata għandhom jiġu stabbiliti fid-dikjarazzjoni dwar in-network u għandhom jirrispettaw kull miżura u kriterju adottat f'konformità mal-paragrafu 7.

**Emenda 108**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 21 – paragrafu 9**

*Test propost mill-Kummissjoni*

9. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 71 biex temenda l-Anness II biex tiżgura ġestjoni effiċjenti tal-kapaċità f'infrastruttura użata ħafna u konġestjonata u tirrifletti t-tħassib operazzjonali ***tal-meniġers*** tal-infrastruttura u tal-applikanti, filwaqt li tqis l-esperjenza tal-ENIM, ***tal-meniġers*** tal-infrastruttura, tal-applikanti u ta' partijiet ikkonċernati operazzjonali oħra, tal-korpi regolatorji u ***tal-ENRB*** fl-implimentazzjoni ta' dan l-Artikolu.

**Emenda 109**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 22 – paragrafu 1 – subparagrafu 3**

*Test propost mill-Kummissjoni*

L-analiżi tal-kapaċità għandha tinkludi wkoll l-ewwel sett indikattiv ta' miżuri possibbli li jridu jittieħdu fl-immedjat, fi żmien medju u fit-tul biex tittaffa l-konġestjoni u tizzied id-disponibbiltà tal-kapaċità.

*Emenda*

8. Il-proċeduri u l-kriterji li jridu jintużaw meta l-infrastruttura tkun konġestjonata għandhom jiġu stabbiliti fid-dikjarazzjoni dwar in-network u għandhom jirrispettaw kull miżura u kriterju adottat f'konformità mal-paragrafu 6.

*Emenda*

9. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 71 biex temenda l-Anness II biex tiżgura ġestjoni effiċjenti tal-kapaċità f'infrastruttura użata ħafna u konġestjonata u tirrifletti t-tħassib operazzjonali ***tal-maniġers*** tal-infrastruttura u tal-applikanti, filwaqt li tqis l-esperjenza tal-ENIM, ***tal-maniġers*** tal-infrastruttura, tal-applikanti u ta' partijiet ikkonċernati operazzjonali oħra, tal-korpi regolatorji u ***tal-ENRRB*** fl-implimentazzjoni ta' dan l-Artikolu.

*Emenda*

L-analiżi tal-kapaċità għandha tinkludi wkoll l-ewwel sett indikattiv ta' miżuri possibbli li jridu jittieħdu fl-immedjat, fi żmien medju u fit-tul biex tittaffa l-konġestjoni u tizzied id-disponibbiltà tal-kapaċità. ***L-analiżi tal-kapaċità għandha tiddifferenzja bejn il-miżuri għall-infrastruttura li tintuża ħafna u għall-infrastruttura konġestjonata.***

## Emenda 110

### Proposta għal regolament Artikolu 22 – paragrafu 2

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

2. L-analiżi tal-kapaċità għandha tqis il-karatteristiċi tal-infrastruttura mil-lat ta' kapaċità, abbiltà u interoperabbiltà, proċeduri operattivi, in-natura tas-servizzi differenti li qed jaħdmu u l-effett ta' dawn il-fatturi kollha fuq il-kapaċità infrastrutturali. Il-miżuri li jridu jitqiesu għandhom ikunu jinkludu b'mod partikolari s-servizzi ta' tidwir tar-rotot, l-iskedar mill-ġdid tas-servizzi, il-bidliet fil-veloċità, l-armonizzazzjoni tal-proċeduri operattivi, u t-titjib fl-infrastruttura.

#### *Emenda*

2. L-analiżi tal-kapaċità għandha tqis il-karatteristiċi tal-infrastruttura mil-lat ta' kapaċità, abbiltà u interoperabbiltà, proċeduri operattivi, in-natura tas-servizzi differenti li qed jaħdmu u l-effett ta' dawn il-fatturi kollha fuq il-kapaċità infrastrutturali. Il-miżuri li jridu jitqiesu għandhom ikunu jinkludu b'mod partikolari s-servizzi ta' tidwir tar-rotot, ***inkluż permezz ta' networks differenti jekk ikun applikabbli***, l-iskedar mill-ġdid tas-servizzi, il-bidliet fil-veloċità, l-armonizzazzjoni tal-proċeduri operattivi, u t-titjib fl-infrastruttura.

## Emenda 111

### Proposta għal regolament Artikolu 22 – paragrafu 4 – subparagrafu 1

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

***Il-meniġers*** tal-infrastruttura għandhom iqisu r-riżultati ta' kull analiżi tal-kapaċità li ssir skont dan l-Artikolu fl-ippjanar strateġiku tal-kapaċità, b'mod partikolari fl-istrateġija tal-kapaċità, fil-mudell tal-kapaċità u fil-pjan tal-provvista tal-kapaċità.

#### *Emenda*

***Il-meniġers*** tal-infrastruttura għandhom iqisu r-riżultati ta' kull analiżi tal-kapaċità li ssir, ***inkluż f' networks ikkonċernati oħrajn*** skont dan l-Artikolu fl-ippjanar strateġiku tal-kapaċità, b'mod partikolari fl-istrateġija tal-kapaċità, fil-mudell tal-kapaċità u fil-pjan tal-provvista tal-kapaċità.

## Emenda 112

### Proposta għal regolament Artikolu 23 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

Fi żmien sitt xhur mit-tlestija ta' analiżi tal-kapaċità f'konformità mal-Artikolu 22, ***il-***

#### *Emenda*

***Għall-infrastruttura ddikjarata li hija kkonġestjonata f'konformità mal-Artikolu***

**meniġer** tal-infrastruttura għandu jistabbilixxi pjan għat-titjib tal-kapaċità.

**21 u** fi żmien sitt xhur mit-tlestija ta' analiżi tal-kapaċità f'konformità mal-Artikolu 22, **il-maniġer** tal-infrastruttura għandu jistabbilixxi pjan għat-titjib tal-kapaċità.

#### Emenda 113

##### Proposta għal regolament

##### Artikolu 23 – paragrafu 1 – subparagrafu 2 - punt d

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

(d) l-alternattivi u l-kostijiet għat-titjib tal-kapaċità, **inkluż il-bidliet** possibbli fl-imposti tal-aċċess.

(d) l-alternattivi u l-kostijiet għat-titjib tal-kapaċità, **inklużi l-miżuri deskritti fl-Artikolu 22(2) u l-bidliet** possibbli fl-imposti tal-aċċess.

#### Emenda 114

##### Proposta għal regolament

##### Artikolu 23 – paragrafu 3 – subparagrafu 2a (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**Fuq il-bażi ta' analiżi tal-kapaċità, l-Istat Membru għandu jibni jew jaġġorna l-infrastruttura meħtieġa.**

#### Emenda 115

##### Proposta għal regolament

##### Artikolu 25 – paragrafu 2 – subparagrafu 1

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

Meta jqassam il-kapaċità infrastrutturali skont il-paragrafu 1, **il-meniġer** tal-infrastruttura għandu jaġixxi f'konformità mal-Artikolu 8.

Meta jqassam il-kapaċità infrastrutturali **ddikjarata li hija konġestjonata** skont il-paragrafu 1, **il-maniġer** tal-infrastruttura għandu jaġixxi f'konformità mal-Artikolu 8.

#### Emenda 116

**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 25 – paragrafu 2 – subparagrafu 1a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***Sa ... [24 xahar mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], meta t-tqassim tal-kapaċità infrastrutturali tkun ġiet iddikjarata li tintuża ħafna skont il-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, il-manijer tal-infrastruttura għandu jaġixxi f'konformità mal-Artikolu 8.***

**Emenda 117**

**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 25 – paragrafu 2 – subparagrafu 2**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***Il-manijer*** tal-infrastruttura għandu jqis il-ħtieġa ta' kapaċità għal servizzi ferrovjarji f'diversi networks.

***Il-manijer*** tal-infrastruttura għandu jqis il-ħtieġa ta' kapaċità għal servizzi ferrovjarji f'diversi networks, ***speċjalment servizzi internazzjonali tat-trasport ferrovjarju tal-merkanzija.***

**Emenda 118**

**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 27 – paragrafu 2 – subparagrafu 1**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

L-applikanti ***għandu jkollhom id-dritt li*** jitolbu drittijiet tal-kapaċità f'diversi networks, u ***li*** jirċievu tweġibiet għal dawn it-talbiet, f'post uniku u b'operazzjoni waħda. ***Il-manijers*** tal-infrastruttura għandhom jikkooperaw fl-allokazzjoni tal-kapaċità għas-servizzi ferrovjarji f'diversi networks, inkluż b'mod partikolari s-servizzi internazzjonali tat-trasport ferrovarju tal-merkanzija u tat-trasport ferrovarju tal-passiġġieri.

L-applikanti ***għandhom*** jitolbu drittijiet tal-kapaċità f'diversi networks, u ***għandhom*** jirċievu tweġibiet għal dawn it-talbiet, f'post uniku u b'operazzjoni waħda ***kif previst fil-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu. Il-manijers*** tal-infrastruttura għandhom jikkooperaw fl-allokazzjoni tal-kapaċità għas-servizzi ferrovjarji f'diversi networks, inkluż b'mod partikolari s-servizzi internazzjonali tat-trasport ferrovarju tal-merkanzija u tat-trasport ferrovarju tal-passiġġieri.

## Emenda 119

### Proposta għal regolament Artikolu 27 – paragrafu 3

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

3. ***Il-maniġers*** tal-infrastruttura għandhom jirrispettaw il-kunfidenzjalità kummerċjali tal-informazzjoni mogħtija lilhom.

#### *Emenda*

3. ***Il-maniġers*** tal-infrastruttura għandhom jirrispettaw il-kunfidenzjalità kummerċjali tal-informazzjoni mogħtija lilhom, ***speċjalment fil-każ ta' kumpaniji ferrovjarji integrati vertikalment. Informazzjoni bħal-linja speċifika soġġetta għat-talba, in-numru tagħha jew il-frekwenza tagħha għandha titqies bħala kunfidenzjali.***

## Emenda 120

### Proposta għal regolament Artikolu 27 – paragrafu 4 – subparagrafu 2

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

Għad-drittijiet tal-kapaċità f'diversi networks, l-ENIM għandu jistabbilixxi ***interfaċċa*** unika jew sistema komuni f'konformità mal-Artikolu 62, ***biex timmaniġġja*** l-allokazzjoni tal-kapaċità f'post uniku u b'operazzjoni waħda.

#### *Emenda*

Għad-drittijiet tal-kapaċità f'diversi networks, l-ENIM għandu, ***mal-approvazzjoni mill-ERA tal-konformità mat-TSIs u sa ... [12-il xahar mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament]***, jistabbilixxi ***punt uniku tas-servizz f'interfaċċa*** unika jew sistema komuni ***żviluppata*** f'konformità mal-Artikolu 62. ***Il-maniġers tal-infrastruttura għandhom jużaw dik l-interfaċċa unika biex jimmaniġġjaw*** l-allokazzjoni tal-kapaċità f'post uniku u b'operazzjoni waħda. ***Is-servizzi ferrovjarji konnessi jew raggruppati għandu jkollhom maniġer tal-infrastruttura wieħed bħala l-punt uniku ta' kuntatt. Tali servizzi ferrovjarji konnessi jew raggruppati għandhom jiġu ddikjarati fit-talba għall-kapaċità.***

## Emenda 121

### Proposta għal regolament Artikolu 27 – paragrafu 6 – subparagrafu 1

***Il-meniġer*** tal-infrastruttura għandu jħassar dritt għall-kapaċità jekk, tul perjodu ta' mill-anqas xahar, ikun intuża anqas mill-kwota limitu, li trid tiġi stabbilit fid-dikjarazzjoni dwar in-network, sakemm dan ma kienx minħabba raġunijiet mhux ekonomiċi lil hinn mill-kontroll tal-applikant. L-ENIM għandu jiddefinixxi l-firxiet għall-kwota limitu u jinkludihom fil-qafas Ewropew għall-ġestjoni tal-kapaċità msemmi fl-Artikolu 6.

***Il-maniġer*** tal-infrastruttura għandu jħassar dritt għall-kapaċità jekk, tul perjodu ta' mill-anqas xahar, ikun intuża anqas mill-kwota limitu, li trid tiġi stabbilit fid-dikjarazzjoni dwar in-network, sakemm dan ma kienx minħabba raġunijiet mhux ekonomiċi lil hinn mill-kontroll tal-applikant. L-ENIM għandu ***jikkonsulta mal-ERP biex*** jiddefinixxi l-firxiet għall-kwota limitu u jinkludihom fil-qafas Ewropew għall-ġestjoni tal-kapaċità msemmi fl-Artikolu 6.

## **Emenda 122**

### **Proposta għal regolament Artikolu 27 – paragrafu 7**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

7. Meta ***l-meniġer*** tal-infrastruttura jħassar, f'konformità mal-paragrafu 6, id-drittijiet tal-kapaċità f'diversi networks, ***il-korp*** regolatorju responsabbli għal dak ***il-meniġer*** tal-infrastruttura għandu jinforma lill-korpi regolatorji rilevanti u lill-ENRRB.

7. Meta ***l-maniġer*** tal-infrastruttura jħassar, f'konformità mal-paragrafu 6, id-drittijiet tal-kapaċità f'diversi networks, ***huwa għandu jinforma lill-korp*** regolatorju responsabbli għal dak ***il-maniġer*** tal-infrastruttura. ***Dak il-korp regolatorju*** għandu jinforma lill-korpi regolatorji rilevanti u lill-ENRRB.

## **Emenda 123**

### **Proposta għal regolament Artikolu 27 – paragrafu 7a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***7a. Il-maniġer tal-infrastruttura għandu jitħalla juża, meta jkun rilevanti, approċċi ta' skedi ta' żmien speċifiċi. Jekk il-maniġer tal-infrastruttura jiddeċiedi li jippjana minn qabel il-kapaċità billi juża mogħdijiet ferrovjarji sistematiċi b'rilevanza transfruntiera, il-maniġer tal-infrastruttura għandu jikkoordina mal-***

*manigiers tal-infrastruttura ġirien u ma' manigiers tal-infrastruttura kkonċernati oħrajn biex isib soluzzjonijiet miftiehma b'mod reċiproku għat-traffiku transfruntier. Irrispettivament mill-għażla nazzjonali li l-Istati Membri jsegwu għall-iskedar tagħhom, il-manigiers tal-infrastruttura għandhom jiżguraw allokkazzjoni bilanċjata, ġusta u mhux diskriminatorja tal-mogħdijiet ferrovjarji. Fir-rigward tal-kumpens għal bidliet fid-drittijiet tal-kapaċità msemmija fl-Artikolu 40 li jinvolvu wkoll mogħdijiet ferrovjarji sistematiċi, il-valur tiegħu għandu jiġi stabbilit għal mill-inqas 1,25 darba tal-valur definit għall-mogħdijiet ferrovjarji mhux sistematiċi skont il-proċess stabbilit fl-Artikolu 40.*

#### **Emenda 124**

##### **Proposta għal regolament Artikolu 27 – paragrafu 7 b (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**7b.** *Il-manigiers tal-infrastruttura għandhom jinformaw lill-korp regolatorju dwar it-talbiet kollha għall-kapaċità riċevuti li ma kinux jaqblu mal-parametri tal-kapaċità disponibbli kif definit fil-pjan tal-provvista tal-kapaċità, irrispettivament minn jekk ikunux ġew aċċettati jew rifjutati. Abbażi ta' din l-informazzjoni, il-korp regolatorju għandu jgħid opinjoni mill-anqas kull sentejn, li fiha jista' jirrakkomanda lill-manigier tal-infrastruttura biex jemenda l-mudell tal-kapaċità.*

#### **Emenda 125**

##### **Proposta għal regolament Artikolu 28 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – punt a**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(a) il-ħatra ta' punt uniku **tal-kuntatt** inkarigat mill-komunikazzjoni mal-applikant fir-rigward **tat-talba** għal dritt tal-kapaċità f'diversi networks, li għandu jiġi notifikat lill-applikant mingħajr dewmien wara li jirċievi t-talba;

*Emenda*

(a) il-ħatra ta' punt uniku **tas-servizz, kif imsemmi fl-Artikolu 27(4)**, inkarigat mill-komunikazzjoni mal-applikant fir-rigward **ta' kull talba** għal dritt tal-kapaċità f'diversi networks, li għandu jiġi notifikat lill-applikant mingħajr dewmien wara li jirċievi t-talba. **Dan għandu japplika wkoll fil-każ ta' pari ta' ferroviji transfruntieri li jkunu servizzi ferrovjarji internazzjonali lejn u minn destinazzjoni fi Stat Membru ieħor;**

**Emenda 126**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 28 – paragrafu 5**

*Test propost mill-Kummissjoni*

5. L-ENIM għandu jiddefinixxi l-proċeduri u l-metodi dettaljati għall-implimentazzjoni ta' dan l-Artikolu u r-rekwiżiti minimi tal-kwalità msemmija fil-paragrafu 2(b) u jinkludihom fil-qafas Ewropew għall-ġestjoni tal-kapaċità msemmi fl-Artikolu 6.

*Emenda*

5. **Sa ... [24 xahar wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], u wara li jikkonsulta l-ERP**, l-ENIM għandu jiddefinixxi l-proċeduri u l-metodi dettaljati għall-implimentazzjoni ta' dan l-Artikolu u r-rekwiżiti minimi tal-kwalità msemmija fil-paragrafu 2(b) u jinkludihom fil-qafas Ewropew għall-ġestjoni tal-kapaċità msemmi fl-Artikolu 6.

**Emenda 127**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 28 – paragrafu 5a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**5a. Il-Kummissjoni għandha, sa ... [24 xahar wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], tadotta atti ta' implimentazzjoni biex tistabbilixxi l-proċeduri u l-metodi dettaljati għall-implimentazzjoni ta' dan l-Artikolu u r-rekwiżiti ta' kwalità minimi msemmija fil-paragrafu 2(b) u biex temenda l-**



*paragrafu 5 ta' dan l-Artikolu. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 72(3) u għandhom jiġu inklużi fil-qafas Ewropew għall-ġestjoni tal-kapaċità.*

## Emenda 128

### Proposta għal regolament Artikolu 29 – paragrafu 1

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

1. L-operaturi tal-faċilitajiet tas-servizzi li jagħtu informazzjoni indikattiva dwar il-kapaċità disponibbli ta' faċilità tas-servizzi f'konformità mal-Artikolu 6(3) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/2177<sup>22</sup> għandhom jikkooperaw **mal-meniġers** tal-infrastruttura għall-finijiet biex dawn tal-aħħar joffru mogħdijiet ferrovjarji li jkunu jinkludu **kapaċità ta' faċilità ferrovjarja**. Operaturi oħra tal-faċilitajiet tas-servizzi jistgħu jagħmlu ftehim **mal-meniġers** tal-infrastruttura għall-forniment konġunt tal-kapaċità.

---

<sup>22</sup> Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/2177 tat-22 ta' Novembru 2017 dwar l-aċċess għall-faċilitajiet ta' servizz u għas-servizzi relatati mal-ferroviji (ĠU L 307, 23.11.2017, p. 1).

## Emenda 129

### Proposta għal regolament Artikolu 29 – paragrafu 3

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

3. **Il-meniġers** tal-infrastruttura għandhom jiżguraw li l-applikanti jkunu jistgħu jitolbu f'post wieħed **u**

#### *Emenda*

1. L-operaturi tal-faċilitajiet tas-servizzi li jagħtu informazzjoni indikattiva dwar il-kapaċità disponibbli ta' faċilità tas-servizzi f'konformità mal-Artikolu 6(3) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/2177<sup>22</sup> għandhom jikkooperaw **mal-maniġers** tal-infrastruttura għall-finijiet biex dawn tal-aħħar joffru mogħdijiet ferrovjarji li jkunu jinkludu **l-kapaċità tal-faċilità ta' servizz**. Operaturi oħra tal-faċilitajiet tas-servizzi jistgħu jagħmlu ftehim **mal-maniġers** tal-infrastruttura għall-forniment konġunt tal-kapaċità.

---

<sup>22</sup> Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/2177 tat-22 ta' Novembru 2017 dwar l-aċċess għall-faċilitajiet ta' servizz u għas-servizzi relatati mal-ferroviji (ĠU L 307, 23.11.2017, p. 1).

#### *Emenda*

3. **Il-maniġers** tal-infrastruttura għandhom jiżguraw li l-applikanti jkunu jistgħu jitolbu f'post wieħed **stabbilit**

*b'operazzjoni waħda drittijiet* tal-kapaċità *għal infrastruttura* ferrovjarja u fil-faċilitajiet tas-servizzi msemmija fil-paragrafu 1.

*f'konformità mal-Artikolu 27(4), id-drittijiet* tal-kapaċità *ta' operazzjoni fuq l-infrastruttura* ferrovjarja u fil-faċilitajiet tas-servizzi msemmija fil-paragrafu 1.

### Emenda 130

#### Proposta għal regolament Artikolu 29 – paragrafu 4

*Test propost mill-Kummissjoni*

4. Għall-finijiet tal-paragrafu 3, *il-meniġers* tal-infrastruttura u l-operaturi tal-faċilitajiet tas-servizzi għandhom jikkoordinaw il-kapaċità u għandhom jipprovdu drittijiet tal-kapaċità, *inkluż il-kapaċità* fil-faċilità *ferrovjarja*, li jkunu jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-applikant, jew għandhom jagħmlu sforz biex jipprovdu alternattiva vijabbli.

*Emenda*

4. Għall-finijiet tal-paragrafu 3, *il-maniġers* tal-infrastruttura u l-operaturi tal-faċilitajiet tas-servizzi għandhom jikkoordinaw il-kapaċità u għandhom jipprovdu drittijiet tal-kapaċità, *inkluża l-kapaċità* fil-faċilità *ta' servizzi*, li jkunu jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-applikant, jew għandhom jagħmlu sforz biex jipprovdu alternattiva vijabbli.

### Emenda 131

#### Proposta għal regolament Artikolu 29 – paragrafu 5

*Test propost mill-Kummissjoni*

5. L-operaturi tal-faċilitajiet tas-servizzi msemmija fil-paragrafu 1 għandhom jagħmlu disponibbli informazzjoni, *meta jintalbu jew* fil-ħin reali *meta meħtieġ*, dwar il-kapaċità disponibbli *għall-meniġer* tal-infrastruttura b'format diġitali f'konformità mal-Artikolu 62.

*Emenda*

5. L-operaturi tal-faċilitajiet tas-servizzi *milquta* msemmija fil-paragrafu 1 għandhom jagħmlu disponibbli informazzjoni fil-ħin reali dwar il-kapaċità disponibbli *għall-maniġer* tal-infrastruttura b'format diġitali f'konformità mal-Artikolu 62.

### Emenda 132

#### Proposta għal regolament Artikolu 29 – paragrafu 5a (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**5a. Meta jitolbu drittijiet ta' kapaċità**

*biex jaċċessaw faċilità ta' servizz, l-applikanti għandhom jiddokumentaw il-ftehim tas-sid tal-faċilità ta' servizz li jakkomoda l-vetturi tagħhom.*

## Emenda 133

### Proposta għal regolament Artikolu 29 – paragrafu 6

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

6. Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu u f'konformità mal-Artikolu 62, l-ENIM għandu jipprovdi linji gwida dwar ir-rekwiżiti funzjonali u tekniċi għall-iskambju tal-informazzjoni bejn l-operaturi tal-faċilitajiet **ferrovjarji** u **l-maniġers** tal-infrastruttura **għall-finijiet ta' dan l-Artikolu**. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 2 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/2177, l-operaturi tal-faċilitajiet tas-servizzi jistgħu jitolbu li jiġu eżentati mill-applikazzjoni ta' dan l-Artikolu. Dawn it-talbiet għandhom jiġu ppreżentati lill-korp regolatorju u jiġu sostanzjati kif xieraq. Il-korpi regolatorji jistgħu jiddeċiedu li jestendu eżenzjoni f'każijiet debitament ġustifikati.

#### *Emenda*

6. Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu u f'konformità mal-Artikolu 62, l-ENIM għandu, **mal-approvazzjoni mill-ERA u sa... [24 xahar wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament]**, jipprovdi linji gwida dwar ir-rekwiżiti funzjonali u tekniċi għall-iskambju tal-informazzjoni bejn l-operaturi tal-faċilitajiet **ta' servizz** u **l-maniġers** tal-infrastruttura. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 2 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/2177, l-operaturi tal-faċilitajiet tas-servizzi jistgħu jitolbu li jiġu eżentati mill-applikazzjoni ta' dan l-Artikolu. Dawn it-talbiet għandhom jiġu ppreżentati lill-korp regolatorju u jiġu sostanzjati kif xieraq. Il-korpi regolatorji jistgħu jiddeċiedu li jestendu eżenzjoni f'każijiet debitament ġustifikati.

## Emenda 134

### Proposta għal regolament Artikolu 29 – paragrafu 7

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

7. L-ENRRB għandu jimmonitorja l-applikazzjoni tal-paragrafu 7 u għandu jipprovdi rakkomandazzjonijiet dwar il-kriterji li jridu jintużaw fil-valutazzjoni tat-talbiet għal eżenzjonijiet.

#### *Emenda*

7. L-ENRRB għandu jimmonitorja l-applikazzjoni tal-paragrafu 6 u għandu jipprovdi rakkomandazzjonijiet dwar il-kriterji li jridu jintużaw fil-valutazzjoni tat-talbiet għal eżenzjonijiet.

## Emenda 135

**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 29 – paragrafu 7a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**7a.** *Il-manigġers tal-infrastruttura għandhom jinformaw lill-korp regolatorju dwar it-talbiet kollha għall-kapaċità riċevuti li ma kinux jaqblu mal-parametri tal-kapaċità disponibbli kif definita fil-pjan tal-provvista tal-kapaċità, u li għalhekk ġew rifjutati. Abbażi ta' din l-informazzjoni, il-korp regolatorju għandu jgħid opinjoni mill-anqas kull sentejn, li fiha jista' jirrakkomanda lill-manigġer tal-infrastruttura biex jemenda l-mudell tal-kapaċità.*

**Emenda 136**

**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 29 – paragrafu 7 b (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**7b.** *Il-Kummissjoni għandha tadotta, sa ... [24 xahar wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], atti ta' implimentazzjoni biex tistabbilixxi dettalji dwar ir-rekwiżiti funzjonali u tekniċi għall-iskambju tal-informazzjoni bejn l-operaturi tal-faċilitajiet ferrovjarji u l-manigġers tal-infrastruttura għall-finijiet ta' dan l-Artikolu u biex temenda l-paragrafu 6 ta' dan l-Artikolu. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 72(3).*

**Emenda 137**

**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 30 – paragrafu 2**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

2. *Il-menigġers tal-infrastruttura*

2. *Il-manigġers tal-infrastruttura*

għandhom jaġġornaw **kontinwament** l-iskeda operatorja sa tmiem il-perjodu tal-iskeda operatorja, filwaqt li jqisu l-kapaċità allokata bil-proċess tal-ippjanar kontinwu msemmi fl-Artikolu 33, il-kapaċità allokata bil-proċess *ad hoc* imsemmi fl-Artikolu 34, il-bidliet fid-drittijiet tal-kapaċità f'konformità mal-Artikolu 39, u l-iskedar mill-ġdid fil-kuntest tal-ġestjoni tat-tfixkil u tal-ġestjoni tal-kriżijiet f'konformità mal-Artikolu 41.

għandhom jaġġornaw **f'intervalli regolari** l-iskeda operatorja sa tmiem il-perjodu tal-iskeda operatorja, filwaqt li jqisu l-kapaċità allokata bil-proċess tal-ippjanar kontinwu msemmi fl-Artikolu 33, il-kapaċità allokata bil-proċess *ad hoc* imsemmi fl-Artikolu 34, il-bidliet fid-drittijiet tal-kapaċità f'konformità mal-Artikolu 39, u l-iskedar mill-ġdid fil-kuntest tal-ġestjoni tat-tfixkil u tal-ġestjoni tal-kriżijiet f'konformità mal-Artikolu 41.

## Emenda 138

### Proposta għal regolament

#### Artikolu 31 – paragrafu 1 – subparagrafu 3a (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***Il-ftehimiet qafas għandhom jiġu nnotifikati lill-korp regolatorju u għandhom jiġu approvati minnu. Fil-każ ta' ftehimiet qafas f'diversi networks, l-approvazzjoni għandha tqis l-opinjoni tal-ENRRB.***

## Emenda 139

### Proposta għal regolament

#### Artikolu 31 – paragrafu 3

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

3. ***Il-meniġers*** tal-infrastruttura għandhom jikkonkludu ftehimiet qafas biss meta d-dritt tal-kapaċità mitlub ikun konsistenti mad-dokumenti tal-ippjanar tal-kapaċità strateġika msemmija fl-Artikolu 11(2). ***Il-meniġers*** tal-infrastruttura għandhom jindikaw il-kapaċità li jkunu qed jippjanaw li jirriżervaw għall-allokazzjoni bi ftehimiet qafas f'dawn id-dokumenti tal-ippjanar.

3. ***Il-maniġers*** tal-infrastruttura għandhom jikkonkludu ftehimiet qafas biss meta d-dritt tal-kapaċità mitlub ikun konsistenti mad-dokumenti tal-ippjanar tal-kapaċità strateġika msemmija fl-Artikolu 11(2). ***Il-maniġers*** tal-infrastruttura, ***wara konsultazzjoni man-networks ġirien***, għandhom jindikaw il-kapaċità li jkunu qed jippjanaw li jirriżervaw għall-allokazzjoni bi ftehimiet qafas f'dawn id-dokumenti tal-ippjanar.

## Emenda 140

**Proposta għal regolament  
Artikolu 31 – paragrafu 4**

*Test propost mill-Kummissjoni*

4. Il-ftehimiet qafas ma għandhomx ikunu b'tali mod li jipprekludu l-użu tal-infrastruttura rilevanti minn applikanti jew servizzi oħra. Għal dan il-għan, ***il-meniġers*** tal-infrastruttura għandhom jistabbilixxu l-ishma massimi tal-kapaċità totali li jistgħu jiġu allokati bi ftehimiet qafas u jinkluduhom fid-dikjarazzjoni dwar in-network.

*Emenda*

4. Il-ftehimiet qafas ma għandhomx ikunu b'tali mod li jipprekludu l-użu tal-infrastruttura rilevanti minn applikanti jew servizzi oħra. Għal dan il-għan, ***il-maniġers*** tal-infrastruttura għandhom, ***wara konsultazzjoni tal-korp regolatorju***, jistabbilixxu l-ishma massimi tal-kapaċità totali li jistgħu jiġu allokati bi ftehimiet qafas u jinkluduhom fid-dikjarazzjoni dwar in-network. ***Il-maniġers tal-infrastruttura tal-pajjiżi ġirien li jkunu kkonkludew ftehimiet qafas transfruntieri għandhom jallinjaw dawn l-ishma massimi tal-kapaċità totali u jagħmluhom kemm jista' jkun konsistenti.***

**Emenda 141**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 31 – paragrafu 7**

*Test propost mill-Kummissjoni*

7. Il-ftehimiet qafas għandhom, fil-prinċipju, ikopru l-perjodu indikat fit-Taqsima 5 tal-Anness I. ***Il-meniġer*** tal-infrastruttura jista' jaqbel fuq perjodu iqsar jew itwal f'każijiet speċifiċi. Kull perjodu itwal mill-perjodu indikat fit-Taqsima 5 tal-Anness I għandu jkun ġustifikat bir-reqwizit tal-investimenti ddedikati minn parteċipanti ġodda jew min-novità sostanzjali tas-servizz.

*Emenda*

7. Il-ftehimiet qafas għandhom, fil-prinċipju, ikopru l-perjodu indikat fit-Taqsima 5 tal-Anness I. ***Il-maniġer*** tal-infrastruttura jista' jaqbel fuq perjodu iqsar jew itwal f'każijiet speċifiċi. Kull perjodu itwal mill-perjodu indikat fit-Taqsima 5 tal-Anness I għandu jkun ġustifikat bir-reqwizit tal-investimenti ddedikati minn parteċipanti ġodda jew min-novità sostanzjali tas-servizz.

**Emenda 142**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 31 – paragrafu 11**

*Test propost mill-Kummissjoni*

11. Abbażi tal-esperjenza tal-korpi regolatorji, tal-awtoritajiet kompetenti u tal-impriżi ferrovjarji u abbażi tal-attivitajiet tal-ENRRB, il-Kummissjoni **tista'** tadotta att ta' implimentazzjoni **li jistabbilixxi** d-dettalji tal-proċedura u tal-kriterji li jridu jintużaw għall-applikazzjoni uniformi ta' dan l-Artikolu u tal-Artikolu 33. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 72(3).

**Emenda 143**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 32 – paragrafu 3**

*Test propost mill-Kummissjoni*

3. Fil-każ ta' kunflitt bejn żewġ talbiet għall-kapaċità jew aktar, **il-meniġers** tal-infrastruttura għandhom l-ewwel jippruvaw isolvu l-kunflitt bil-mekkaniżmu tar-riżoluzzjoni kunsenswali msemmi fl-Artikolu 36.

**Emenda 144**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 32 – paragrafu 5 – subparagrafu 1**

*Test propost mill-Kummissjoni*

F'konformità mal-Artikolu 18 u l-Artikolu 20, **il-meniġer** tal-infrastruttura għandu jagħti prijorità lit-talbiet li jkunu konsistenti mal-kapaċità ppjanata minn qabel definita fil-pjan tal-provvista tal-

*Emenda*

11. Abbażi tal-esperjenza tal-korpi regolatorji, tal-awtoritajiet kompetenti u tal-impriżi ferrovjarji u abbażi tal-attivitajiet tal-ENRRB, il-Kummissjoni **għandha, sa [24 xahar wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament],** tadotta att ta' implimentazzjoni **biex tistabbilixxi** d-dettalji tal-proċedura u tal-kriterji li jridu jintużaw għall-applikazzjoni uniformi ta' dan l-Artikolu u tal-Artikolu 33 **u biex temenda dan l-Artikolu u l-Artikolu 33.** Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 72(3).

*Emenda*

3. Fil-każ ta' kunflitt bejn żewġ talbiet għall-kapaċità jew aktar **jew fil-każ ta' talbiet għall-kapaċità mhux konsistenti mal-pjan tal-provvista tal-kapaċità, il-maniġers** tal-infrastruttura għandhom l-ewwel jippruvaw isolvu l-kunflitt bil-mekkaniżmu tar-riżoluzzjoni kunsenswali **tal-kunflitti** msemmi fl-Artikolu 36.

*Emenda*

F'konformità mal-Artikolu 18 u l-Artikolu 20, **il-maniġer** tal-infrastruttura għandu jagħti prijorità lit-talbiet li jkunu konsistenti mal-kapaċità ppjanata minn qabel definita fil-pjan tal-provvista tal-

kapaċità. ***Permezz ta' hekk, il-meniġer tal-infrastruttura jista' jaċċetta jew jirrifjuta t-talbiet li ma jkunux konsistenti mal-pjan tal-provvista tal-kapaċità.***

kapaċità, ***dment li l-partijiet operazzjonali kkonċernati jkunu ġew ikkonsultati kif xieraq u t-tħabbiriet tagħhom dwar il-kapaċità jkunu tqiesu bis-sħiħ.***

#### Emenda 145

##### Proposta għal regolament Artikolu 32 – paragrafu 5 – subparagrafu 2

*Test propost mill-Kummissjoni*

Meta jaċċetta talbiet li ma jkunux konsistenti mal-pjan tal-provvista tal-kapaċità, ***il-meniġer*** tal-infrastruttura għandu jara li jżomm il-bilanċ ġenerali bejn l-elementi tal-pjan tal-provvista tal-kapaċità elenkati fl-Artikolu 18(6).

*Emenda*

Meta jaċċetta talbiet li ma jkunux konsistenti mal-pjan tal-provvista tal-kapaċità, ***il-maniġer*** tal-infrastruttura għandu jara li jżomm il-bilanċ ġenerali bejn l-elementi tal-pjan tal-provvista tal-kapaċità elenkati fl-Artikolu 18(6) ***u t-talba nnifisha. Dawn l-applikazzjonijiet għandhom jitqiesu jekk ikun hemm biżżejjed kapaċità libera disponibbli mingħajr ma jiġu ristretti l-ħtiġijiet ta' applikazzjonijiet sussegwenti.***

#### Emenda 146

##### Proposta għal regolament Artikolu 32 – paragrafu 5 – subparagrafu 3

*Test propost mill-Kummissjoni*

Meta ***jirrifjuta*** talbiet mhux konsistenti mal-pjan tal-provvista tal-kapaċità, ***il-meniġer*** tal-infrastruttura għandu, mingħajr dewmien, jinforma lill-applikant ikkonċernat bl-intenzjoni tiegħu li jirrifjuta talba. Dan tal-aħħar għandu jkollu d-dritt li jippreżenta lment lill-korp regolatorju.

*Emenda*

Meta ***jipproċessa*** talbiet mhux konsistenti mal-pjan tal-provvista tal-kapaċità, ***il-maniġer tal-infrastruttura għandu joffri alternattiva u, meta jkun possibbli mil-lat taż-żmien, tkun ippreċeduta minn konsultazzjoni mal-applikanti kkonċernati. Jekk offerta alternattiva ma tkunx possibbli, il-maniġer*** tal-infrastruttura, ***meta jirrifjuta talba*** għandu, mingħajr dewmien, jinforma lill-applikant ikkonċernat bl-intenzjoni tiegħu li jirrifjuta talba. Dan tal-aħħar għandu jkollu d-dritt li jippreżenta lment lill-korp regolatorju.

#### Emenda 147



**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 32 – paragrafu 8**

*Test propost mill-Kummissjoni*

8. ***Il-menigier*** tal-infrastruttura għandu jkollha it-talbiet ippreżentati wara l-iskadenza inizjali u qabel l-iskadenza finali stabbilita ***fil-punt*** 4 tal-Anness I. F'każijiet bħal dawn, ***il-menigiers*** tal-infrastruttura għandhom jallokaw id-drittijiet tal-kapaċità f'konformità mat-Taqsima 4, il-punt 2 tal-Anness I.

**Emenda 148**

**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 33 – paragrafu 1**

*Test propost mill-Kummissjoni*

1. ***Il-menigiers*** tal-infrastruttura għandhom jallokaw il-kapaċità bil-proċess tal-ippjanar kontinwu skont l-iskadenzi stabbiliti ***fil-punt*** 6 tal-Anness I. ***Il-menigiers*** tal-infrastruttura għandhom jerfgħu kapaċità għal dan il-għan fil-pjan tal-provvista tal-kapaċità msemmi fl-Artikolu 18.

**Emenda 149**

**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 33 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – punt b**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(b) L-ispeċifikazzjonijiet tal-kapaċità għall-jiem operattivi kollha lil hinn mill-perjodu tal-iskeda operatorja li jinkludu l-ewwel jum inkluż fit-talba għal perjodu massimu speċifikat ***fil-punt*** 6 tal-Anness I.

*Emenda*

8. ***Il-manigier*** tal-infrastruttura għandu jkollha it-talbiet ippreżentati wara l-iskadenza inizjali u qabel l-iskadenza finali stabbilita ***fit-Taqsima*** 4 tal-Anness I. F'każijiet bħal dawn, ***il-manigiers*** tal-infrastruttura għandhom jallokaw id-drittijiet tal-kapaċità f'konformità mat-Taqsima 4, il-punt 2 tal-Anness I.

*Emenda*

1. ***Il-manigiers*** tal-infrastruttura għandhom jallokaw il-kapaċità bil-proċess tal-ippjanar kontinwu skont l-iskadenzi stabbiliti ***fit-Taqsima*** 6 tal-Anness I. ***Il-manigiers*** tal-infrastruttura għandhom jerfgħu kapaċità għal dan il-għan fil-pjan tal-provvista tal-kapaċità msemmi fl-Artikolu 18.

*Emenda*

(b) L-ispeċifikazzjonijiet tal-kapaċità għall-jiem operattivi kollha lil hinn mill-perjodu tal-iskeda operatorja li jinkludu l-ewwel jum inkluż fit-talba għal perjodu massimu speċifikat ***fit-Taqsima*** 6 tal-Anness I.

## Emenda 150

### Proposta għal regolament Artikolu 33 – paragrafu 3

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

3. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 18, ***il-meniġers*** tal-infrastruttura għandhom jallokaw il-kapaċità riżervata għall-proċess tal-allokazzjoni tal-ippjanar kontinwu abbażi tal-prinċipju tal-allokazzjoni stabbilit fit-Taqsima 5, il-punt 2 tal-Anness I.

#### *Emenda*

3. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 18, ***il-maniġers*** tal-infrastruttura għandhom jallokaw il-kapaċità riżervata għall-proċess tal-allokazzjoni tal-ippjanar kontinwu abbażi tal-prinċipju tal-allokazzjoni stabbilit fit-Taqsima 6, il-punt 2 tal-Anness I.

## Emenda 151

### Proposta għal regolament Artikolu 33 – paragrafu 4

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

4. F'konformità mar-regoli u l-proċeduri stabbiliti fl-Artikolu 20, ***il-meniġers*** tal-infrastruttura ***jistgħu jirrifjutaw li jallokaw*** kapaċità għal talbiet tal-ippjanar kontinwu jekk it-talbiet ma jkunux konsistenti mal-pjan tal-provvista tal-kapaċità adottat f'konformità mal-Artikolu 18. ***Rifjut għandu jiġi kkomunikat lill-applikant mingħajr dewmien.*** L-applikant għandu jkollu d-dritt li jippreżenta lment lill-korp regolatorju.

#### *Emenda*

4. F'konformità mar-regoli u l-proċeduri stabbiliti fl-Artikolu 20, ***il-maniġers*** tal-infrastruttura ***għandhom jagħmlu kull sforz biex joffru*** kapaċità ***alternattiva*** għal talbiet tal-ippjanar kontinwu jekk it-talbiet ma jkunux konsistenti mal-pjan tal-provvista tal-kapaċità adottat f'konformità mal-Artikolu 18. ***Jekk ma jkunx possibbli li tiġi offruta alternattiva, il-maniġer tal-infrastruttura jista' jirrifjuta li jalloka kapaċità għal tali talba inkonsistenti.*** L-applikant għandu jkollu d-dritt li jippreżenta lment lill-korp regolatorju.

## Emenda 152

### Proposta għal regolament Artikolu 33 – paragrafu 5

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

5. ***Il-meniġers tal-infrastruttura għandhom jinformaw lill-korp regolatorju dwar it-talbiet kollha għall-kapaċità***

#### *Emenda*

5. ***Imħassar***

*riċevuti li ma kinux jaqblu mal-parametri tal-kapaċità disponibbli kif definita fil-pjan tal-provvista tal-kapaċità, irrispettivament minn jekk ikunux ġew aċċettati jew rifjutati. Abbażi ta' din l-informazzjoni, il-korp regolatorju għandu jgħid opinjoni mill-anqas kull sentejn, li tista' tirrakkomanda lill-menijer tal-infrastruttura biex jemenda l-mudell tal-kapaċità.*

## **Emenda 153**

### **Proposta għal regolament Artikolu 36 – paragrafu 8**

*Test propost mill-Kummissjoni*

8. L-ENIM għandu jħejji linji gwida għall-mekkaniżmu tar-risoluzzjoni kunsenswali tal-kunflitti għat-talbiet għall-kapaċità f'diversi networks u jinkludihom fil-qafas Ewropew tal-ġestjoni tal-kapaċità msemmi fl-Artikolu 6.

*Emenda*

8. ***Sa ... [24 xahar wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament] u wara li jikkonsulta l-Pjattaforma Ferrovjarja Ewropea, l-ENIM għandu jħejji linji gwida għall-mekkaniżmu tar-risoluzzjoni kunsenswali tal-kunflitti għat-talbiet għall-kapaċità f'diversi networks u jinkludihom fil-qafas Ewropew tal-ġestjoni tal-kapaċità msemmi fl-Artikolu 6.***

## **Emenda 154**

### **Proposta għal regolament Artikolu 36 – paragrafu 8a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***8a. Il-Kummissjoni għandha, sa [24 xahar wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], tadotta att ta' implimentazzjoni biex tistabbilixxi d-dettalji tal-proċedura u l-kriterji li għandhom jiġu segwiti għall-mekkaniżmu tar-risoluzzjoni kunsenswali tal-kunflitti għat-talbiet għall-kapaċità f'diversi networks u biex temenda l-paragrafu 8 ta' dan l-Artikolu. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami***

***msemmija fl-Artikolu 72(3). Dawn għandhom jiġu inklużi fil-qafas Ewropew għall-ġestjoni tal-kapaċità.***

## **Emenda 155**

### **Proposta għal regolament Artikolu 37 – paragrafu 2**

*Test propost mill-Kummissjoni*

2. Fil-kuntest ***tal-proċess*** formali tar-riżoluzzjoni tal-kunflitti, it-talbiet għad-drittijiet tal-kapaċità f'diversi networks għandhom jitqiesu fl-intier tagħhom. Jekk, f'konformità mal-Artikolu 8(6), ikunu japplikaw parametri nazzjonali differenti, dawk il-parametri għandhom jintużaw għas-sezzjonijiet rispettivi.

*Emenda*

2. Fil-kuntest ***tal-mekkaniżmu*** formali tar-riżoluzzjoni tal-kunflitti, it-talbiet għad-drittijiet tal-kapaċità f'diversi networks għandhom jitqiesu fl-intier tagħhom. Jekk, f'konformità mal-Artikolu 8(6), ikunu japplikaw parametri nazzjonali differenti, dawk il-parametri għandhom jintużaw għas-sezzjonijiet rispettivi.

## **Emenda 156**

### **Proposta għal regolament Artikolu 37 – paragrafu 3a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***3a. F'dan ir-rigward, l-ENRRB għandu jikkompila linji gwida biex jiffaċilita l-applikazzjoni armonizzata tal-Artikolu 3.***

## **Emenda 157**

### **Proposta għal regolament Artikolu 39 – paragrafu 4a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***4a. Fil-każijiet fejn il-kapaċità tiġi riżervata iżda ma tintużax, għandu japplika pagament ta' kumpens f'konformità mal-Artikolu 40.***

## **Emenda 158**

**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 39 – paragrafu 7 – subparagrafu 2**

*Test propost mill-Kummissjoni*

***Il-meniġer*** tal-infrastruttura għandu joffri drittijiet tal-kapaċità alternattivi lill-applikant sal-iskadenzi stabbiliti fit-Taqsima 8 tal-Anness I. Meta ***dan ma jkunx possibbli, il-meniġer*** tal-infrastruttura għandu jagħti informazzjoni rilevanti lill-applikant biex ikun jista' jagħmel talba għall-kapaċità infrastrutturali. Meta rilevanti, dik l-informazzjoni għandha tagħmel referenza għall-pjan tal-provvista tal-kapaċità msemmi fl-Artikolu 18 u għall-ippjanar ta' kontinġenza msemmi fl-Artikolu 19.

**Emenda 159**

**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 39 – paragrafu 8 – subparagrafu 1**

*Test propost mill-Kummissjoni*

L-ENIM għandu jħejji u jadotta proċeduri armonizzati għall-ġestjoni tal-bidliet fid-drittijiet tal-kapaċità wara l-allokazzjoni u jinkludihom fil-qafas Ewropew għall-ġestjoni tal-kapaċità msemmi fl-Artikolu 6.

**Emenda 160**

**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 39 – paragrafu 8a (għdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***Il-maniġer*** tal-infrastruttura għandu joffri drittijiet tal-kapaċità alternattivi lill-applikant sal-iskadenzi stabbiliti fit-Taqsima 8 tal-Anness I. Meta ***ma tkun fattibbli l-ebda offerta alternattiva f'konformità mal-Artikolu 32(5) u l-Artikolu 33(4), il-maniġer(s)*** tal-infrastruttura għandu/hom jagħti/u informazzjoni rilevanti lill-applikant biex ***l-applikant*** ikun jista' jagħmel talba għall-kapaċità infrastrutturali. Meta rilevanti, dik l-informazzjoni għandha tagħmel referenza għall-pjan tal-provvista tal-kapaċità msemmi fl-Artikolu 18 u għall-ippjanar ta' kontinġenza msemmi fl-Artikolu 19.

*Emenda*

***Sa ... [12-il xahar mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament]*** L-ENIM għandu jħejji u jadotta proċeduri armonizzati għall-ġestjoni tal-bidliet fid-drittijiet tal-kapaċità wara l-allokazzjoni u jinkludihom fil-qafas Ewropew għall-ġestjoni tal-kapaċità msemmi fl-Artikolu 6.

***8a. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati***

*f'konformità mal-Artikolu 71 biex tistabilixxi regoli u proċeduri għall-ġestjoni tal-bidliet fid-drittijiet tal-kapaċità wara l-allokazzjoni u biex temenda l-paragrafu 8 ta' dan l-Artikolu. Dawk l-atti delegati għandhom jiġu adottati sa ... [24 xahar mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament]. Dawn għandhom jiġu inklużi fil-qafas Ewropew għall-ġestjoni tal-kapaċità.*

## Emenda 161

### Proposta għal regolament Artikolu 40 – paragrafu 3

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

3. Wara konsultazzjoni mal-ENRRB, l-ENIM għandu jiddefinixxi kundizzjonijiet armonizzati li jwasslu għal kumpens. Dawk il-kundizzjonijiet għandhom iqisu r-regoli stabbiliti fl-Artikolu 39(4) u (8). L-ENIM għandu jinkludi dawn il-kundizzjonijiet fil-qafas Ewropew għall-ġestjoni tal-kapaċità msemmi fl-Artikolu 6. L-ENRRB għandu jipubblika opinjoni dwar il-kundizzjonijiet definiti mill-ENIM.

#### *Emenda*

3. Wara konsultazzjoni mal-ENRRB **u l-Pjattaforma Ferrovarja Ewropea**, l-ENIM għandu, **sa [12-il xahar mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament],** jiddefinixxi kundizzjonijiet armonizzati li jwasslu għal kumpens. Dawk il-kundizzjonijiet għandhom iqisu r-regoli stabbiliti fl-Artikolu 39(4) u (8). L-ENIM għandu jinkludi dawn il-kundizzjonijiet fil-qafas Ewropew għall-ġestjoni tal-kapaċità msemmi fl-Artikolu 6. L-ENRRB għandu jipubblika opinjoni dwar il-kundizzjonijiet definiti mill-ENIM.

## Emenda 162

### Proposta għal regolament Artikolu 40 – paragrafu 6

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

6. Il-korpi regolatorji għandhom jiddeċiedu dwar it-tilwim relatat mar-raġuni għall-bidla għal dritt tal-kapaċità jew **għal kumpens tard** u għandhom jieħdu deċiżjoni mingħajr dewmien u fi żmien xahar mill-ġbir tal-informazzjoni kollha meħtieġa biex jivvalutaw il-kawża tal-bidla. Il-korpi regolatorji għandhom

#### *Emenda*

6. Il-korpi regolatorji għandhom jiddeċiedu dwar it-tilwim relatat mar-raġuni għall-bidla għal dritt tal-kapaċità jew **dewmien fil-ħlas tal-kumpens** u għandhom jieħdu deċiżjoni mingħajr dewmien u fi żmien xahar mill-ġbir tal-informazzjoni kollha meħtieġa biex jivvalutaw il-kawża tal-bidla. Il-korpi

jinformaw u jistgħu jikkonsultaw mal-ENRRB dwar dawn id-deċiżjonijiet. L-ENRRB għandu jiżgura li dawn id-deċiżjonijiet ikunu koerenti u bbażati fuq prinċipji rikonoxxuti b'mod komuni.

regolatorji għandhom jinformaw u jistgħu jikkonsultaw mal-ENRRB dwar dawn id-deċiżjonijiet. L-ENRRB għandu jiżgura li dawn id-deċiżjonijiet ikunu koerenti u bbażati fuq prinċipji rikonoxxuti b'mod komuni.

## Emenda 163

### Proposta għal regolament Artikolu 40 – paragrafu 7

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

7. Il-Kummissjoni ***tista'*** tadotta atti ***ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu*** l-kundizzjonijiet li jwasslu għall-ħlas tal-kumpensi, il-kategorizzazzjoni tal-bidliet fid-drittijiet tal-kapaċità u l-metodoloġiji biex jiġu stabbiliti l-livelli ta' kumpens. Dawk l-atti ***ta' implimentazzjoni*** għandhom jiġu adottati ***f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 72(3).***

#### *Emenda*

7. Il-Kummissjoni ***għandha tingħata dritt li*** tadotta atti ***delegati f'konformità mal-Artikolu 71 biex tistabbilixxi*** l-kundizzjonijiet li jwasslu għall-ħlas tal-kumpensi, il-kategorizzazzjoni tal-bidliet fid-drittijiet tal-kapaċità u l-metodoloġiji biex jiġu stabbiliti l-livelli ta' kumpens, ***u biex temenda l-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu.*** Dawk l-atti ***delegati*** għandhom jiġu adottati ***sa ... [24 xahar mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament]. Dawn għandhom jiġu inklużi fil-qafas Ewropew għall-ġestjoni tal-kapaċità.***

## Emenda 164

### Proposta għal regolament Artikolu 41 – paragrafu 2 – subparagrafu 1

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

L-ENIM għandu jiżviluppa u jadotta linji gwida għall-ġestjoni u l-allokazzjoni tal-kapaċità infrastrutturali f'każ ta' tfixkil fin-network b'mod trasparenti u nondiskriminatorju. B'mod partikolari, l-ENIM għandu jipprovdi linji gwida dwar l-applikazzjoni tal-proċess tal-allokazzjoni simultanja tal-kapaċità u l-prinċipju ta' min jiġi l-ewwel, jinqeda l-ewwel.

#### *Emenda*

***Sa [12-il xahar mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament,*** l-ENIM għandu jiżviluppa u jadotta linji gwida għall-ġestjoni u l-allokazzjoni tal-kapaċità infrastrutturali f'każ ta' tfixkil fin-network b'mod trasparenti u nondiskriminatorju. B'mod partikolari, l-ENIM għandu jipprovdi linji gwida dwar l-applikazzjoni tal-proċess tal-allokazzjoni simultanja tal-kapaċità u l-prinċipju ta' min jiġi l-ewwel, jinqeda l-ewwel.

## Emenda 165

### Proposta għal regolament Artikolu 41 – paragrafu 2 – subparagrafu 2

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

Meta jkun japplika l-proċess tal-allokazzjoni simultanja, l-ENIM għandu jipprovdi linji gwida dwar il-proċeduri li jridu jiġu applikati, u jinvolvi kif xieraq l-applikazzjoni ***tal-proċess*** tar-riżoluzzjoni kunsenswali tal-kunflitti msemmi fl-Artikolu 36 u ***tal-proċess*** formali tar-riżoluzzjoni tal-kunflitti msemmi fl-Artikolu 37. L-ENIM għandu jinkludi dawk il-linji gwida fil-qafas Ewropew għall-ġestjoni tal-kapaċità msemmi fl-Artikolu 6.

#### *Emenda*

Meta jkun japplika l-proċess tal-allokazzjoni simultanja, l-ENIM għandu jipprovdi linji gwida dwar il-proċeduri li jridu jiġu applikati, u jinvolvi kif xieraq l-applikazzjoni ***tal-mekkaniżmu*** tar-riżoluzzjoni kunsenswali tal-kunflitti msemmi fl-Artikolu 36 u ***tal-mekkaniżmu*** formali tar-riżoluzzjoni tal-kunflitti msemmi fl-Artikolu 37. L-ENIM għandu jinkludi dawk il-linji gwida fil-qafas Ewropew għall-ġestjoni tal-kapaċità msemmi fl-Artikolu 6.

## Emenda 166

### Proposta għal regolament Artikolu 41 – paragrafu 3

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

3. Meta jsir skedar mill-ġdid, ***il-meniġers*** tal-infrastruttura ma għandhomx ibiddu jew iħassru b'mod unilaterali d-drittijiet eżistenti tal-kapaċità għall-fini tal-ġestjoni tat-tfixkil. Madankollu, abbażi tal-esperjenza tal-korpi regolatorji, ***tal-meniġers*** tal-infrastruttura u tal-impriżi ferrovjarji u abbażi tal-attivitajiet tal-ENIM u tal-ENRRB, il-Kummissjoni ***tista'*** tadotta att ***ta' implimentazzjoni li jistabilixxi*** l-kriterji u l-proċeduri għall-iskedar mill-ġdid, inkluż bidliet unilaterali fid-drittijiet tal-kapaċità allokatu ***mill-meniġers*** tal-infrastruttura għall-fini tal-ġestjoni tat-tfixkil fin-network. ***Dak l-att ta' implimentazzjoni għandu jiġi adottat f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 72(3).***

#### *Emenda*

3. Meta jsir skedar mill-ġdid, ***il-maniġers*** tal-infrastruttura ma għandhomx ibiddu jew iħassru b'mod unilaterali d-drittijiet eżistenti tal-kapaċità għall-fini tal-ġestjoni tat-tfixkil. Madankollu, abbażi tal-esperjenza tal-korpi regolatorji, ***tal-maniġers*** tal-infrastruttura u tal-impriżi ferrovjarji u abbażi tal-attivitajiet tal-ENIM u tal-ENRRB, il-Kummissjoni ***għandha tingħata d-dritt li*** tadotta att ***delegat f'konformità mal-Artikolu 71 biex tistabilixxi*** l-kriterji u l-proċeduri għall-iskedar mill-ġdid, inkluż bidliet unilaterali fid-drittijiet tal-kapaċità allokatu ***mill-maniġers*** tal-infrastruttura għall-fini tal-ġestjoni tat-tfixkil fin-network ***u biex temenda l-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu. Dawk l-atti delegati għandhom jiġu adottati sa ... [24 xahar mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament]. Dawn għandhom jiġu inklużi fil-qafas Ewropew għall-***



## **Emenda 167**

### **Proposta għal regolament Artikolu 42 – paragrafu 2a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**2a. Il-maniġers tal-infrastruttura għandhom jippubblikaw u jagħmlu aċċessibbli liberament ir-regoli u l-proċeduri speċjali msemmija fil-paragrafu 2. Għandhom jiġu notifikati lill-Kummissjoni.**

## **Emenda 168**

### **Proposta għal regolament Artikolu 43 – paragrafu 1**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

1. **Il-meniġers** tal-infrastruttura għandhom jistabbilixxu regoli u proċeduri għall-ġestjoni tad-devjazzjonijiet tal-movimenti ferrovjarji mill-iskeda operatorja. Dawk ir-regoli u l-proċeduri għandhom jiġu ppubblikati fid-dikjarazzjoni dwar in-network imsemmija fl-Artikolu 27 tad-Direttiva 2012/34/UE u għandhom ikopru l-ġestjoni tat-traffiku fis-sitwazzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 42(1), il-punti (a), (b) u (c) ta' dan ir-Regolament.

1. **Sa ... [18-il xahar mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], il-maniġers** tal-infrastruttura għandhom jistabbilixxu regoli u proċeduri għall-ġestjoni tad-devjazzjonijiet tal-movimenti ferrovjarji mill-iskeda operatorja. Dawk ir-regoli u l-proċeduri għandhom jiġu ppubblikati fid-dikjarazzjoni dwar in-network imsemmija fl-Artikolu 27 tad-Direttiva 2012/34/UE u għandhom ikopru l-ġestjoni tat-traffiku fis-sitwazzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 42(1), il-punti (a), (b) u (c) ta' dan ir-Regolament.

## **Emenda 169**

### **Proposta għal regolament Artikolu 43 – paragrafu 2**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

2. Ir-regoli u l-proċeduri msemmija fil-paragrafu 1 għandhom jimmiraw li jnaqqsu kemm jista' jkun l-impatt ġenerali

2. Ir-regoli u l-proċeduri msemmija fil-paragrafu 1 għandhom jimmiraw li jnaqqsu kemm jista' jkun l-impatt ġenerali

tad-devjazzjonijiet mill-iskeda fuq it-traffiku ferrovjarju, filwaqt li jqisu l-ħtiġijiet tat-tipi kollha tat-trasport. ***Il-prinċipji*** jistgħu jkunu jinvolvu regoli ta' prijorità għall-ġestjoni bejn it-tipi differenti ta' traffiku u l-proċeduri, il-kriterji u l-miri speċifiċi li jridu jiġu applikati f'approċċ ibbażat fuq l-ottimizzazzjoni li jistrieħ fuq l-ottimizzazzjoni ta' xi funzjoni fil-mira, bħat-tnaqqis kemm jista' jkun possibbli tal-minuti ttardjati jew tal-ħin għar-ritorn għal operazzjonijiet normali, aktar milli regoli ta' prijorità espliċiti.

## Emenda 170

### Proposta għal regolament Artikolu 43 – paragrafu 3

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

3. Fil-każ ta' tfixkil fil-movimenti tal-ferroviji minħabba ħsara teknika jew inċident, ***il-menijer*** tal-infrastruttura għandu jieħu l-passi kollha meħtieġa biex ireġġa' lura s-sitwazzjoni għan-normal. Għal dak il-għan, dan għandu jimplementa pjan ta' kontinġenza f'konformità mal-Artikolu 19. Fil-każ ta' disturb li jkollu impatt potenzjali fuq it-traffiku transfruntier, ***il-menijers*** tal-infrastruttura kkonċernati għandhom jikkooperaw flimkien biex jergġu jistabbilixxu t-traffiku transfruntier għan-normal f'konformità mal-qafas Ewropew għall-koordinazzjoni transfruntiera tal-ġestjoni tat-traffiku, tal-ġestjoni tat-tfixkil u tal-ġestjoni tal-kriżijiet imsemmi fl-Artikolu 44.

## Emenda 171

### Proposta għal regolament Artikolu 43 – paragrafu 4a (ġdid)

tad-devjazzjonijiet mill-iskeda fuq it-traffiku ferrovjarju, filwaqt li jqisu l-ħtiġijiet tat-tipi kollha tat-trasport. ***Ir-regoli u l-proċeduri*** jistgħu jkunu jinvolvu regoli ta' prijorità għall-ġestjoni bejn it-tipi differenti ta' traffiku u l-proċeduri, il-kriterji u l-miri speċifiċi li jridu jiġu applikati f'approċċ ibbażat fuq l-ottimizzazzjoni li jistrieħ fuq l-ottimizzazzjoni ta' xi funzjoni fil-mira, bħat-tnaqqis kemm jista' jkun possibbli tal-minuti ttardjati jew tal-ħin għar-ritorn għal operazzjonijiet normali, aktar milli regoli ta' prijorità espliċiti.

#### *Emenda*

3. Fil-każ ta' tfixkil fil-movimenti tal-ferroviji minħabba ħsara teknika jew inċident, ***il-manijer*** tal-infrastruttura għandu, ***mingħajr dewmien***, jieħu l-passi kollha meħtieġa biex ireġġa' lura s-sitwazzjoni għan-normal. Għal dak il-għan, dan għandu jimplementa pjan ta' kontinġenza f'konformità mal-Artikolu 19. Fil-każ ta' disturb li jkollu impatt potenzjali fuq it-traffiku transfruntier, ***il-manijers*** tal-infrastruttura kkonċernati għandhom jikkooperaw flimkien biex jergġu jistabbilixxu t-traffiku transfruntier għan-normal f'konformità mal-qafas Ewropew għall-koordinazzjoni transfruntiera tal-ġestjoni tat-traffiku, tal-ġestjoni tat-tfixkil u tal-ġestjoni tal-kriżijiet imsemmi fl-Artikolu 44.

**4a. Id-devjazzjonijiet għandhom ikunu permessi biss f'każijiet raġonevoli u għandhom jiġu approvati mill-korp regolatorju nazzjonali.**

**Emenda 172**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 43 – paragrafu 5 – subparagrafu 1**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

F'każijiet ta' force majeure u meta assolutament meħtieġ, meta minħabba xi inċident l-infrastruttura ma tkunx tista' tintuża temporanjament, id-drittijiet tal-kapaċità allokati jistgħu jiġu rtirati mingħajr twissija għal kemm ikun meħtieġ biex tisewwa s-sistema.

F'każijiet ta' force majeure u, meta assolutament meħtieġ, meta minħabba xi inċident l-infrastruttura ma tkunx tista' tintuża temporanjament, id-drittijiet tal-kapaċità allokati jistgħu jiġu rtirati mingħajr twissija għal kemm ikun meħtieġ biex tisewwa s-sistema ***filwaqt li fl-istess ħin isir kull sforz biex jiġu pprovduti alternattivi possibbli.***

**Emenda 173**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 43 - paragrafu 5a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**5a. Fil-każ ta' rtirar tal-kapaċità, il-manijers tal-infrastruttura għandhom iżommu lill-impriżi ferrovjarji informati f'ħin utli dwar il-ġestjoni tal-ħin tagħhom, dwar il-progress tat-tiswijiet u dwar alternattivi possibbli għall-kapaċità allokata tagħhom.**

**Emenda 174**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 43 – paragrafu 6a (ġdid)**

**6a.** *Il-Kummissjoni għandha tadotta, sa [24 xahar mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], atti ta' implimentazzjoni biex tistabilixxi r-regoli u l-proċeduri għall-ġestjoni ta' devjazzjonijiet tal-movimenti tal-ferroviji mill-iskeda ta' żmien operatorja, u biex temenda l-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 72(3).*

## Emenda 175

### Proposta għal regolament Artikolu 44 – paragrafu 1 – subparagrafu 2

*Test propost mill-Kummissjoni*

L-ENIM għandu jiżviluppa l-qafas Ewropew għall-koordinazzjoni transfruntiera tal-ġestjoni tat-traffiku, tal-ġestjoni tat-tfixkil u tal-ġestjoni tal-kriżijiet b'kooperazzjoni mal-partijiet ikkonċernati operazzjonali u l-partijiet interessati bil-proċess tal-konsultazzjoni msemmi fl-Artikolu 54, filwaqt li jqis il-ħidma tal-Impriża Konġunta Ferrovjarja tal-Ewropa stabbilita fit-Titolu IV tar-Regolament (UE 2012/2085).

## Emenda 176

### Proposta għal regolament Artikolu 44 – paragrafu 2

*Test propost mill-Kummissjoni*

2. Il-qafas Ewropew għall-koordinazzjoni tal-ġestjoni tat-traffiku transfruntier, tal-ġestjoni tat-tfixkil u tal-ġestjoni tal-kriżijiet għandu jipprovdi linji gwida għall-koordinazzjoni bejn *il-maniġers* tal-infrastruttura, l-impriżi

*Emenda*

L-ENIM għandu jiżviluppa l-qafas Ewropew għall-koordinazzjoni transfruntiera tal-ġestjoni tat-traffiku, tal-ġestjoni tat-tfixkil u tal-ġestjoni tal-kriżijiet b'kooperazzjoni mal-partijiet ikkonċernati operazzjonali u l-partijiet interessati bil-proċess tal-konsultazzjoni msemmi fl-Artikolu 54, filwaqt li jqis il-ħidma tal-Impriża Konġunta Ferrovjarja tal-Ewropa stabbilita fit-Titolu IV tar-Regolament (UE 2021/2085).

*Emenda*

2. Il-qafas Ewropew għall-koordinazzjoni tal-ġestjoni tat-traffiku transfruntier, tal-ġestjoni tat-tfixkil u tal-ġestjoni tal-kriżijiet għandu jipprovdi linji gwida għall-koordinazzjoni bejn *il-maniġers* tal-infrastruttura, l-impriżi

ferrovjarji u partijiet ikkonċernati operazzjonali oħra.

ferrovjarji u partijiet ikkonċernati operazzjonali oħra.

## Emenda 177

### Proposta għal regolament Artikolu 44 – paragrafu 3a (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**3a. Filwaqt li jitqies il-qafas adottat mill-ENIM f'konformità mal-paragrafu 1, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 71 biex tistabbilixxi d-dettalji għall-koordinazzjoni transfruntiera tal-ġestjoni tat-traffiku, tal-ġestjoni tat-tfixkil u tal-ġestjoni tal-kriżijiet u biex temenda l-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu. Dawk l-atti delegati għandhom jiġu adottati sa ... [24 xahar mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament].**

## Emenda 178

### Proposta għal regolament Artikolu 46 – paragrafu 2

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

2. Meta l-inċident ikollu jew aktarx ikun se jkollu impatti fuq aktar minn network wieħed, **il-meniġer** tal-infrastruttura **fejn isir** l-inċident għandu jiddikjara tfixkil f'diversi networks u jikkoordina l-azzjonijiet f'konformità mal-Artikoli 44, 45 u 53.

2. Meta l-inċident ikollu jew aktarx ikun se jkollu impatti fuq aktar minn network wieħed, **il-maniġer** tal-infrastruttura **li fiha jsir** l-inċident għandu jiddikjara tfixkil f'diversi networks u jikkoordina l-azzjonijiet f'konformità mal-Artikoli 44, 45 u 53.

## Emenda 179

### Proposta għal regolament Artikolu 46 – paragrafu 3

*Test propost mill-Kummissjoni*

3. L-ENIM għandu jiddefinixxi metodu armonizzat biex jistma t-tul taż-żmien u l-impatt probabbli tat-tfixkil fin-network u jinkludih fil-qafas Ewropew għall-koordinazzjoni tal-ġestjoni tat-traffiku u tal-kriżijiet imsemmi fl-Artikolu 44.

**Emenda 180**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 46 – paragrafu 4a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

3. L-ENIM għandu jiddefinixxi metodu armonizzat biex jistma t-tul taż-żmien u l-impatt probabbli tat-tfixkil fin-network u jinkludih fil-qafas Ewropew għall-koordinazzjoni tal-ġestjoni tat-traffiku, ***tat-tfixkil*** u tal-kriżijiet imsemmi fl-Artikolu 44.

*Emenda*

***4a. Fil-każ ta' interruzzjoni parzjali jew totali tas-servizzi kkawżata minn interruzzjoni tal-operazzjoni ferrovjarja minħabba ħsara teknika, inċident jew aċċident fuq linja transfruntiera li ddum aktar minn 15-il jum, il-manigġers tal-infrastruttura milquta għandhom, fi żmien 30 jum mill-okkorrenza, iħejju rapport tal-inċident. Ir-rapport tal-inċident għandu jinkludi tal-anqas:***

***a) informazzjoni dwar il-miżuri operazzjonali kollha meħuda biex jiġu żgurati rotot alternattivi;***

***b) informazzjoni dwar l-azzjonijiet kollha meħuda biex jiġu restawrati s-servizzi regolari fuq il-linja interrotta.***

***Ir-rapport għandu jkun disponibbli għall-pubbliku u għandu jiġi aġġornat regolarment sakemm titneħħa l-interruzzjoni.***

***L-ERA tista' toħroġ rakkomandazzjonijiet dwar miżuri mtejba biex jiġu indirizzati t-tfixkil u r-restrizzjonijiet tal-kapaċità tat-traffiku kkawżati mill-aċċident.***

**Emenda 181**

**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 47 – paragrafu 1 – subparagrafu 2**

*Test propost mill-Kummissjoni*

L-Istat Membru kkonċernat għandu jiżgura li l-miżuri ta' emerġenza jkunu jimxu kemm jista' jkun mal-prinċipji tal-ġestjoni tal-kapaċità u tat-traffiku stabbiliti f'dan ir-Regolament u li jużaw il-pjanijiet eżistenti mħejjija f'konformità mal-Artikolu 19. ***Dawn għandhom jikkoordinaw*** dawn il-miżuri ta' emerġenza ma' Stati Membri oħra.

**Emenda 182**

**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 49 – paragrafu 1**

*Test propost mill-Kummissjoni*

1. F'konformità mal-Artikolu 7f, il-punt (d) tad-Direttiva 2012/34/UE, l-ENIM għandu jimmonitorja u jivvaluta l-prestazzjoni tas-servizzi tal-infrastruttura ferrovjarja filwaqt li jqis ***l-objettivi ġenerali stabbiliti fl-Artikolu 2 ta' dan ir-Regolament. Il-maniġers tal-infrastruttura ferrovjarja għandhom jimmonitorjaw ukoll il-prestazzjoni tas-servizzi tat-trasport ferrovjarju.***

**Emenda 183**

**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 49 – paragrafu 2**

*Emenda*

L-Istat Membru kkonċernat għandu jiżgura li l-miżuri ta' emerġenza jkunu jimxu kemm jista' jkun mal-prinċipji tal-ġestjoni tal-kapaċità u tat-traffiku stabbiliti f'dan ir-Regolament u li jużaw il-pjanijiet eżistenti mħejjija f'konformità mal-Artikolu 19. ***Dan għandu jikkoordina*** dawn il-miżuri ta' emerġenza ma' Stati Membri oħra.

*Emenda*

1. ***Il-Kummissjoni għandha tadotta l-miri tal-prestazzjoni tal-Unjoni għall-oqsma ta' prestazzjoni stabbiliti fl-Anness VII. Il-miri għandhom ikunu f'konformità mal-għanijiet tal-bidla modali u għandhom jiġu aġġornati regolarment.*** F'konformità mal-Artikolu 7f, il-punt (d) tad-Direttiva 2012/34/UE, l-ENIM, ***bl-appoġġ mal-maniġers tal-infrastruttura ferrovjarja***, għandu jimmonitorja u jivvaluta l-prestazzjoni tas-servizzi tal-infrastruttura ferrovjarja ***u s-servizzi tat-trasport ferrovjarju*** filwaqt li jqis ***il-miri tal-prestazzjoni tal-Unjoni u tal-maniġers tal-infrastruttura ferrovjarja.*** ***L-ENIM għandu jinforma perjodikament lill-Korp tar-Rieżami tal-Prestazzjoni u lill-Kummissjoni.***

2. Għal dan il-għan, **il-meniġers** tal-infrastruttura għandhom jistabbilixxu l-miri tal-prestazzjoni tagħhom stess fil-pjan imsemmi fl-Artikolu 8(3) tad-Direttiva 2012/34/UE, filwaqt li jqisu l-objettivi stabbilit fil-ftehimiet kuntrattwali msemmija fl-Artikolu 30 ta' dik id-Direttiva. Għandhom jistabbilixxu u jwettqu proċeduri biex jimmonitorjaw u jirrapportaw dwar il-progress li jkun sar biex jintlaħqu l-miri, biex jidentifikaw il-kawżi tan-nuqqasijiet fil-prestazzjoni mal-partijiet ikkonċernati operazzjonali u biex ifasslu u jimplimentaw miżuri ta' rimedju li jtejbu l-prestazzjoni. Dawn il-proċeduri għandhom iqisu l-qafas Ewropew għar-rieżami tal-prestazzjoni msemmi fl-Artikolu 50 ta' dan ir-Regolament. Fid-dikjarazzjoni dwar in-network, **il-meniġers** tal-infrastruttura għandhom jispjegaw ir-raġuni għal kull devjazzjoni mill-proċeduri komuni stabbiliti fil-qafas Ewropew għar-rieżami tal-prestazzjoni.

2. Għal dan il-għan, **il-maniġers** tal-infrastruttura għandhom jistabbilixxu l-miri tal-prestazzjoni tagħhom stess fil-pjan imsemmi fl-Artikolu 8(3) tad-Direttiva 2012/34/UE, filwaqt li jqisu l-objettivi stabbilit fil-ftehimiet kuntrattwali msemmija fl-Artikolu 30 ta' dik id-Direttiva. **Il-maniġers tal-infrastruttura għandhom jikkonsultaw mal-korpi nazzjonali u Ewropej rilevanti sabiex jiżguraw li daww il-miri jkunu konsistenti mal-miri tal-prestazzjoni tal-Unjoni.** Għandhom jistabbilixxu u jwettqu proċeduri biex jimmonitorjaw u jirrapportaw dwar il-progress li jkun sar biex jintlaħqu l-miri, biex jidentifikaw il-kawżi tan-nuqqasijiet fil-prestazzjoni mal-partijiet ikkonċernati operazzjonali u biex ifasslu u jimplimentaw miżuri ta' rimedju li jtejbu l-prestazzjoni. Dawn il-proċeduri għandhom iqisu l-qafas Ewropew għar-rieżami tal-prestazzjoni msemmi fl-Artikolu 50 ta' dan ir-Regolament. Fid-dikjarazzjoni dwar in-network, **il-maniġers** tal-infrastruttura għandhom jispjegaw ir-raġuni għal kull devjazzjoni mill-proċeduri komuni stabbiliti fil-qafas Ewropew għar-rieżami tal-prestazzjoni. **Id-devjazzjonijiet għandhom ikunu permessi biss f'każijiet raġonevoli u għandhom jiġu approvati mill-korp regolatorju.**

## Emenda 184

### Proposta għal regolament Artikolu 50 – paragrafu 1

1. **L-ENIM** għandu jistabbilixxi u jimplimenta qafas Ewropew għar-rieżami tal-prestazzjoni sa [12-il xahar **wara d-dħul** fis-seħħ ta' dan ir-Regolament]. Dan il-qafas għandu jqis b'mod partikolari l-prinċipji definiti fl-Artikolu 2(3), l-Artikolu 8(4), l-Artikolu 42(3) u r-rekwiżiti

1. **L-ERA bl-appoġġ tal-ENIM** għandu jistabbilixxi u jimplimenta qafas Ewropew għar-rieżami tal-prestazzjoni sa [12-il xahar **mid-dħul** fis-seħħ ta' dan ir-Regolament]. Dan il-qafas għandu jqis b'mod partikolari l-prinċipji definiti fl-Artikolu 2(3), l-Artikolu 8(4), l-Artikolu



operazzjonali, l-objettivi tal-prestazzjoni u l-valuri fil-mira stabbiliti **fl-[Artikolu 18 tar-Regolament TEN-T il-ġdid]**.

42(3) u r-rekwiżiti operazzjonali, l-objettivi tal-prestazzjoni u l-valuri fil-mira stabbiliti **fl-Artikolu 19 tar-Regolament (UE) 2024/... [ir-Regolament TEN-T il-ġdid]**.

## Emenda 185

### Proposta għal regolament Artikolu 50 – paragrafu 1a (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**1a. L-ENRRB għandu jadotta rakkomandazzjoni dwar il-qafas Ewropew għar-rieżami tal-prestazzjoni sa [sitt xhur mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament]. Filwaqt li jistabbilixxi u jimplimenta l-qafas Ewropew għar-rieżami tal-prestazzjoni, l-ERA għandha tqis ir-rakkomandazzjoni maħruġa mill-ENRRB.**

## Emenda 186

### Proposta għal regolament Artikolu 50 – paragrafu 5

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

5. Il-Kummissjoni **tista'** tadotta atti ta' implimentazzjoni **li jistabbilixxu** regoli dettaljati dwar l-elementi fil-paragrafu 2, il-punti (b) sa (d), f'konformità mal-proċedura konsultattiva msemmija fl-Artikolu 72(2). Meta tagħmel dan, il-Kummissjoni għandha **tqis il-ħidma li tkun saret mill-ENIM f'konformità mal-paragrafu 3 u kull rakkomandazzjoni tal-korp tar-rieżami tal-prestazzjoni.**

5. Il-Kummissjoni **għandha, sa [24 xahar mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament],** tadotta atti ta' implimentazzjoni **biex tistabbilixxi kundizzjonijiet uniformi għall-applikazzjoni tal-elementi msemmija fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu sa ... [36 xahar mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, inklużi** regoli dettaljati dwar l-elementi fil-paragrafu 2, il-punti (b) sa (d) **u l-miri tal-prestazzjoni. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura konsultattiva msemmija fl-Artikolu 72(2). Meta tagħmel dan, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta lill-ENIM, lill-Pjattaforma Ferrovjarja Ewropea, lill-ENRRB, lill-Korp tar-Rieżami tal-Prestazzjoni, lill-ERA u lill-Impriża Konġunta Sistema Ferrovjarja**

## **Emenda 187**

### **Proposta għal regolament Artikolu 51 – paragrafu 1**

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

1. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 15 tad-Direttiva 2012/34/UE u l-Artikolu 3 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/1100<sup>23</sup>, l-ENIM għandu jħejji u jippubblika sa [24 xahar wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament] rapport Ewropew tar-rieżami tal-prestazzjoni abbażi tal-qafas Ewropew għar-rieżami tal-prestazzjoni msemmi fl-Artikolu 50 ta' dan ir-Regolament u jippubblikah kull sena.

---

<sup>23</sup> Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/1100 tas-7 ta' Lulju 2015 dwar l-obbligi ta' rapportar tal-Istati Membri fil-qafas tal-monitoraġġ tas-suq ferrovjarju (ĠU L 181, 9.7.2015, p. 1).

## **Emenda 188**

### **Proposta għal regolament Artikolu 51 – paragrafu 2**

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

2. Il-Korp tar-Rieżami tal-Prestazzjoni għandu ***jħejji taqsima awtonoma tar-rapport li tipprovd*** l-valutazzjoni tiegħu

#### *Emenda*

1. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 15 tad-Direttiva 2012/34/UE u l-Artikolu 3 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/1100<sup>23</sup>, l-ENIM għandu jħejji u jippubblika sa [24 xahar mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament] abbozz ta' rapport Ewropew tar-rieżami tal-prestazzjoni abbażi tal-qafas Ewropew għar-rieżami tal-prestazzjoni msemmi fl-Artikolu 50 ta' dan ir-Regolament u jaġġornah kull sena. ***Abbażi ta' dan ir-rapport, l-ERA għandha tappoġġa lill-Kummissjoni fil-monitoraġġ u r-rappurtar tal-progress fir-rigward tal-oġġettivi tal-Unjoni għall-ferroviji, inkluż it-tkabbir previst fit-traffiku ferrovjarju għall-2030 u l-2050. L-abbozz ta' rapport Ewropew tar-rieżami tal-prestazzjoni għandu jintbagħat lill-Korp tar-Rieżami tal-Prestazzjoni.***

---

<sup>23</sup> Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/1100 tas-7 ta' Lulju 2015 dwar l-obbligi ta' rapportar tal-Istati Membri fil-qafas tal-monitoraġġ tas-suq ferrovjarju (ĠU L 181, 9.7.2015, p. 1).

#### *Emenda*

2. Il-Korp tar-Rieżami tal-Prestazzjoni għandu ***jelabora u japprova r-rapport Ewropew tar-rieżami tal-prestazzjoni, billi***

tal-prestazzjoni tas-servizzi tal-infrastruttura ferrovjarja u tas-servizzi tat-trasport ferrovjarju, **rakkomandazzjonijiet dwar kwistjonijiet ta' prestazzjoni li jridu jiġu indirizzati bi prijorità u rakkomandazzjonijiet dwar** miżuri li jtejbju l-prestazzjoni.

**jinkludi** l-valutazzjoni tiegħu tal-prestazzjoni tas-servizzi tal-infrastruttura ferrovjarja u tas-servizzi tat-trasport ferrovjarju, **in-nuqqasijiet ta' qbil li tqajmu u r-rakkomandazzjonijiet dwar kwistjonijiet ta' prestazzjoni, inklużi** miżuri li jtejbju l-prestazzjoni, **u r-rapport għandu jiġi inkluż fil-programm li jmiss f'konformità mal-Artikolu 55(8).**

## Emenda 189

### Proposta għal regolament Artikolu 51 – paragrafu 3

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

3. Ir-rapport tar-rieżami tal-prestazzjoni għandu jkopri mill-anqas il-linji inklużi **fil-Kurituri Ewropej tat-Trasport imsemmija fir-Regolament [ir-Regolament TEN-T il-ġdid]** u għandu jinkludi l-informazzjoni meħtieġa **mill-[Artikolu 53(3)(g)] tiegħu**. L-informazzjoni ppreżentata għandu jkollha biżżejjed dettall fejn jidħol l-ambitu ġeografiku u għandha tkopri perjodu taż-żmien twil biżżejjed biex tippermetti interpretazzjonijiet sinifikanti.

#### *Emenda*

3. Ir-rapport **Ewropew** tar-rieżami tal-prestazzjoni għandu jkopri mill-anqas il-linji inklużi **fiż-Żona Ferrovjarja Unika Ewropea** u għandu jinkludi l-informazzjoni meħtieġa **mill-Artikolu 54(3)(g) tar-Regolament (UE) 2024/...** [ir-Regolament TEN-T il-ġdid]. L-informazzjoni ppreżentata għandu jkollha biżżejjed dettall fejn jidħol l-ambitu ġeografiku u għandha tkopri perjodu taż-żmien twil biżżejjed biex tippermetti interpretazzjonijiet sinifikanti.

## Emenda 190

### Proposta għal regolament Artikolu 51 – paragrafu 4

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

4. Ir-rapport tar-rieżami tal-prestazzjoni għandu jinkludi taqsima apposta dwar il-prestazzjoni tal-koordinazzjoni bejn **il-meniġers** tal-infrastruttura f'konformità mal-Artikolu 53 u dwar il-mekkaniżmu tal-konsultazzjoni msemmi fl-Artikolu 54 ta' dan ir-Regolament.

#### *Emenda*

4. Ir-rapport **Ewropew** tar-rieżami tal-prestazzjoni għandu jinkludi taqsima apposta dwar il-prestazzjoni tal-koordinazzjoni bejn **il-maniġers** tal-infrastruttura f'konformità mal-Artikolu 53 u dwar il-mekkaniżmu tal-konsultazzjoni msemmi fl-Artikolu 54 ta' dan ir-Regolament.

## Emenda 191

### Proposta għal regolament Artikolu 51 – paragrafu 4a (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**4a. Ir-rapport Ewropew tar-rieżami tal-prestazzjoni għandu jkun fih taqsima separata dwar l-implimentazzjoni tal-proċessi introdotti mill-ENIM. Dan għandu jkun fih ukoll analiżi tal-progress fl-implimentazzjoni f'diversi Stati Membri, inkluż rapporti dwar eżenzjonijiet nazzjonali u rakkomandazzjonijiet għal aktar armonizzazzjoni.**

## Emenda 192

### Proposta għal regolament Artikolu 52 – paragrafu 1

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

1. F'konformità mal-proċedura msemija fl-Artikolu 73(3), il-Kummissjoni tista' tistabbilixxi jew tiddeżinja korp imparzjali u kompetenti biex jaġixxi bħala l-Korp tar-Rieżami tal-Prestazzjoni.

1. Sa [sitt xhur mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], għandu jiġi stabbilit Korp tar-Rieżami tal-Prestazzjoni bħala korp imparzjali, kompetenti u awtonomu. ***Il-membri tiegħu għandhom jinħatru abbażi tal-mertu kif ukoll b'mod li tiġi żgurata taħlita ta' ħiliet u esperjenza rilevanti għall-ġestjoni tal-kapaċità ferrovjarja.***

***Il-membri tal-Korp tar-Rieżami tal-Prestazzjoni għandhom jiġu nnominati mill-Kummissjoni permezz ta' proċedura ta' sejħa għal esperti. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta att delegat f'konformità mal-Artikolu 71 biex tistabbilixxi detalji tal-organizzazzjoni, il-governanza u l-finanzjament tal-Korp tar-Rieżami tal-Prestazzjoni. L-atti delegati għandhom jiġu adottati sa ... [12-il xahar mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament].***

***Meta jwettaq il-kompiti mogħtija lillu b'dan ir-Regolament, il-Korp tar-Rieżami tal-Prestazzjoni għandu jkun indipendenti***

*u ma għandu ifittex jew isegwi struzzjonijiet mingħand ebda gvern ta' Stat Membru, mingħand il-Kummissjoni, mingħand l-ERA jew mingħand ebda entità pubblika jew privata oħra.*

## Emenda 193

### Proposta għal regolament Artikolu 52 – paragrafu 2

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

2. Il-Korp tar-Rieżami tal-Prestazzjoni għandu jagħti pariri lill-Kummissjoni u lill-Koordinaturi Ewropej dwar kwistjonijiet relatati mal-prestazzjoni tas-servizzi tal-infrastruttura ferrovjarja u tas-servizzi tat-trasport ferrovjarju, meta jintalab mill-Kummissjoni jew mill-Koordinaturi Ewropej.

#### *Emenda*

2. Il-Korp tar-Rieżami tal-Prestazzjoni għandu jagħti pariri lill-Kummissjoni, ***lill-ERA, lill-ENIM*** u lill-Koordinaturi Ewropej dwar kwistjonijiet relatati mal-prestazzjoni tas-servizzi tal-infrastruttura ferrovjarja u tas-servizzi tat-trasport ferrovjarju, meta jintalab mill-Kummissjoni, ***mill-ERA*** jew mill-Koordinaturi Ewropej.

## Emenda 194

### Proposta għal regolament Artikolu 52 – paragrafu 3 – punt a

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(a) jipprovdi rakkomandazzjonijiet lill-ENIM rigward l-istabbiliment u r-rieżami tal-qafas Ewropew għar-rieżami tal-prestazzjoni msemmi fl-Artikolu 50, inkluż dwar l-oqsma tal-prestazzjoni, kwistjonijiet tal-prestazzjoni li jridu jiġu indirizzati f'kull wieħed mill-oqsma tal-prestazzjoni, armonizzazzjoni tal-metodoloġiji, tal-proċessi, tal-kriterji u tad-definizzjonijiet għall-ġbir u l-analiżi tad-data relatata mal-prestazzjoni u l-indikaturi tal-prestazzjoni;

#### *Emenda*

(a) jipprovdi rakkomandazzjonijiet ***lill-Kummissjoni u*** lill-ENIM rigward l-istabbiliment u r-rieżami tal-qafas Ewropew għar-rieżami tal-prestazzjoni msemmi fl-Artikolu 50, inkluż dwar l-oqsma tal-prestazzjoni, kwistjonijiet tal-prestazzjoni li jridu jiġu indirizzati f'kull wieħed mill-oqsma tal-prestazzjoni, armonizzazzjoni tal-metodoloġiji, tal-proċessi, tal-kriterji u tad-definizzjonijiet għall-ġbir u l-analiżi tad-data relatata mal-prestazzjoni u l-indikaturi tal-prestazzjoni;

## Emenda 195

**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 52 – paragrafu 3 – punt b**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(b) jipprovdi rakkomandazzjonijiet lill-ENIM, lill-ENRRB, ***lill-meniġers*** tal-infrastruttura, lill-applikanti, lill-korpi regolatorji, lill-awtoritajiet tal-Istati Membri, u, meta rilevanti, lil partijiet ikkonċernati oħra għal miżuri korrettivi dwar il-ġestjoni tal-kapaċità, il-ġestjoni tat-traffiku, il-ġestjoni tat-tfixkil u l-ġestjoni tal-kriżijiet;

**Emenda 196**

**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 52 – paragrafu 3 – punt c**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(c) jirrieżamina r-riżultati tal-abbozz tar-rapport Ewropew dwar il-prestazzjoni u jħejji ***t-taqsuma awtonoma tar-rapport imsemmija*** fl-Artikolu 51(2);

**Emenda 197**

**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 52 – paragrafu 5**

*Test propost mill-Kummissjoni*

5. L-ENIM, il-Koordinatur tan-Network, ***il-meniġers*** tal-infrastruttura, il-korpi regolatorji, l-ENRRB u, meta rilevanti, partijiet ikkonċernati oħra għandhom jikkooperaw mal-Korp tar-Rieżami tal-prestazzjoni, b'mod partikolari billi jipprovdu informazzjoni relatata mal-prestazzjoni ***b'inizjattiva tagħhom stess jew wara talba tal-korp*** u jagħmlu l-aħjar sforz biex iqisu r-rakkomandazzjonijiet tiegħu f'bidmuthom dwar il-ġestjoni tal-prestazzjoni ferrovjarja.

*Emenda*

(b) jipprovdi rakkomandazzjonijiet lill-ENIM, ***lill-ERA***, lill-ENRRB, ***lill-maniġers*** tal-infrastruttura, lill-applikanti, lill-korpi regolatorji, lill-awtoritajiet tal-Istati Membri, u, meta rilevanti, lil partijiet ikkonċernati oħra għal miżuri korrettivi dwar il-ġestjoni tal-kapaċità, il-ġestjoni tat-traffiku, il-ġestjoni tat-tfixkil u l-ġestjoni tal-kriżijiet;

*Emenda*

(c) jirrieżamina r-riżultati tal-abbozz tar-rapport Ewropew dwar il-prestazzjoni u jħejji ***r-rapport imsemmi*** fl-Artikolu 51(2);

*Emenda*

5. L-ENIM, il-Koordinatur tan-Network, ***il-maniġers*** tal-infrastruttura, il-korpi regolatorji, l-ENRRB, ***l-ERA*** u, meta rilevanti, partijiet ikkonċernati oħra għandhom jikkooperaw mal-Korp tar-Rieżami tal-prestazzjoni, b'mod partikolari billi jipprovdu informazzjoni relatata mal-prestazzjoni u jagħmlu l-aħjar sforz biex iqisu r-rakkomandazzjonijiet tiegħu f'bidmuthom dwar il-ġestjoni tal-prestazzjoni ferrovjarja.

## Emenda 198

### Proposta għal regolament Artikolu 53 – paragrafu 3 – subparagrafu 1

*Test propost mill-Kummissjoni*

Il-koordinazzjoni għandha **tkopri l-linji** u n-nodi **kollha** li jkunu parti mill-Kurituri Ewropej tat-Trasport stabbiliti fl-Artikolu 7 u fl-Anness III tar-[Regolament TEN-T il-ġdid].

*Emenda*

Il-koordinazzjoni għandha **b'mod partikolari tissaħħa għal dawk il-linji** u n-nodi **tat-TEN-T** li jkunu parti mill-Kurituri Ewropej tat-Trasport stabbiliti fl-Artikolu 7 u fl-Anness III tar-[Regolament TEN-T il-ġdid].

## Emenda 199

### Proposta għal regolament Artikolu 53 – paragrafu 3 – subparagrafu 2a (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***L-Istati Membri u l-awtoritajiet tas-servizz pubbliku jistgħu jestendu l-kopertura għal linji oħra.***

## Emenda 200

### Proposta għal regolament Artikolu 54 – paragrafu 1

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

1. L-ENIM għandu **jħejji**, jadotta u jimplimenta linji gwida biex jiżgura konsultazzjoni xierqa u regolari tal-partijiet interessati u jinkludihom fil-qafas Ewropew għall-ġestjoni tal-kapaċità msemmi fl-Artikolu 6, il-qafas Ewropew għall-koordinazzjoni transfruntiera tal-ġestjoni tat-traffiku, tal-ġestjoni tat-tfixkil u tal-ġestjoni tal-kriżijiet imsemmi fl-Artikolu 44 u l-qafas Ewropew għar-rieżami tal-prestazzjoni msemmi fl-Artikolu 50. **Il-proċess** għandu jiġi żviluppat u implimentat bl-appoġġ tal-Koordinatur tan-Network u bl-involviment tal-punti fokali ddeżinjati **tal-meniġers** tal-

1. L-ENIM għandu, **sa ... [12-il xahar mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament] iħejji**, jadotta u jimplimenta linji gwida biex jiżgura konsultazzjoni xierqa u regolari tal-partijiet interessati, **inklużi rappreżentanti mill-ERA u mill-Istati Membri, kif ukoll il-korpi rappreżentattivi msemmija fl-Artikolu 38(4) tar-Regolament (UE) 2016/796** u jinkludihom fil-qafas Ewropew għall-ġestjoni tal-kapaċità msemmi fl-Artikolu 6, il-qafas Ewropew għall-koordinazzjoni transfruntiera tal-ġestjoni tat-traffiku, tal-ġestjoni tat-tfixkil u tal-ġestjoni tal-kriżijiet imsemmi fl-Artikolu 44 u l-qafas Ewropew għar-rieżami tal-prestazzjoni msemmi fl-



infrastruttura msemmija fl-Artikolu 60.

Artikolu 50. ***Il-mekkaniżmu*** għandu jiġi żviluppat u implimentat bl-appoġġ tal-Koordinatur tan-Network u bl-involvement tal-punti fokali ddeżinjati ***mill-manigġers*** tal-infrastruttura msemmija fl-Artikolu 60.

## Emenda 201

### Proposta għal regolament Artikolu 54 – paragrafu 2

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

2. Meta l-ENIM jadotta opinjoni jew rakkomandazzjoni li aktarx tkun se tħalli impatt fuq l-impriżi ferrovjarji, fuq applikanti oħra, fuq partijiet ikkonċernati operazzjonali oħra u fuq partijiet interessati, dan għandu jipubblika abbozz għall-konsultazzjoni tal-partijiet ikkonċernati. Il-partijiet ikkonċernati għandhom jingħataw ammont xieraq ta' ħin biex jagħtu rispons dwar l-abbozz tad-deċiżjoni. L-awtoritajiet tal-Istati Membri għandhom jiġu involuti meta meħtieġ.

#### *Emenda*

2. Meta l-ENIM jadotta opinjoni jew rakkomandazzjoni li aktarx tkun se tħalli impatt fuq l-impriżi ferrovjarji, fuq applikanti oħra, fuq partijiet ikkonċernati operazzjonali oħra u fuq partijiet interessati, inklużi rappreżentanti mill-ERA u mill-Istati Membri, kif ukoll il-korpi rappreżentattivi msemmija fl-Artikolu 38(4) tar-Regolament (UE) 2016/796, dan għandu jipubblika abbozz għall-konsultazzjoni tal-partijiet ikkonċernati. Il-partijiet ikkonċernati għandhom jingħataw ammont xieraq ta' ħin biex jagħtu rispons dwar l-abbozz tad-deċiżjoni. L-awtoritajiet tal-Istati Membri għandhom jiġu involuti meta meħtieġ. ***Meta l-ENIM jieħu deċiżjoni li aktarx ikollha impatt fuq il-Pjattaforma Ferrovjarja Ewropea, l-ENIM għandu jikkonsulta l-gruppi konsultattivi rispettivi.***

## Emenda 202

### Proposta għal regolament Artikolu 54 – paragrafu 3

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

3. Meta jadotta l-opinjoni jew ir-rakkomandazzjoni finali, l-ENIM għandu jqis ir-rispons tal-partijiet ikkonċernati f'konformità mal-paragrafu 2. Meta l-ENIM jonqos milli jqis elementi sinifikanti

#### *Emenda*

3. Meta jadotta l-opinjoni jew ir-rakkomandazzjoni finali, l-ENIM għandu jqis ir-rispons tal-partijiet ikkonċernati f'konformità mal-paragrafu 2. Meta l-ENIM jonqos milli jqis elementi sinifikanti



tar-rispons mogħti, dan għandu jipprovdi r-raġunijiet għal dan.

tar-rispons mogħti, dan għandu jipprovdi r-raġunijiet **ġustifikati** għal dan.

## Emenda 203

### Proposta għal regolament Artikolu 54 – paragrafu 3a (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**3a. Fil-każ ta' fehmiet diverġenti bejn l-ENIM u l-korpi konsultattivi, l-korpi konsultattivi għandhom jinfurmaw lill-ENRRB. L-ENRRB għandu jqis tali fehmiet diverġenti fir-rapport Ewropew tal-rieżami tal-prestazzjoni tiegħu msemmi fl-Artikolu 51.**

## Emenda 204

### Proposta għal regolament Artikolu 54 – paragrafu 3b (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**3b. Il-Kummissjoni għandha tadotta, sa ... [24 xahar mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], atti ta' implimentazzjoni biex tistabbilixxi kundizzjonijiet uniformi biex tiżgura konsultazzjoni xierqa u regolari tal-partijiet interessati, u biex temenda l-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 72(3). Dawn għandhom jiġu inklużi fil-qafas Ewropew għall-ġestjoni tal-kapaċità.**

## Emenda 205

### Proposta għal regolament Artikolu 55 – paragrafu 2

*Test propost mill-Kummissjoni*

2. ***Il-meniġers*** kollha ***tal-infrastruttura*** ferrovjarja ***li jkunu responsabbli għal-linji li jiformaw parti min-network ewlieni u ewlieni estiż tat-TEN-T, imsemmi fl-[Artikolu 6 tar-Regolament TEN-T il-ġdid u fl-Anness I tiegħu]***, għandhom ikunu membri tal-ENIM. Għandhom jaħtru rappreżentant u sostitut.

**Emenda 206**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 55 – paragrafu 7**

*Test propost mill-Kummissjoni*

7. Il-Kummissjoni ***għandha tkun membru*** tal-ENIM mingħajr dritt tal-vot. ***Għandha tappoġġa ħidmet l-ENIM u tiffaċilita l-koordinazzjoni.***

**Emenda 207**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 55 – paragrafu 8**

*Test propost mill-Kummissjoni*

8. L-ENIM għandu jiddefinixxi l-programm ta' ħidma tiegħu. Il-programm ta' ħidma għandu jkopri mill-anqas perjodu ta' sentejn. L-ENIM għandu jikkonsulta mal-applikanti u partijiet ikkonċernati operazzjonali oħrajn bil-mekkaniżmu tal-konsultazzjoni msemmi fl-Artikolu 54 dwar l-abbozz tal-programm ta' ħidma. Barra minn hekk, għandu jikkonsulta mal-Kummissjoni Ewropea, mal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ferroviji u mal-Impriża Konġunta Ferrovjarja tal-Ewropa u, kif xieraq, ma' partijiet ikkonċernati oħra

*Emenda*

2. ***Il-maniġers*** kollha ***taż-Żona*** Ferrovjarja ***Unika Ewropea*** għandhom ikunu membri tal-ENIM. Għandhom jaħtru rappreżentant u sostitut.

*Emenda*

7. Il-Kummissjoni ***u l-ERA għandhom ikunu membri*** tal-ENIM mingħajr dritt tal-vot. ***Għandhom jappoġġaw il-ħidma tal-ENIM u jiffaċilitaw il-koordinazzjoni.***

*Emenda*

8. L-ENIM għandu jiddefinixxi l-programm ta' ħidma tiegħu. Il-programm ta' ħidma għandu jkopri mill-anqas perjodu ta' sentejn. L-ENIM għandu jikkonsulta ***mal-Pjattaforma Ferrovjarja Ewropea, mal-gruppi konsultattivi kif stabbiliti fl-Artikolu 55a, u*** mal-applikanti u partijiet ikkonċernati operazzjonali oħrajn bil-mekkaniżmu tal-konsultazzjoni msemmi fl-Artikolu 54 dwar l-abbozz tal-programm ta' ħidma. Barra minn hekk, għandu jikkonsulta mal-Kummissjoni Ewropea, mal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ferroviji u mal-Impriża Konġunta

Ferrovjarja tal-Ewropa u, kif xieraq, ma' partijiet ikkonċernati oħra

## Emenda 208

**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 55 – paragrafu 8a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**8a. Fl-iżvilupp tal-oqfsa Ewropej għall-ġestjoni tal-kapaċità, il-ġestjoni tat-traffiku u l-ġestjoni tal-prestazzjoni, l-ENIM għandu jikkonsulta mal-Pjattaforma Ferrovjarja Ewropea.**

## Emenda 209

**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 55 – paragrafu 8 b (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**8b. Il-maniġers tal-infrastruttura ferrovjarja u l-korpi ta' allokkazzjoni ta' pajjiżi terzi li huma responsabbli għall-linji tan-network trans-Ewropew tat-trasport għandhom jitħallew jissieħbu mal-ENIM bħala osservaturi.**

## Emenda 210

**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 55a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*Artikolu 55a*

***Il-Pjattaforma Ferrovjarja Ewropea***

**1. Il-Pjattaforma Ferrovjarja Ewropea hija b'dan stabbilita bħala korp konsultattiv għall-ENIM.**

**2. Il-Pjattaforma Ferrovjarja Ewropea għandha tkun magħmul minn rappreżentanti tal-impriżi ferrovjarji li**

*jużaw l-infrastruttura ferrovjarja Ewropea. Il-Pjattaforma Ferrovjarja Ewropea tista' tinkludi, bħala membru, kwalunkwe applikant li juża l-infrastruttura ferrovjarja Ewropea fuq bażi individwali jew permezz ta' assoċjazzjonijiet, operaturi ta' faċilitajiet ta' servizz u terminals, partijiet ikkonċernati tal-kapaċità multimodali bħal portijiet tal-baħar u tal-passaġġi fuq l-ilma intern u sidien ta' faċilitajiet ta' servizz oħra relatati mal-ferroviji. Kull membru għandu jaħtar rappreżentant wieħed u supplenti wieħed. Il-Kummissjoni u l-ERA għandhom jinħatru wkoll bħala osservaturi fil-Pjattaforma Ferrovjarja Ewropea. L-industrija ferrovjarja tista' tiġi mistiedna tattendi gruppi konsultattivi u diskussjonijiet biex jittejbu l-informazzjoni u t-tħejjija.*

*3. Il-Kummissjoni għandha tassisti lill-Pjattaforma Ferrovjarja Ewropea billi tistabbilixxi l-modalitajiet tal-funzjonament tal-Pjattaforma Ferrovjarja Ewropea, inklużi l-kundizzjonijiet għall-ammissjoni fil-pjattaforma tar-rappreżentanti tal-kategoriji skont il-paragrafu 2.*

*4. Wara l-konsultazzjoni mal-Kummissjoni u l-approvazzjoni minnha, il-Pjattaforma Ferrovjarja Ewropea għandha tadotta u tippubblika r-regoli proċedurali tagħha. Għandha torganizza l-attivitajiet tagħha f'konformità mar-regoli proċedurali. Ir-regoli ta' proċedura tal-Pjattaforma Ferrovjarja Ewropea għandhom jistabbilixxu, inter alia, il-frekwenza tal-laqgħat u l-organizzazzjoni tal-attivitajiet tagħha. Il-Pjattaforma Ferrovjarja Ewropea tista' torganizza l-attivitajiet tagħha f'sottogruppi, li jiġbru t-tipi ta' partijiet ikkonċernata u r-raggruppamenti reġjonali.*

*5. L-ENIM għandu jikkonsulta lill-Pjattaforma Ferrovjarja Ewropea qabel ma jipprepara u jadotta l-oqfsa Ewropej għall-ġestjoni tal-kapaċità, il-ġestjoni tat-traffiku u l-ġestjoni tal-prestazzjoni. Il-*

*Pjattaforma Ferrovarja Ewropea tista' toħroġ l-opinjoni tagħha stess, li għandhom jitqiesu mill-ENIM. Il-Pjattaforma Ferrovarja Ewropea tista' toħroġ ukoll opinjonijiet fuq l-inizjattiva tagħha stess indirizzati lill-ERA u/jew lill-Kummissjoni.*

*6. Il-konsultazzjonijiet skont dan l-Artikolu għandhom ikunu mingħajr preġudizzju għad-dritt tal-applikanti li jappellaw mid-deċiżjonijiet tal-ENIM.*

*7. Il-Pjattaforma Ferrovarja Ewropea għandha tindirizza rapport annwali tal-attivitajiet tagħha lill-ERA u lill-Kummissjoni. Dan ir-rapport għandu jiġi ppubblikat.*

## Emenda 211

### Proposta għal regolament Artikolu 57 – paragrafu 2

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

2. L-ENIM għandu jistieden lill-Kummissjoni, inkluż lill-Koordinaturi Ewropej u, meta rilevanti, lir-rappreżentanti tal-Istati Membri, għal-laqgħat tiegħu biex jiġu diskussi kwistjonijiet relatati mal-iżvilupp tal-infrastruttura ferrovarja u tkun żgurata l-kooperazzjoni mal-Koordinaturi Ewropej, kif deskritt fir-[Regolament TEN-T il-ġdid]. L-ENIM għandu jipprovdi l-informazzjoni meħtieġa skont l-[Artikolu 53, it-tielet subparagrafu tar-Regolament TEN-T il-ġdid].

## Emenda 212

### Proposta għal regolament Artikolu 57a (ġdid)

#### *Emenda*

2. L-ENIM għandu jistieden lill-Kummissjoni, inkluż lill-Koordinaturi Ewropej, ***lill-Pjattaforma Ferrovarja Ewropea*** u, meta rilevanti, lir-rappreżentanti ***tal-ERA u*** tal-Istati Membri, ***kif ukoll lill-korpi rappreżentattivi msemmija fl-Artikolu 38(4) tar-Regolament (UE) 2016/796***, għal-laqgħat tiegħu biex jiġu diskussi kwistjonijiet relatati mal-iżvilupp tal-infrastruttura ferrovarja u tkun żgurata l-kooperazzjoni mal-Koordinaturi Ewropej, kif deskritt fir-[Regolament TEN-T il-ġdid]. L-ENIM għandu jipprovdi l-informazzjoni meħtieġa skont l-[Artikolu 53, it-tielet subparagrafu tar-Regolament TEN-T il-ġdid].

**Artikolu 57a**

**Responsabbiltajiet tal-ERA**

**1. Minbarra l-kompiti stabbiliti fir-Regolament (UE) 2016/796/UE, l-ERA għandha tkun responsabbli għall-kompiti kollha assenjati lilha f'dan ir-Regolament. Għandha b'mod partikolari:**

**(a) tipprovdi appoġġ, fuq talba mill-Kummissjoni fit-tħejjija tal-atti ta' implimentazzjoni u l-atti delegati speċifiċi previsti minn dan ir-Regolament;**

**(b) tikkoordina, bħala awtorità tas-sistema, skont l-Artikolu 23 tar-Regolament (UE) 2016/796 il-kompiti kif stabbiliti fl-Artikolu 62 ta' dan ir-Regolament;**

**(c) twettaq il-kompiti kif stabbiliti fl-Artikolu 50 ta' dan ir-Regolament;**

**(d) tipprovdi, fuq talba, appoġġ lill-korpi regolatorji fl-identifikazzjoni ta' regoli, proċeduri u għodod fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament;**

**(e) tidentifika l-ostakli għas-servizzi ferrovjarji f'diversi networks;**

**2. Fil-ħidma tagħha, l-Aġenzija għandha:**

**a) tfassal ir-rakkomandazzjonijiet tagħha abbażi tal-ħidma tal-ENIM u tal-koordinatur tan-network;**

**b) fejn xieraq, tqis il-progress tekniku u x-xogħol ta' riċerka rikonoxxut;**

**c) tqis l-ispejjeż u l-benefiċċji stmati tar-rakkomandazzjonijiet tagħha u tissottolinja s-soluzzjonijiet l-aktar vijabbli;**

**d) tissodisfa l-kriterji ta' ftuħ, kunsens u trasparenza kif definiti fl-Anness II tar-Regolament (UE) Nru 1025/2012.**

**3. L-ammont tar-riżorsi finanzjarji ddedikat għat-twettiq tal-kompiti tal-ERA skont dan ir-regolament għandu jiġi mill-marġnijiet mhux allokatati taħt il-limiti**

*massimi tal-QFP jew jiġi mmobilizzat permezz tal-istrumenti speċjali mhux tematiċi tal-QFP.*

## **Emenda 213**

### **Proposta għal regolament Artikolu 58 – paragrafu 1 – subparagrafu 1**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Il-meniġers* tal-infrastruttura għandhom jipprovdu r-riżorsi meħtieġa lill-ENIM għall-qadi ta' dmirijietu. Għal dan il-għan, **għandhom jaħtru entità imparzjali u kompetenti sa [12-il xahar wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament]** biex twettaq il-funzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 59. Din l-entità se tiġi ddeżinjata bħala Koordinatur tan-Network.

*Emenda*

*Il-maniġers* tal-infrastruttura għandhom jipprovdu r-riżorsi meħtieġa lill-ENIM għall-qadi ta' dmirijietu. Għal dan il-għan, **il-Kummissjoni għandha, wara konsultazzjoni mal-Istati Membri u l-ENIM, taħtar sa [sitt xhur mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament] entità imparzjali u kompetenti** biex twettaq il-funzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 59. Din l-entità se tiġi ddeżinjata bħala Koordinatur tan-Network. **L-ENIM jista' jiddeċiedi li jibdel l-entità maħtura bħala Koordinatur tan-Network bil-kunsens tal-Kummissjoni.**

## **Emenda 214**

### **Proposta għal regolament Artikolu 58 – paragrafu 2**

*Test propost mill-Kummissjoni*

2. Il-Koordinatur tan-Network għandu jwettaq il-kompiti tiegħu b'mod imparzjali u kosteffettiv u għandu jaġixxi f'isem l-ENIM. Għal dan il-għan, għandu jippreżenta l-programm ta' ħidma annwali tiegħu lill-ENIM fir-rigward tal-kompiti stabbiliti f'dan ir-Regolament, u rapport annwali dwar l-implimentazzjoni tal-programm ta' ħidma.

*Emenda*

2. Il-Koordinatur tan-Network għandu jwettaq il-kompiti tiegħu b'mod imparzjali u kosteffettiv u għandu jaġixxi f'isem l-ENIM **u l-Kummissjoni**. Għal dan il-għan, għandu jippreżenta l-programm ta' ħidma annwali tiegħu lill-ENIM **u lill-Kummissjoni** fir-rigward tal-kompiti stabbiliti f'dan ir-Regolament, u rapport annwali dwar l-implimentazzjoni tal-programm ta' ħidma.

## **Emenda 215**

**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 59 – paragrafu 1 – punt ga (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(ga) jipprovdi servizzi B2B kondiviżi, eżistenti u ġodda, lill-Maniġers tal-Infrastruttura u lill-Impriżi Ferrovarji biex jittejbu s-servizzi ferrovjarji u tingħata spinta lit-traffiku ferrovjarju trans-Ewropew.**

*Ġustifikazzjoni*

*Jekk il-Koordinatur tan-Network jiżviluppa u jipprovdi servizzi kondiviżi għall-manigġers tal-infrastruttura (IMs) Ewropej, speċjalment għal IMs iżgħar, dan jista' jevita soluzzjonijiet nazzjonali iżolati, jiffranka l-ispejjeż u jestendi s-servizzi madwar l-Ewropa.*

**Emenda 216**

**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 61 – paragrafu 1**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

1. L-ENIM għandu **jħejji** u jadotta struttura komuni għad-dikjarazzjoni dwar in-network imsemmija fl-Artikolu 27 tad-Direttiva 2012/34/UE, li għandu jqis l-informazzjoni elenkata fl-Anness IV ta' dik id-Direttiva, l-Anness IV ta' dan ir-Regolament, u skeda komuni għall-konsultazzjoni tal-partijiet interessati dwar l-abbozz tad-dikjarazzjoni dwar in-network. Meta jkunu qed iħejju d-dikjarazzjoni dwar in-network, **il-meniġers** tal-infrastruttura għandhom iqisu bis-sħiħ din l-istruttura u l-iskeda.

1. L-ENIM għandu, **sa [12-il xahar mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], iħejji** u jadotta struttura komuni għad-dikjarazzjoni dwar in-network imsemmija fl-Artikolu 27 tad-Direttiva 2012/34/UE, li għandu jqis l-informazzjoni elenkata fl-Anness IV ta' dik id-Direttiva, l-Anness IV ta' dan ir-Regolament, u skeda komuni għall-konsultazzjoni tal-partijiet interessati dwar l-abbozz tad-dikjarazzjoni dwar in-network. Meta jkunu qed iħejju d-dikjarazzjoni dwar in-network, **il-meniġers** tal-infrastruttura għandhom iqisu bis-sħiħ din l-istruttura u l-iskeda.

**Emenda 217**

**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 62 – paragrafu 2– punt b**



*Test propost mill-Kummissjoni*

(b) itejbu t-trasparenza tal-ġestjoni tal-kapaċità ferrovjarja u tal-ġestjoni tat-traffiku tul il-fażijiet kollha tagħhom;

*Emenda*

(b) itejbu t-trasparenza tal-ġestjoni tal-kapaċità ferrovjarja u tal-ġestjoni tat-traffiku tul il-fażijiet kollha tagħhom, ***inklużi soluzzjonijiet diġitali u f'ħin reali li għandhom jiġu elaborati gradwalment mal-partijiet ikkonċernati rilevanti;***

## **Emenda 218**

### **Proposta għal regolament**

#### **Artikolu 62 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***Fejn applikabbli, l-għodod diġitali u s-servizzi diġitali għandhom jikkonformaw mat-TAF/TAP TSI u mal-RINF, imsemmija fl-Artikolu 49 tad-Direttiva UE 2016/797, biex tiġi żgurata l-interoperabbiltà tas-sistemi rilevanti.***

## **Emenda 219**

### **Proposta għal regolament**

#### **Artikolu 62 – paragrafu 2a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***2a. Il-manigġers tal-infrastruttura għandhom jiżguraw li l-għodod diġitali u s-servizzi diġitali jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-proċess tal-ippjanar u tal-allokazzjoni tal-kapaċità stabbiliti fit-Taqsima 3 ta' dan ir-Regolament. Sabiex jinkiseb it-titjib indikat fil-paragrafu 2, il-punt (a), ta' dan l-Artikolu, il-manigġers tal-infrastruttura għandhom jużaw ukoll għodda għad-diġitalizzazzjoni tar-restrizzjonijiet temporanji tal-kapaċità u illustrazzjoni diġitali tal-ferroviji li joperaw fuq in-network ferrovjarju Ewropew.***

## Emenda 220

### Proposta għal regolament Artikolu 62 – paragrafu 3

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

3. Meta l-għodod diġitali jew is-servizzi diġitali meħtieġa biex jappoġġaw il-proċessi tal-ġestjoni tal-kapaċità jew tal-ġestjoni tat-traffiku jeħtieġ ikunu koperti minn speċifikazzjonijiet tekniċi għall-interoperabbiltà, jew meta jeħtieġ jiġu emendati l-ispeċifikazzjonijiet eżistenti li jkunu jkopru jew parzjalment ikopru daww l-għodod, kif previst fid-Direttiva (UE) 2016/797 u fl-atti ta' implimentazzjoni adottati skont dik id-Direttiva, l-ENIM u *l-maniġers* tal-infrastruttura għandhom jikkontribwixxu għall-iżvilupp u ż-żamma ta' dawn l-ispeċifikazzjonijiet b'kooperazzjoni mal-Impriża Konġunta Ferrovjarja tal-Ewropa u bil-proċess imsemmi fl-Artikolu 5 tad-Direttiva (UE) 2016/797.

## Emenda 221

### Proposta għal regolament Artikolu 62 – paragrafu 5a (ġdid)

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

#### *Emenda*

3. Meta l-għodod diġitali jew is-servizzi diġitali meħtieġa biex jappoġġaw il-proċessi tal-ġestjoni tal-kapaċità jew tal-ġestjoni tat-traffiku jeħtieġ ikunu koperti minn speċifikazzjonijiet tekniċi għall-interoperabbiltà, jew meta jeħtieġ jiġu emendati l-ispeċifikazzjonijiet eżistenti li jkunu jkopru jew parzjalment ikopru daww l-għodod, kif previst fid-Direttiva (UE) 2016/797 u fl-atti ta' implimentazzjoni adottati skont dik id-Direttiva, l-ENIM u *l-maniġers* tal-infrastruttura għandhom jikkontribwixxu għall-iżvilupp u ż-żamma ta' dawn l-ispeċifikazzjonijiet b'kooperazzjoni *mal-ERA u* mal-Impriża Konġunta Ferrovjarja tal-Ewropa u bil-proċess imsemmi fl-Artikolu 5 tad-Direttiva (UE) 2016/797.

#### *Emenda*

**5a. *Il-maniġers tal-infrastruttura għandhom jiżguraw li l-għodod diġitali u s-servizzi diġitali msemmija fil-paragrafu 1 ikunu kompletament operazzjonali f'konformità mal-iskedi ta' żmien stabbiliti f'dan ir-Regolament: għandhom jiġu implimentati s-sistemi diġitali Ewropej tal-kapaċità ferrovjarja u tal-ġestjoni tat-traffiku li ġejjin:***

**(a) *sistema diġitali Ewropea għall-proċessi tal-ġestjoni tal-kapaċità stabbiliti fil-Kapitolu II ta' dan ir-Regolament, li tikkonsisti minn:***

**(i) *wiri diġitali tal-mudelli tal-kapaċità msemmija fl-Artikolu 17 sal-1 ta' Lulju***

*2025 (“Għodda Ewropea għall-ġestjoni tal-kapaċità”) li jrid jintuża mill-perjodu tal-iskeda ta’ żmien 2027;*

*(ii) għodda għas-sottomissjoni ta’ talbiet għall-kapaċità annwali f’diversi networks u għar-riċevuta ta’ tveġibiet f’post wieħed u operazzjoni waħda sal-1 ta’ Jannar 2026 (= “sistema tal-koordinazzjoni tal-mogħdijiet”) li trid tintuża mill-perjodu tal-iskeda ta’ żmien 2027;*

*(iii) wiri diġitali tal-pjan tal-provvista tal-kapaċità f’ħin reali msemmi fl-Artikoli 9 u 18 sal-1 ta’ Diċembru 2028 (“Għodda Ewropea għall-Ġestjoni tal-Kapaċità”) li jrid jintuża mill-perjodu tal-iskeda 2030;*

*(iv) wiri diġitali u għodda għall-koordinazzjoni tar-restrizzjonijiet temporanji tal-kapaċità msemmija fl-Artikolu 10 sal-1 ta’ Diċembru 2027 (“għodda ta’ restrizzjonijiet temporanji tal-kapaċità”) li għandhom jintużaw mill-perjodu tal-iskeda ta’ żmien 2029;*

*(v) Aġent tal-kapaċità għat-talba ta’ kapaċità f’diversi networks skont il-proċessi deskritti fl-Artikoli 32 sa 34 sal-1 ta’ Jannar 2029 (“aġent tal-kapaċità”) li jrid jintuża mill-perjodu tal-iskeda ta’ żmien 2030;*

*(b) sistema diġitali Ewropea bħala appoġġ għall-kunċett tan-network Ewropew għall-ġestjoni tat-traffiku, għall-proċessi tal-ġestjoni tat-traffiku stabbiliti fil-Kapitolu III ta’ dan ir-Regolament (“Sistema ta’ informazzjoni dwar il-ferroviji”), li tipprevedi*

*(i) ħarsa ġenerali madwar l-Ewropa ta’ vjaġġi ferrovjarji b’diversi networks mill-orijini sad-destinazzjoni mid-data tal-applikazzjoni tar-Regolament;*

*(ii) skambju regolari ta’ informazzjoni dwar il-ħin stmat tal-wasla sa Diċembru 2027;*

*(iii) rapportar ta’ inċidenti lil din is-sistema komuni jew permezz tagħha sa Diċembru 2030;*

*(iv) pjattaforma komuni għall-komunikazzjoni u l-kooperazzjoni taċ-ċentri nazzjonali għall-kontroll tat-traffiku sa Diċembru 2030.*

*L-ERA b'kooperazzjoni mal-ENIM u l-koordinatur tan-network għandha, f'konformità mal-Artikolu 19 tar-Regolament (UE) 2016/796, ttiprovdi sa... [12-il xahar mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], rakkomandazzjoni lill-Kummissjoni, li tistabbilixxi għodod dwar l-implimentazzjoni u l-governanza tal-kapaċità ferrovjarja u tas-sistema diġitali Ewropea tal-kapaċità ferrovjarja u tal-ġestjoni tat-traffiku ferrovjarju. Ir-rakkomandazzjoni għandha tqis l-għodod li diġà qed jitħaddmu jew li qed jiġu żviluppati, kif ukoll l-investimenti impenjati, u l-għodod u l-iskedi ta' żmien previsti f'dan il-paragrafu. Abbażi ta' din ir-rakkomandazzjoni, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta att delegat f'konformità mal-Artikolu 71 biex tistabbilixxi dawn l-għodod dwar l-implimentazzjoni u l-governanza tas-sistema diġitali Ewropea tal-kapaċità ferrovjarja u tal-ġestjoni tat-traffiku u biex tidentifika l-kompiti tal-Impriża Konġunta Sistema Ferrovjarja Ewropea, l-ERA, il-manigġers tal-infrastruttura, l-ENIM, l-ENRRB u l-Koordinatur tan-Network f'dan il-proċess.*

## Emenda 222

### Proposta għal regolament Artikolu 62 – paragrafu 5b (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**5b.** *L-ERA għandha tikkoordina dawn il-kompiti.*

*L-għodod ċentrali tas-sistemi Ewropej tal-kapaċità diġitali u tal-ġestjoni tat-traffiku għandhom jitħaddmu mill-Koordinatur tan-Network.*

*L-ERA għandha tiżgura l-konformità tas-*

## Emenda 223

### Proposta għal regolament Artikolu 62 – paragrafu 5c (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**5c. Il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom jappoġġaw il-finanzjament tal-attivitajiet stabbiliti f'dan l-Artikolu, inkluż mill-FNE, sabiex jiżguraw implimentazzjoni f'waqtha, transfruntiera, armonizzata u interoperabbli tal-għodod u s-servizzi diġitali.**

## Emenda 224

### Proposta għal regolament Artikolu 63 – paragrafu 1

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

1. Il-funzjonijiet u s-setgħat stabbiliti fl-Artikolu 56 tad-Direttiva 2012/34/UE għandhom jiġu eżerċitati wkoll fir-rigward tal-materji koperti minn dan ir-Regolament. B'mod partikolari, il-korp regolatorju għandu jimmonitorja l-attivitajiet **tal-meniġers** tal-infrastruttura kif stabbilit fil-Kapitoli II sa V u għandu jivverifika l-konformità ma' dan ir-Regolament b'inizjattiva tiegħu stess u biex jipprevjeni d-diskriminazzjoni kontra l-applikanti.

1. Il-funzjonijiet u s-setgħat stabbiliti fl-Artikolu 56 tad-Direttiva 2012/34/UE għandhom jiġu eżerċitati wkoll fir-rigward tal-materji koperti minn dan ir-Regolament. B'mod partikolari, il-korp regolatorju għandu jimmonitorja l-attivitajiet **tal-maniġers** tal-infrastruttura **u l-koordinatur tan-network Ewropew**, kif stabbilit fil-Kapitoli II sa V **ta' dan ir-Regolament** u għandu jivverifika l-konformità ma' dan ir-Regolament b'inizjattiva tiegħu stess u biex jipprevjeni d-diskriminazzjoni kontra l-applikanti.

## Emenda 225

### Proposta għal regolament Artikolu 63 – paragrafu 1a (ġdid)

**1a. Il-korp regolatorju għandu jipparteċipa u jissorvelja l-ippjanar strateġiku tal-kapaċità pprovdut fit-Taqsima II ta' dan ir-Regolament. Il-korp regolatorju għandu jevalwa wkoll il-proporzjonalità, in-nondiskriminazzjoni u t-trasparenza. Il-korp regolatorju jista' joħroġ u jikkondividi opinjonijiet mal-maniġers tal-infrastruttura, mal-ENIM u mal-ERP. Il-maniġers tal-infrastruttura għandhom iqisu l-proposti tal-korpi regolatorji fl-elaborazzjoni tad-dokumenti ta' ħidma kollha meħtieġa biex jiġi elaborat l-ippjanar strateġiku tal-kapaċità.**

## Emenda 226

### Proposta għal regolament Artikolu 63 – paragrafu 2

2. Impriża ferrovjarja, applikant, applikant potenzjali, awtorità nazzjonali, reġjonali jew lokali responsabbli għat-trasport għandu jkollhom id-dritt li jappellaw quddiem il-korp regolatorju f'konformità mal-Artikolu 56 tad-Direttiva 2012/34/UE jekk ikun jidhrilhom li jkunu ġew trattati b'mod inġust, tkun saret diskrimnazzjoni kontrihom jew b'xi mod ieħor ikunu ġew offiżi **mill-meniġer** tal-infrastruttura meta dan tal-aħħar ikun wettaq l-attivitajiet stabbiliti fil-Kapitoli II, III, IV u V ta' dan ir-Regolament (**Ġestjoni tal-infrastruttura; ġestjoni tat-traffiku u tal-kriżijiet; rieżami u ġestjoni tal-prestazzjoni; Network Ewropew għall-koordinazzjoni**).

2. Impriża ferrovjarja, applikant **ieħor**, applikant potenzjali, awtorità nazzjonali, reġjonali jew lokali responsabbli għat-trasport għandu jkollhom id-dritt li jappellaw quddiem il-korp regolatorju f'konformità mal-Artikolu 56 tad-Direttiva 2012/34/UE jekk ikun jidhrilhom li jkunu ġew trattati b'mod inġust, tkun saret diskrimnazzjoni kontrihom jew b'xi mod ieħor ikunu ġew offiżi **mill-maniġer** tal-infrastruttura meta dan tal-aħħar ikun wettaq l-attivitajiet stabbiliti fil-Kapitoli II, III, IV u V ta' dan ir-Regolament.

## Emenda 227

**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 64 – paragrafu 1 – subparagrafu 1**

*Test propost mill-Kummissjoni*

Għall-finijiet tat-twettiq tar-responsabbiltajiet tagħhom skont dan ir-Regolament, il-korpi regolatorji għandhom jikkooperaw bejniethom fil-qafas tal-ENRRB imsemmi fl-Artikolu 57(1) tad-Direttiva 2012/34/UE, inkluż b'konsultazzjonijiet u investigazzjonijiet konġunti, billi jadottaw opinjonijiet jew rakkomandazzjonijiet jew b'attivitajiet rilevanti oħra. Il-korpi regolatorji għandhom jipprovdu l-informazzjoni kollha meħtieġa lill-ENRRB.

*Emenda*

Għall-finijiet tat-twettiq tar-responsabbiltajiet tagħhom skont dan ir-Regolament, il-korpi regolatorji għandhom jikkooperaw bejniethom fil-qafas tal-ENRRB imsemmi fl-Artikolu 57(1) tad-Direttiva 2012/34/UE, inkluż b'konsultazzjonijiet u investigazzjonijiet konġunti, billi jadottaw opinjonijiet jew rakkomandazzjonijiet jew b'attivitajiet rilevanti oħra. Il-korpi regolatorji għandhom jipprovdu l-informazzjoni kollha meħtieġa lill-ENRRB ***u jqisu l-opinjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet adottati mill-ENRRB.***

**Emenda 228**

**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 64 – paragrafu 5**

*Test propost mill-Kummissjoni*

5. Meta korp regolatorju jadotta deċiżjoni, li titbiegħed minn xi opinjoni jew rakkomandazzjoni rilevanti tal-ENRRB jew meta jirrifjuta li jadotta deċiżjoni, dan għandu jipprovdi spjegazzjoni lill-ENRRB li tistabbilixxi d-differenzi u r-raġunament tiegħu għannuqqas ta' segwitu tal-opinjonijiet jew tar-rakkomandazzjonijiet tal-ENRRB.

*Emenda*

5. Meta korp regolatorju jadotta deċiżjoni, li titbiegħed minn xi opinjoni jew rakkomandazzjoni rilevanti tal-ENRRB jew meta jirrifjuta li jadotta deċiżjoni, dan għandu jipprovdi spjegazzjoni lill-ENRRB li tistabbilixxi d-differenzi u r-raġunament tiegħu għannuqqas ta' segwitu tal-opinjonijiet jew tar-rakkomandazzjonijiet tal-ENRRB ***u jinkludi l-ispejgazzjoni rilevanti fid-deċiżjoni tiegħu.***

**Emenda 229**

**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 64 – paragrafu 8a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**8a. L-ENRRB għandu jiżgura li l-**

*istruttura, il-metodi tal-operat tiegħu u l-informazzjoni rilevanti kollha dwar il-ħidma tiegħu, inklużi l-opinjoni u r-rakkomandazzjonijiet, jitqiegħdu għad-dispiżizzjoni tal-pubbliku fuq is-sit web tiegħu. Dan għandu jinkludi d-dettalji ta' kuntatt tal-gruppi ta' ħidma.*

## Emenda 230

### Proposta għal regolament Artikolu 65 – paragrafu 2a (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*2a. L-ENRRB għandu jivvaluta, qabel jiġi adottati, l-oqfsa Ewropej għall-ġestjoni tal-kapaċità, il-ġestjoni tat-traffiku u r-rieżami tal-prestazzjoni kif ukoll l-istruttura komuni tad-dikjarazzjoni tan-network u joħroġ u jikkondividi opinjoni mal-korpi regolatorji nazzjonali li jistgħu jieħdu azzjonijiet f'konformità mal-Artikolu 56 tad-Direttiva 2012/34/UE. L-ENRRB jista' jivvaluta d-deċiżjonijiet kollha tal-ENIM u joħroġ u jikkondividi opinjonijiet mal-ENIM, mal-korpi regolatorji, mal-ERP u l-maniġers tal-infrastruttura.*

## Emenda 231

### Proposta għal regolament Artikolu 65 – paragrafu 3

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*3. Abbażi tat-talbiet tal-applikanti, tal-meniġers tal-infrastruttura u ta' partijiet interessati oħra, l-ENRRB għandu jipprovdi opinjonijiet jew rakkomandazzjonijiet dwar deċiżjonijiet pendenti jew adottati dwar ilmenti ppreżentati lill-korpi regolatorji ferrovjarji.*

*3. imħassar*



## Emenda 232

### Proposta għal regolament Artikolu 65 – paragrafu 5a (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**5a.** *L-ENRRB għandu jipprovdi rakkomandazzjonijiet lill-ENIM rigward l-istabbiliment u r-rieżami tal-qafas Ewropew għar-rieżami tal-prestazzjoni msemmi fl-Artikolu 50, inkluż dwar l-oqsma tal-prestazzjoni, kwistjonijiet tal-prestazzjoni li jridu jiġu indirizzati f'kull wieħed mill-oqsma tal-prestazzjoni, armonizzazzjoni tal-metodoloġiji, tal-proċessi, tal-kriterji u tad-definizzjonijiet għall-ġbir u l-analiżi tad-data relatata mal-prestazzjoni u l-indikaturi tal-prestazzjoni;*

## Emenda 233

### Proposta għal regolament Artikolu 65 – paragrafu 6a (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**6a.** *L-ENRRB għandu jivvaluta l-oqfsa Ewropej għall-ġestjoni tal-kapaċità, il-ġestjoni tat-traffiku u r-rieżami tal-prestazzjoni kif ukoll l-istruttura komuni tad-dikjarazzjoni tan-network u joħroġ opinjoni. Il-korpi regolatorji għandhom iqisu bis-sħiħ l-opinjoni tal-ENRRB meta jivverifikaw id-dikjarazzjonijiet tan-network.*

## Emenda 234

### Proposta għal regolament Artikolu 66 – paragrafu 2a (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**L-ENRRB għandu jiżgura li l-metodi tal-operat tiegħu u l-informazzjoni rilevanti**

*kollha dwar il-ħidma tiegħu jitqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-pubbliku fuq sit web komuni. Dan għandu jinkludi d-dettalji ta' kuntatt għall-ilmenti, informazzjoni ta' kuntatt għal gruppi ta' ħidma ddedikati, u informazzjoni dwar il-proċeduri.*

#### **Emenda 235**

##### **Proposta għal regolament Artikolu 66 – paragrafu 2b (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***L-ENRRB għandu jippubblika l-opinjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet tiegħu fuq sit web iddedikat.***

#### **Emenda 236**

##### **Proposta għal regolament Artikolu 67 – paragrafu 1**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

1. Il-Bord tal-Korpi Regulatorji għandu jkun magħmul minn membru wieħed bid-dritt tal-vot minn kull Stat Membru li għandu network ferrovjarju mħaddem u minn membru wieħed maħtur mill-Kummissjoni.

1. Il-Bord tal-Korpi Regulatorji għandu jkun magħmul minn membru wieħed bid-dritt tal-vot minn kull Stat Membru li għandu network ferrovjarju mħaddem u minn membru wieħed maħtur mill-Kummissjoni. ***L-ERA għandha tkun osservatur mingħajr drittijiet tal-vot.***

#### **Emenda 237**

##### **Proposta għal regolament Artikolu 68 – paragrafu 2 – punt aa (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***(aa) jadotta opinjonijiet u rakkomandazzjonijiet dwar deċiżjonijiet meħuda mill-ENIM b'kooperazzjoni mal-koordinatur tan-network fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.***

## Emenda 238

### Proposta għal regolament Artikolu 68 – paragrafu 2 – punt ab (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(ab) wara lmenti minn impriżi ferrovjarji, operaturi tal-faċilitajiet tas-servizzi ferrovjarji u partijiet interessati oħra, jadotta rakkomandazzjonijiet u opinjonijiet tal-ENRRB fir-rigward tal-konsultazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 55a, kif ukoll id-deċiżjonijiet meħuda mill-ENIM b'kooperazzjoni mal-koordinatur tan-network.*

## Emenda 239

### Proposta għal regolament Artikolu 68 – paragrafu 2 – punt ca (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(ca) jabbozza u jadotta rakkomandazzjoni lill-ENIM fir-rigward tal-istabbiliment u r-rieżami tal-qafas Ewropew għar-rieżami tal-prestazzjoni.*

## Emenda 240

### Proposta għal regolament Artikolu 69 – paragrafu 1a (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*1a. Il-Bord għandu jiltaqa' f'intervalli regolari. Għandu jeleġġi President minn fost il-membri tiegħu b'maġġoranza ta' żewġ terzi tal-membri tiegħu u għandu jservi għal mandat ta' sena.*

## Emenda 241

**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 69 – paragrafu 2**

*Test propost mill-Kummissjoni*

2. Il-Kummissjoni għandha ***tippresjedi l-laqgħat*** tal-Bord. Ma għandu jkollha l-ebda dritt tal-vot.

*Emenda*

2. Il-Kummissjoni għandha ***tattendi, u tappoġġa u tiffaċilita l-koordinazzjoni matul il-laqgħat*** tal-Bord. Ma għandu jkollha l-ebda dritt tal-vot.

**Emenda 242**

**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 70 – paragrafu 3**

*Test propost mill-Kummissjoni*

3. Il-gruppi ta' ħidma għandhom ikunu miftuħa għall-parteċipazzjoni tal-esperti minn korpi regolatorji ferrovjarji, mill-Kummissjoni, minn partijiet ikkonċernati operazzjonali u, ***meta rilevanti***, minn korpi pubbliċi jew privati oħra.

*Emenda*

3. Il-gruppi ta' ħidma għandhom ikunu miftuħa, ***fuq stedina***, għall-parteċipazzjoni tal-esperti minn korpi regolatorji ferrovjarji, mill-Kummissjoni, ***mill-ERA, u, meta rilevanti***, minn partijiet ikkonċernati operazzjonali u minn korpi pubbliċi jew privati oħra.

**Emenda 243**

**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 70 – paragrafu 5**

*Test propost mill-Kummissjoni*

5. Il-Bord jew il-Presidenti tal-gruppi ta' ħidma jistgħu jistiednu lil esperti individwali meqjusa kompetenti fil-qasam rilevanti biex jieħdu sehem fil-laqgħat tal-gruppi ta' ħidma jekk ikun meħtieġ ***skont il-każ***.

*Emenda*

5. Il-Bord jew il-Presidenti tal-gruppi ta' ħidma jistgħu jistiednu lil esperti ***minn korpi regolatorji ferrovjarji, mill-Kummissjoni, mill-ERA, minn partijiet ikkonċernati operazzjonali u, meta rilevanti, minn korpi pubbliċi jew privati oħrajn, kif ukoll esperti*** individwali meqjusa kompetenti fil-qasam rilevanti biex jieħdu sehem fil-laqgħat tal-gruppi ta' ħidma jekk ikun meħtieġ ***fuq bażi ta' każ b'każ***.

**Emenda 244**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 71 – paragrafu 2**

*Test propost mill-Kummissjoni*

2. Is-setgħa tal-adozzjoni tal-atti delegati msemmija fl-Artikolu 10(8), l-Artikolu 11(2), l-Artikolu 21(9), l-Artikolu 38(3), l-Artikolu 39(9), l-Artikolu 46(6), l-Artikolu 48(3) **u** l-Artikolu 53(5) għandha tingħata lill-Kummissjoni għal perjodu ta' ħames snin mill-[1 ta' Jannar 2026]. Il-Kummissjoni għandha tfassal rapport rigward id-delega tas-setgħa sa disa' xhur qabel jintemm il-perjodu ta' ħames snin. Id-delega tas-setgħa għandha tiġi estiża awtomatikament għal perjodi taż-żmien identiċi, ħliet jekk il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill joġġezzjonaw għal dik l-estensjoni mhux aktar tard minn tliet xhur qabel it-tmiem ta' kull perjodu.

*Emenda*

2. Is-setgħa tal-adozzjoni tal-atti delegati msemmija fl-Artikolu **6(4a), l-Artikolu 8(7), l-Artikolu 10(8), l-Artikolu 11(2) u (4a), l-Artikolu 12(9a), l-Artikolu 18(10a), l-Artikolu 19(5), l-Artikolu 20(4a), l-Artikolu 21(9), l-Artikolu 38(3), l-Artikolu 39(8a) u (9), l-Artikolu 40(7), l-Artikolu 41(3), l-Artikolu 44(3a), l-Artikolu 46(6), l-Artikolu 48(3) l-Artikolu 52(1), l-Artikolu 53(5) u l-Artikolu 62(5a),** **u** għandha tingħata lill-Kummissjoni għal perjodu ta' ħames snin mill-[1 ta' Jannar 2026]. Il-Kummissjoni għandha tfassal rapport rigward id-delega tas-setgħa sa disa' xhur qabel jintemm il-perjodu ta' ħames snin. Id-delega tas-setgħa għandha tiġi estiża awtomatikament għal perjodi taż-żmien identiċi, ħliet jekk il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill joġġezzjonaw għal dik l-estensjoni mhux aktar tard minn tliet xhur qabel it-tmiem ta' kull perjodu.

**Emenda 245**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 74 – paragrafu 1 – punt c**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(c) **Jitħassru l-punti** (20), (22), (23), (27) u (28);

*Emenda*

(c) **Fl-Artikolu 3, il-punti** (20), (22), (23), (27) u (28) **huma mħassra**;

**Emenda 246**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 74a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**Artikolu 74a**

**Emendi għar-Regolament (UE) 2016/796**

**1. Ir-Regolament (UE) 2016/796 huwa emendat kif ġej:**

**a) fl-Artikolu 19(1), jiżdied il-paragrafu li ġej:**

**(m) toħroġ rakkomandazzjonijiet lill-Kummissjoni, fuq talba, rigward l-abbozzar u l-aġġornament ta' atti ta' implimentazzjoni u atti delegati previsti fir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (UE) .../... [fir-Regolament dwar l-użu tal-kapaċità infrastrutturali ferrovjarja fiż-żona ferrovjarja unika Ewropea, li jemenda d-Direttiva 2012/34/UE u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 913/2010].**

## **Emenda 247**

### **Proposta għal regolament Artikolu 74b (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

#### **Artikolu 74b**

**Emendi għad-Direttiva (UE) 2016/797**

**1. Id-Direttiva (UE) 2016/797 hija emendata kif ġej:**

**(a) Fl-Anness II, il-punt 2, jiżdied il-punt li ġej :**

**2.9 Użu tal-kapaċità infrastrutturali ferrovjarja: l-istrutturi, il-korpi u l-proċeduri msemmija fir-Regolament (UE) .../... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [dan ir-Regolament]**

## **Emenda 248**

### **Proposta għal regolament Artikolu 75 – paragrafu 1**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

1. Il-ftehimiet qafas konklużi f'konformità mal-Artikolu 42 tad-Direttiva 2012/34/UE għandhom jibqgħu japplikaw

1. Il-ftehimiet qafas konklużi f'konformità mal-Artikolu 42 tad-Direttiva 2012/34/UE **qabel l-1 ta' Jannar 2026**

sad-data tal-iskadenza tagħhom.

għandhom jibqgħu japplikaw sad-data tal-iskadenza tagħhom.

#### Emenda 249

##### Proposta għal regolament

##### Artikolu 77 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – punt a

*Test propost mill-Kummissjoni*

(a) L-Artikoli 1, 2 u 3, il-Kapitolu II, għajr l-Artikolu 9(1) u (2) u ***l-Artikolu 27(4)***, u l-Kapitolu III, għajr l-Artikolu 48, ***ta' dan ir-Regolament*** għandhom japplikaw biss għall-attivitajiet u l-kompiti mwettqa b'rabta mal-iskedi operatorji li jidħlu fis-seħħ wara ***[t-8 ta' Diċembru 2029]***;

*Emenda*

(a) L-Artikoli 1, 2 u 3, il-Kapitolu II, għajr l-Artikolu 9(1) u (2) u ***l-Artikoli 26, 27, 28, 31, 39 u 50***, u l-Kapitolu III, għajr l-Artikolu 48 għandhom japplikaw biss għall-attivitajiet u l-kompiti mwettqa b'rabta mal-iskedi operatorji li jidħlu fis-seħħ wara ***t-8 ta' Diċembru 2027***;

#### Emenda 250

##### Proposta għal regolament

##### Artikolu 77 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – punt b

*Test propost mill-Kummissjoni*

(b) L-Artikolu 9(1) u (2) għandu japplika ***mill-1*** ta' Jannar ***2028***;

*Emenda*

(b) L-Artikolu 9(1) u (2) għandu japplika ***mill-1*** ta' Jannar ***2027***;

#### Emenda 251

##### Proposta għal regolament

##### Artikolu 77 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – punt ca (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***(ca) L-Artikolu 35 għandu japplika mill-1 ta' Diċembru 2028;***

#### Emenda 252

##### Proposta għal regolament

##### Artikolu 77 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – punt cb (ġdid)

**(cb) l-Artikolu 40 għandu japplika mill-1 ta' Diċembru 2027;**

**Emenda 253**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 77 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – punt e**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

(e) L-Artikolu 74 għandu japplika **mid-  
[9 ta' Diċembru 2029]**.

(e) L-Artikolu 74 għandu japplika **mid-  
9 ta' Diċembru 2027**.

**Emenda 254**

**Proposta għal regolament  
Anness I – punt 1 – tabella**

*Test propost mill-Kummissjoni*

Riżultat tanġibbli	Kontenut
Strateġija tal-kapaċità (Artikolu 16)	<ul style="list-style-type: none"> <li>– Żvilupp ippjanat tal-infrastruttura fiżika, inkluż il-kostruzzjoni ġdida, it-titjib, it-tiġdid u l-għeluq/id-dekummissjonar;</li> <li>– Żvilupp previst tad-domanda għas-servizzi tat-trasport ferrovjarju;</li> <li>– Gwida strateġika dwar l-użu tal-kapaċità mill-Istati Membri, inkluż perspettiva dwar l-evoluzzjoni tal-obbligi tas-servizz pubbliku;</li> <li>– Kapaċità allokata fi ftehimiet qafas u l-kapaċità meħtieġa biex jingħataw servizzi tat-trasport skont kuntratti tas-servizz pubbliku;</li> <li>– Infrastruttura ddikjarata użata ħafna jew konġestjonata;</li> <li>– Restrizzjonijiet kbar tal-kapaċità minħabba xogħlijiet infrastrutturali.</li> </ul>
Mudell tal-kapaċità (Artikolu 17)	<ul style="list-style-type: none"> <li>– L-informazzjoni kollha inkluża fl-istrateġija tal-kapaċità, meta rilevanti aġġornata u spjegata aktar</li> <li>– Volum tal-kapaċità disponibbli għall-applikanti skont is-segment tas-suq tat-trasport ferrovjarju u/jew skont il-proċess tal-allokazzjoni</li> </ul>



	<ul style="list-style-type: none"> <li>– Volum tal-kapaċità meħtieġa għax-xogħlijiet infrastrutturali, diżaggregat skont l-impatt fuq it-traffiku (kategoriji)</li> <li>– Ambitu ġeografiku: tal-inqas il-linji inklużi fin-network ewlieni u ewlieni estiż tat-TEN-T</li> <li>– Dettall ġeografiku: diżaggregazzjoni fit-taqsimiet xierqa tal-ippjanar li jirriflettu l-karatteristiċi tal-infrastruttura u tad-domanda</li> <li>– Ambitu temporali: perjodu wieħed tal-iskeda operatorja</li> <li>– Dettall temporali: tal-inqas perspettiva annwali (restrizzjonijiet tal-kapaċità) u jum rappreżentattiv wieħed jew aktar (kapaċità disponibbli għat-talbiet)</li> </ul>
Pjan tal-provvista tal-kapaċità (Artikolu 18)	<ul style="list-style-type: none"> <li>– L-informazzjoni kollha inklużi fil-mudell tal-kapaċità, meta rilevanti aġġornata aktar fid-dettall</li> <li>– Kapaċità pplanata minn qabel disponibbli għat-talbiet, definita fil-forma ta' oġġetti tal-kapaċità</li> <li>– Restrizzjonijiet tal-kapaċità, definiti fil-forma ta' oġġetti tal-kapaċità</li> <li>– Alternative capacity available during capacity restrictions</li> <li>– Alternative capacity available in the event of network disruptions</li> </ul>

*Emenda*

<b>Riżultat tanġibbli</b>	<b>Kontenut</b>
Strateġija tal-kapaċità (Artikolu 16)	<ul style="list-style-type: none"> <li>– Żvilupp ippjanat tal-infrastruttura fiżika, inkluz il-kostruzzjoni ġdida, it-titjib, it-tiġdid u l-għeluq/id-dekummissjonar;</li> <li>– Żvilupp previst tad-domanda għas-servizzi tat-trasport ferrovjarju;</li> <li>– Strategic guidance on capacity utilisation by Member States, including an outlook on the evolution on public service obligations;</li> <li>– Capacity allocated in framework agreements and capacity required to provide transport services under public service contracts;</li> <li>– Infrastructure declared highly utilised or congested;</li> <li>– Major capacity restrictions resulting from infrastructure works.</li> </ul>
Mudell tal-kapaċità (Artikolu 17)	<ul style="list-style-type: none"> <li>– All information included in the capacity strategy, where relevant updated and further detailed</li> </ul>

	<ul style="list-style-type: none"> <li>– Volum tal-kapaċità disponibbli għall-applikanti skont is-segment tas-suq tat-trasport ferrovjarju u/jew skont il-proċess tal-allokazzjoni, <b><i>inkluż il-kapaċità salvagwardjata għal talbiet aktar tard u l-kapaċità assenjata mill-Ftehimiet Qafas</i></b></li> <li>– Volum tal-kapaċità meħtieġa għax-xogħlijiet infrastrutturali, diżaggregat skont l-impatt fuq it-traffiku (kategoriji)</li> <li>– Ambitu ġeografiku: tal-inqas il-linji inklużi fin-network ewlieni u ewlieni estiż tat-TEN-T</li> <li>– Dettall ġeografiku: diżaggregazzjoni fit-taqsimiet xierqa tal-ippjanar li jirriflettu l-karatteristiċi tal-infrastruttura u tad-domanda</li> <li>– Ambitu temporali: perjodu wieħed tal-iskeda operatorja</li> <li>– Dettall temporali: tal-inqas perspettiva annwali (restrizzjonijiet tal-kapaċità) u jum rappreżentattiv wieħed jew aktar (kapaċità disponibbli għat-talbiet)</li> </ul>
Pjan tal-provvista tal-kapaċità (Artikolu 18)	<ul style="list-style-type: none"> <li>– L-informazzjoni kollha inkluża fil-mudell tal-kapaċità, meta rilevanti aġġornata aktar fid-dettall</li> <li>– Kapaċità pplanata minn qabel disponibbli għat-talbiet, definita fil-forma ta' oġġetti tal-kapaċità</li> <li>– Restrizzjonijiet tal-kapaċità, definiti fil-forma ta' oġġetti tal-kapaċità</li> <li>– Kapaċità alternattiva disponibbli waqt restrizzjonijiet tal-kapaċità</li> <li>– Kapaċità alternattiva disponibbli fil-każ ta' interruzzjonijiet fin-network</li> </ul>

## Emenda 255

### Proposta għal regolament

#### Annex I – punt 2 – point 1 – paragrafu 3 – tabella

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

Riżultat tanġibbli	Tappa	Skadenza (mhux aktar tard minn)
Strateġija tal-kapaċità (Artikolu 16)	<b><i>Pubblikazzjoni tal-ewwel elementi tal-istrateġija tal-kapaċità</i></b>	X-60
	L-ewwel konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati	X-58
	Pubblikazzjoni tal-abbozz tal-istrateġija u t-tieni konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati	<b><i>X-38</i></b>

	Pubblikazzjoni tal-istrateġija finali tal-kapaċità wara koordinazzjoni finali bejn il-meniġers tal-infrastruttura	X-36
Mudell tal-kapaċità (Artikolu 17)	Bidu tat-tħejjija	X-36
	Konsultazzjoni mal-applikanti u l-partijiet ikkonċernati operazzjonali	X-24
	Pubblikazzjoni tal-abbozz tal-mudell tal-kapaċità	X-21
	Koordinazzjoni mal-applikanti u l-partijiet ikkonċernati operazzjonali	X-19
	Pubblikazzjoni tal-mudell tal-kapaċità finali wara koordinazzjoni finali bejn il-meniġers tal-infrastruttura	X-18
Pjan tal-provvista tal-kapaċità (Artikolu 18)	Bidu tat-tħejjija	X-18
	Konsultazzjoni mal-applikanti u l-partijiet ikkonċernati operazzjonali	X-14
	Pubblikazzjoni tar-restrizzjonijiet tal-kapaċità msemmija fil-punt (1) tat-Taqsima (3) ta' dan l-Anness	X-12
	Pubblikazzjoni tal-pjan finali tal-provvista tal-kapaċità wara koordinazzjoni finali bejn il-meniġers tal-infrastruttura	X-11
	Pubblikazzjoni tar-restrizzjonijiet tal-kapaċità msemmija fil-punt (5) tat-Taqsima (3) ta' dan l-Anness	X-4
	Adattament mill-ġdid tal-kapaċità riżervata għall-allokazzjoni bl-iskeda operatorja għal proċessi oħra tal-allokazzjoni	X-2
	Aġġornament tal-pjan tal-provvista tal-kapaċità biex ikun jirrifletti l-bidliet fil-kapaċità pplanata minn qabel jew allokata	Sa X+12 mingħajr dewmien
Nota: (1) "X-m" tfisser "m" xhur qabel id-data tad-dħul fis-seħħ tal-iskeda operatorja ("X"), f'konformità mat-Taqsima 4.		

*Emenda*

Riżultat tanġibbli	Tappa	Skadenza (mhux aktar tard minn)
Strateġija tal-kapaċità (Artikolu 16)	<b><i>Fażi ta' elaborazzjoni tal-istrateġija tal-kapaċità</i></b>	X-60
	L-ewwel konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati	X-58
	Pubblikazzjoni tal-abbozz tal-istrateġija u t-tieni konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati	<b>X-48</b>
	Pubblikazzjoni tal-istrateġija finali tal-kapaċità wara koordinazzjoni finali bejn il-meniġers tal-infrastruttura	X-36
	<b><i>Pubblikazzjoni tal-mudell tal-kapaċità</i></b>	<b>X-18</b>

	<b><i>Pubblikazzjoni tal-pjan tal-provvista tal-kapaċità wara konsultazzjoni mal-IM u l-ERP</i></b>	<b><i>X - 11</i></b>
Mudell tal-kapaċità (Artikolu 17)	Bidu tat-tħejjija	X-36
	Konsultazzjoni mal-applikanti u l-partijiet ikkonċernati operazzjonali	X-24
	<b><i>Koordinazzjoni bejn il-manigġers tal-infrastruttura u l-partiċipanti tal-operazzjoni u valutazzjonijiet tal-fattibbiltà għall-ħtiġijiet tal-kapaċità pprovduti jafu ma jitqisux bis-sħiħ fl-abbozz tal-mudell tal-kapaċità</i></b>	<b><i>X-22</i></b>
	Pubblikazzjoni tal-abbozz tal-mudell tal-kapaċità <b><i>u bidu tat-tieni konsultazzjoni mal-applikanti u l-partiċipanti tal-operazzjoni</i></b>	X-21
	Koordinazzjoni mal-applikanti u l-partijiet ikkonċernati operazzjonali	X-19
	Pubblikazzjoni tal-mudell tal-kapaċità finali wara koordinazzjoni finali bejn il-manigġers tal-infrastruttura	X-18
Pjan tal-provvista tal-kapaċità (Artikolu 18)	Bidu tat-tħejjija	X-18
	Konsultazzjoni mal-applikanti u l-partijiet ikkonċernati operazzjonali	X-14
	<b><i>Il-Korp Regulatorju għandu janalizza l-abbozz tal-pjan tal-provvista tal-kapaċità u jista' jieħu deċiżjoni li tirrikjedi li l-manigġer tal-infrastruttura jemenda l-pjan tal-provvista tal-kapaċità.</i></b>	<b><i>X-14 sa X-13</i></b>
	Pubblikazzjoni tar-restrizzjonijiet tal-kapaċità msemmija fil-punt (1) tat-Taqsima (3) ta' dan l-Anness	X-12
	Pubblikazzjoni tal-pjan finali tal-provvista tal-kapaċità wara koordinazzjoni finali bejn <b><i>il-manigġers</i></b> tal-infrastruttura	X-11
	<b><i>Aġġornament tal-pjan tal-provvista tal-kapaċità għal talbiet tard</i></b>	<b><i>X-6,5</i></b>
	Pubblikazzjoni tar-restrizzjonijiet tal-kapaċità msemmija fil-punt (5) tat-Taqsima (3) ta' dan l-Anness	X-4
	Adattament mill-ġdid tal-kapaċità riżervata għall-allokazzjoni bl-iskeda operatorja għal proċessi oħra tal-allokazzjoni	X-2
	Aġġornament tal-pjan tal-provvista tal-kapaċità biex ikun jirrifletti l-bidliet fil-kapaċità pplanata minn qabel jew allokata	Sa X+12 mingħajr dewmien
Nota: (1) "X-m" tfisser "m" xhur qabel id-data tad-dħul fis-seħħ tal-iskeda operatorja ("X"), f'konformità mat-Taqsima 4.		

## Emenda 256

### Proposta għal regolament

## Anness I – punt 3 – punt 1

### *Test propost mill-Kummissjoni*

Rigward ir-restrizzjonijiet temporanji tal-kapaċità tal-linji ferrovjarji, minħabba xogħlijiet infrastrutturali, inkluż restrizzjonijiet assoċjati tal-veloċità, tal-piż fuq il-fus, tat-tul tal-ferrovija, tal-forza tat-trazzjoni, jew tal-gejġ tal-istruttura (“restrizzjonijiet tal-kapaċità”), li jtulu aktar minn 7 ijiem konsekuttivi u li għalihom aktar minn 30% tal-volum tat-traffiku stmat fuq linja ferrovjarja kuljum jiġi kkanċellat, tiddawwarlu r-rotta jew jiġi sostitwit b’mezzi tat-trasport oħrajn, il-meniġers tal-infrastruttura kkonċernati għandhom jipubblikaw ir-restrizzjonijiet kollha tal-kapaċità u r-riżultati preliminari tal-konsultazzjoni mal-applikanti għall-ewwel darba tal-inqas 24 xahar u, f’forma aġġornata, għat-tieni darba tal-inqas 12-il xahar qabel il-bidla fl-iskeda operatorja kkonċernata. Dawn ir-restrizzjonijiet infrastrutturali għandhom jiġu inklużi fil-pjan tal-provvista tal-kapaċità msemmi fl-Artikolu 18.

### *Emenda*

1. Rigward ir-restrizzjonijiet temporanji tal-kapaċità tal-linji ferrovjarji, minħabba xogħlijiet infrastrutturali, inkluż restrizzjonijiet assoċjati tal-veloċità, tal-piż fuq il-fus, tat-tul tal-ferrovija, tal-forza tat-trazzjoni, jew tal-gejġ tal-istruttura (“restrizzjonijiet tal-kapaċità”), li jtulu aktar minn 7 ijiem konsekuttivi u li għalihom aktar minn 30% tal-volum tat-traffiku stmat fuq linja ferrovjarja kuljum jiġi kkanċellat, tiddawwarlu r-rotta jew jiġi sostitwit b’mezzi tat-trasport oħrajn, il-meniġers tal-infrastruttura kkonċernati għandhom jipubblikaw ir-restrizzjonijiet kollha tal-kapaċità, **safejn ikunu magħrufa**, u r-riżultati preliminari tal-konsultazzjoni mal-applikanti għall-ewwel darba tal-inqas 24 xahar u, f’forma aġġornata, għat-tieni darba tal-inqas 12-il xahar qabel il-bidla fl-iskeda operatorja kkonċernata. Dawn ir-restrizzjonijiet infrastrutturali għandhom jiġu inklużi fil-pjan tal-provvista tal-kapaċità msemmi fl-Artikolu 18.

### *Ġustifikazzjoni*

*Din id-dispożizzjoni ġiet ittrasferita mill-Anness VII tad-Direttiva 2012/34, li diġà kienet ambizzjuża ferm. L-Anness VII tad-Direttiva 2012/34 kien jinkludi d-diċitura “sakemm ikunu magħrufa” rigward ir-rekwiżiti li jiġu ppubblikati r-restrizzjonijiet kollha tal-kapaċità. Aktar restrizzjoni tar-rekwiżiti billi d-diċitura “sakemm ikunu magħrufa” ma jiġix ittrasferit għal dan ir-Regolament ma żżid xi benefiċċju għall-applikanti, peress li l-Maniġers tal-Infrastruttura Ewropej iridu jkunu jistgħu jissodisfaw ir-rekwiżiti li diġà huma ambizzjużi.*

## **Emenda 257**

### **Proposta għal regolament Anness I – punt 3 – punt 7**

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

7. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 40, il-meniġer tal-infrastruttura jista’ jiddeċiedi li ma japplikax il-perjodi

#### *Emenda*

7. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 40, il-meniġer tal-infrastruttura jista’ jiddeċiedi li ma japplikax il-perjodi

stabbiliti fil-punti (1) sa (5), jekk ir-restrizzjoni tal-kapaċità tkun meħtieġa biex tistabbilixxi mill-ġdid operazzjonijiet ferrovjarji sikuri, il-mument tar-restrizzjonijiet ikun lil hinn mill-kontroll **tal-meniġer** tal-infrastruttura, **l-applikazzjoni ta' dawk il-perjodi ma tkunx kosteffettiva** jew tagħmel ħsara bla bżonn fir-rigward tal-kundizzjoni jew tal-ħajja tal-assi, jew jekk l-applikanti kkonċernati kollha jaqblu. F'dawk il-każijiet u fil-każ ta' restrizzjonijiet oħra tal-kapaċità li ma jkunux soġġetti għal konsultazzjoni f'konformità ma' dispożizzjonijiet oħra ta' dan l-Anness, il-meniġer tal-infrastruttura għandu jikkonsulta minnufih mal-applikanti u mal-operaturi ewlenin tal-faċilitajiet tas-servizz ikkonċernati.

stabbiliti fil-punti (1) sa (5), jekk ir-restrizzjoni tal-kapaċità tkun meħtieġa biex tistabbilixxi mill-ġdid operazzjonijiet ferrovjarji sikuri, il-mument tar-restrizzjonijiet ikun lil hinn mill-kontroll tal-maniġer tal-infrastruttura jew tagħmel ħsara bla bżonn fir-rigward tal-kundizzjoni jew tal-ħajja tal-assi, jew jekk l-applikanti kkonċernati kollha jaqblu. F'dawk il-każijiet u fil-każ ta' restrizzjonijiet oħra tal-kapaċità li ma jkunux soġġetti għal konsultazzjoni f'konformità ma' dispożizzjonijiet oħra ta' dan l-Anness, il-meniġer tal-infrastruttura għandu jikkonsulta minnufih mal-applikanti u mal-operaturi ewlenin tal-faċilitajiet tas-servizz ikkonċernati.

## Emenda 258

### Proposta għal regolament

#### Anness I – punt 4 – punt 1 – tabella

<i>Test propost mill-Kummissjoni</i>	
Tappa jew perjodu taż-żmien	Skadenza jew tul(1)
Perjodu tal-validità tal-iskeda operatorja (“perjodu tal-iskeda operatorja”)	Sena waħda
Dħul fis-seħħ tal-iskeda operatorja	F'nofsillejl tat-tieni Sibt f'Diċembru
Pubblikazzjoni tal-pjan tal-provvista tal-kapaċità	F'konformità mat-Taqsima 2 ta' dan l-Anness
Pubblikazzjoni tar-restrizzjonijiet tal-kapaċità li jinħolqu minħabba xogħlijiet infrastrutturali	F'konformità mat-Taqsimiet 2 u 3 ta' dan l-Anness
Skadenza għall-applikanti biex jissottomettu talbiet għad-drittijiet tal-kapaċità	X–8.5
Tħejjija tal-abbozz tal-iskeda operatorja Skadenza <b>għall-meniġers</b> tal-infrastruttura biex jissottomettu abbozz tal-offerta tal-kapaċità lill-applikanti	X–6.5
Finalizzazzjoni tal-koordinazzjoni mal-applikanti	X–6
Skadenza għall-meniġers tal-infrastruttura biex jissottomettu offerta finali tal-kapaċità lill-applikanti	X–5.5

Pubblikazzjoni tal-iskeda operatorja finali Skadenza <b>għall-meniġer</b> tal-infrastruttura biex jalloka drittijiet tal-kapaċità lill-applikanti	X-5.25
Konverżjoni ta' speċifikazzjonijiet tal-kapaċità f' mogħdijiet ferrovjarji	Trid tiġi speċifikata fil-qafas Ewropew għall-ġestjoni tal-kapaċità msemmi fl-Artikolu 6
Nota: (1) "X-m" tfisser "m" xhur qabel id-data tad-dħul fis-seħħ tal-iskeda operatorja ("X")	
<i>Emenda</i>	
Tappa jew perjodu taż-żmien	Skadenza jew tul(1)
Perjodu tal-validità tal-iskeda operatorja ("perjodu tal-iskeda operatorja")	Sena waħda
Dħul fis-seħħ tal-iskeda operatorja	F'nofsillejl tat-tieni Sibb f'Diċembru
Pubblikazzjoni tal-pjan tal-provvista tal-kapaċità	F'konformità mat-Taqsima 2 ta' dan l-Anness
Pubblikazzjoni tar-restrizzjonijiet tal-kapaċità li jinħolqu minħabba xogħlijiet infrastrutturali	F'konformità mat-Taqsimiet 2 u 3 ta' dan l-Anness
Skadenza għall-applikanti biex jissottomettu talbiet għad-drittijiet tal-kapaċità	X-8.5
Tħejjija tal-abbozz tal-iskeda operatorja Skadenza għall-meniġers tal-infrastruttura biex jissottomettu abbozz tal-offerta tal-kapaċità lill-applikanti	X-6.5
Finalizzazzjoni tal-koordinazzjoni mal-applikanti, <b>billi jiġi żgurat li jiġu ssodisfati l-prerekwiżiti kollha qabel din il-finalizzazzjoni ta' ġimagħtejn ta' "fażi ta' osservazzjoni"</b>	X-6
Skadenza <b>għall-maniġers</b> tal-infrastruttura biex jissottomettu offerta finali tal-kapaċità lill-applikanti	X-5.5
Pubblikazzjoni tal-iskeda operatorja finali Skadenza <b>għall-maniġer</b> tal-infrastruttura biex jalloka drittijiet tal-kapaċità lill-applikanti	X-5.25
Konverżjoni ta' speċifikazzjonijiet tal-kapaċità f' mogħdijiet ferrovjarji	Trid tiġi speċifikata fil-qafas Ewropew għall-ġestjoni tal-kapaċità msemmi fl-Artikolu 6
Nota: (1) "X-m" tfisser "m" xhur qabel id-data tad-dħul fis-seħħ tal-iskeda operatorja ("X")	

### *Ġustifikazzjoni*

*It-taqsis tal-konsultazzjoni tal-abbozz tal-offerti tal-kapaċità minn xahar għal ġimagħtejn ma*

*jistax isir fil-livell attwali tad-diġitalizzazzjoni u l-ippjanar tar-restrizzjoni; bħalissa ma huwiex possibbli li l-osservazzjonijiet jiġu pproċessati f'gimagnetj. Għalhekk nixtiequ niċċaraw li l-prerekwiżiti kollha jridu jiġu ssodisfati qabel jitqassar dan il-perjodu.*

## Emenda 259

### Proposta għal regolament

#### Annex I – punt 7 – paragrafu 1 – tabella

<i>Test propost mill-Kummissjoni</i>	
Perjodu taż-żmien	Tul
Perjodu massimu biex <b>il-meniġers</b> tal-infrastruttura jħejju offerta tad-drittijiet tal-kapaċità f' network wieħed	<b>jum wieħed</b>
Perjodu massimu biex <b>il-meniġers</b> tal-infrastruttura jħejju offerta tad-drittijiet tal-kapaċità f' diversi networks	5 ijiem
<i>Emenda</i>	
Perjodu taż-żmien	Tul
Perjodu massimu biex <b>il-maniġers</b> tal-infrastruttura jħejju offerta tad-drittijiet tal-kapaċità f' diversi networks <b>jekk it-talba ad hoc issir wara d-data tal-pubblikazzjoni tal-iskeda ta' żmien ta' ħidma finali</b>	<b>24 siegħa</b>
Perjodu massimu biex <b>il-maniġers</b> tal-infrastruttura jħejju offerta tad-drittijiet tal-kapaċità f' diversi networks	5 ijiem

## Emenda 260

### Proposta għal regolament

#### Annex I – punt 8 – paragrafu 1 – tabella

<i>Test propost mill-Kummissjoni</i>	
Tappa jew perjodu taż-żmien	Skadenza jew tul
Żmien massimu biex <b>il-meniġer</b> tal-infrastruttura joffri dritt ta' kapaċità alternattiva li jinvolvi network wieħed	24 siegħa
Żmien massimu biex <b>il-meniġers</b> tal-infrastruttura kkonċernati joffru dritt ta' kapaċità alternattiva f' diversi networks	5 ijiem



*Emenda*

Tappa jew perjodu taż-żmien	Skadenza jew tul
Żmien massimu biex <b><i>il-manijer</i></b> tal-infrastruttura joffri dritt ta' kapaċità alternattiva li jinvolvi network wieħed <b><i>jekk għal użu fi żmien il-jumejn tax-xogħol li jmiss</i></b>	24 siegħa
Żmien massimu biex <b><i>il-menijer</i></b> tal-infrastruttura joffri dritt ta' kapaċità alternattiva li jinvolvi network wieħed <b><i>b'parametri speċjali (eż. kunsinni straordinarji, provi)</i></b>	5 ijiem <b><i>kalendarji</i></b>

**Emenda 261**

**Proposta għal regolament**

**Anness II – punt 1 – punt 1 – parti introduttorja**

*Test propost mill-Kummissjoni*

Użu	Klassifikazzjoni	Użu tal-kapaċità	Perjodu ta' referenza
Traffiku eteroġenu	Użata ħafna	<b><i>&gt;65% tal-kapaċità teoretika</i></b>	Aktar minn 4 sigħat għal aktar minn 200 jum fis-sena
Traffiku eteroġenu	Konġestjonata	<b><i>&gt;95% tal-kapaċità teoretika</i></b>	Aktar minn 4 sigħat għal aktar minn 250 jum fis-sena
Traffiku omoġenu	Użata ħafna	<b><i>&gt;80% tal-kapaċità teoretika</i></b>	Aktar minn 4 sigħat għal aktar minn 200 jum fis-sena
Traffiku omoġenu	Konġestjonata	<b><i>&gt;95% tal-kapaċità teoretika</i></b>	Aktar minn 4 sigħat għal aktar minn 250 jum fis-sena

*Emenda*

Użu	Klassifikazzjoni	Użu tal-kapaċità	Perjodu ta' referenza
Traffiku eteroġenu	Użata ħafna	<b><i>&gt; tal-kapaċità teoretika [il-valur għandu jiġi ddeterminat mill-ENIM]</i></b>	Aktar minn 4 sigħat għal aktar minn 200 jum fis-sena
Traffiku eteroġenu	Konġestjonata	<b><i>&gt; tal-kapaċità teoretika [il-valur għandu jiġi ddeterminat mill-ENIM]</i></b>	Aktar minn 4 sigħat għal aktar minn 250 jum fis-sena
Traffiku omoġenu	Użata ħafna	<b><i>&gt; tal-kapaċità teoretika [il-valur għandu jiġi ddeterminat mill-ENIM]</i></b>	Aktar minn 4 sigħat għal aktar minn 200 jum fis-sena
Traffiku omoġenu	Konġestjonata	<b><i>&gt; tal-kapaċità teoretika [il-valur għandu jiġi]</i></b>	Aktar minn 4 sigħat għal aktar minn 250 jum fis-sena

**Emenda 262**

**Proposta għal regolament  
Anness IV – paragrafu 1 – punt 2 – punt a**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(a) il-proċeduri li bihom l-applikanti jiġu kkonsultati dwar l-ippjanar strateġiku tal-kapaċità;

*Emenda*

(a) il-proċeduri li bihom l-applikanti jiġu kkonsultati (*ara l-Artikolu 55a ġdid dwar l-EOSP*) dwar l-ippjanar strateġiku tal-kapaċità;

**Emenda 263**

**Proposta għal regolament  
Anness VII – tabella 1**

<i>Test propost mill-Kummissjoni</i>	
Oqsma ta' prestazzjoni soġġetti għal rieżami tal-prestazzjoni	Oqsma ta' prestazzjoni soġġetti għal rieżami tal-prestazzjoni
imsemmija fl-Artikolu 50	imsemmija fl-Artikolu 50
Qasam ta' prestazzjoni	Kwistjonijiet rilevanti (indikattivi)
Infrastruttura u tagħmir	<ul style="list-style-type: none"> <li>– Kapaċità u kapaċitajiet tal-infrastruttura fiżika u tat-tagħmir tagħha, inkluż l-użu tal-istandards TEN-T</li> <li>– Tnaqqis fil-kapaċità infrastrutturali minħabba tiġdid, manutenzjoni jew tiswija tal-infrastruttura differiti</li> </ul>
Kapaċità infrastrutturali	<ul style="list-style-type: none"> <li>– Offerta tal-kapaċità mil-lat ta' kwantità u kwalità</li> <li>– Użu tal-kapaċità, kapaċità riżervata biex takkomoda t-tkabbir tat-traffiku</li> <li>– Konsistenza bejn il-kapaċità disponibbli (ippjanata jew mhux ippjanata) u l-ħtiġijiet tas-suq</li> <li>– Stabbiltà tal-offerta tal-kapaċità, b'mod partikolari b'rabta max-</li> </ul>

	<p>xogħlijiet infrastrutturali</p> <ul style="list-style-type: none"> <li>– Infrastruttura konġestjonata</li> <li>– Ħinijiet tal-waqfien ippjanati tal-ferroviji fl-istazzjonijiet tal-fruntiera</li> </ul>
Ġestjoni tat-traffiku	<ul style="list-style-type: none"> <li>– Puntwalità / dewmien ta' tipi differenti ta' servizzi ferrovjarji, fl-orijini, fil-waqfiet intermedji u fid-destinazzjoni u f' postijiet operazzjonalment importanti</li> <li>– Kanċellazzjonijiet ferrovjarji</li> <li>– Ħinijiet tal-waqfien effettivi tal-ferroviji fl-istazzjonijiet tal-fruntiera</li> </ul>
Ġestjoni tat-tfixkil u ġestjoni tal-kriżijiet	<ul style="list-style-type: none"> <li>– Sehem tat-traffiku li tista' tiddawwarlu r-rotta jew jiġi skedat mill-ġdid waqt it-tfixkil jew kriżi</li> <li>– Impatt tat-tfixkil fuq it-traffiku ferrovjarju mil-lat ta' dewmien u kanċellazzjonijiet</li> <li>– Impatt tat-tfixkil fuq l-operaturi tas-servizzi ferrovjarji u l-klijenti tagħhom</li> <li>– Kwistjonijiet speċifiċi li ltaqgħu magħhom (kwalitattivi)</li> </ul>
Adozzjoni u prestazzjoni tas-servizzi, l-għodod u l-interfaċċi diġitali	<ul style="list-style-type: none"> <li>– Appoġġ tal-proċessi relatati mal-ġestjoni tal-kapaċità, il-ġestjoni tat-traffiku u l-ġestjoni tat-tfixkil</li> <li>– Kompletezza u kwalità tal-informazzjoni u tad-data pprovdu</li> <li>– Allinjament mal-arkitettura Ewropea żviluppata fl-ERJU u mal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi rilevanti f'konformità mad-Direttiva (UE) 2016/797</li> </ul>
Konformità mar-regolamentazzjoni; sorveljanza regolatorja	<ul style="list-style-type: none"> <li>– Indikaturi tal-proċess li jimmonitorjaw il-konformità mar-regoli u l-proċeduri</li> <li>– Ilmenti ppreżentati lill-korpi regolatorji u lill-ENRRB</li> </ul>

<i>Emenda</i>	
Oqsma ta' prestazzjoni soġġetti għal rieżami tal-prestazzjoni	Oqsma ta' prestazzjoni soġġetti għal rieżami tal-prestazzjoni
imsemmija fl-Artikolu 50	imsemmija fl-Artikolu 50
Qasam ta' prestazzjoni	Kwistjonijiet rilevanti (indikattivi)
Infrastruttura u tagħmir	<ul style="list-style-type: none"> <li>– Kapaċità u kapaċitajiet tal-infrastruttura fiżika u tat-tagħmir tagħha, inkluż l-użu tal-istandards TEN-T</li> <li>– Tnaqqis fil-kapaċità infrastrutturali minħabba tiġdid, manutenzjoni jew tiswija tal-infrastruttura differiti</li> </ul>
Kapaċità infrastrutturali	<ul style="list-style-type: none"> <li>– Offerta tal-kapaċità mil-lat ta' kwantità u kwalità, <b><i>inkluża konsistenza bejn il-fruntieri tan-network</i></b></li> <li>– Użu tal-kapaċità, kapaċità riżervata biex takkomoda t-tkabbir tat-traffiku</li> <li>– Konsistenza bejn il-kapaċità disponibbli (ippjanata jew mhux ippjanata) u l-ħtiġijiet tas-suq</li> <li>– Stabbiltà tal-offerta tal-kapaċità, b'mod partikolari b'rabta max-xogħlijiet infrastrutturali</li> <li>– Infrastruttura konġestjonata</li> <li>– Ħinijiet tal-waqfien ippjanati tal-ferroviji fl-istazzjonijiet tal-fruntiera</li> </ul>
Ġestjoni tat-traffiku	<ul style="list-style-type: none"> <li>– Puntwalità / dewmien ta' tipi differenti ta' servizzi ferrovjarji, fl-oriġini, fil-waqfiet intermedji u fid-destinazzjoni u f'postijiet operazzjonalment importanti</li> <li>– Kanċellazzjonijiet ferrovjarji</li> <li>– Ħinijiet tal-waqfien effettivi tal-ferroviji fl-istazzjonijiet tal-fruntiera</li> </ul>
Ġestjoni tat-tfixkil u ġestjoni tal-kriżijiet	<ul style="list-style-type: none"> <li>– Sehem tat-traffiku li tista'</li> </ul>

	<p>tiddawwarlu r-rotta jew jiġi skedat mill-ġdid waqt it-tfixkil jew kriżi</p> <ul style="list-style-type: none"> <li>– Impatt tat-tfixkil fuq it-traffiku ferrovjarju mil-lat ta' dewmien u kanċellazzjonijiet</li> <li>– Impatt tat-tfixkil fuq l-operaturi tas-servizzi ferrovjarji u l-klijenti tagħhom</li> <li>– Kwistjonijiet speċifiċi li ltaqgħu magħhom (kwalitattivi)</li> </ul>
Adozzjoni u prestazzjoni tas-servizzi, l-għodod u l-interfaċċi diġitali	<ul style="list-style-type: none"> <li>– Appoġġ tal-proċessi relatati mal-ġestjoni tal-kapaċità, il-ġestjoni tat-traffiku u l-ġestjoni tat-tfixkil</li> <li>– Kompletezza u kwalità tal-informazzjoni u tad-data pprovduti <b><i>kif ukoll faċilità ta' aċċess għall-partijiet ikkonċernati operazzjonali</i></b></li> <li>– Allinjament mal-arkitettura Ewropea żviluppata fl-ERJU u mal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi rilevanti f'konformità mad-Direttiva (UE) 2016/797</li> </ul>
Konformità mar-regolamentazzjoni; sorveljanza regolatorja	<ul style="list-style-type: none"> <li>– Indikaturi tal-proċess li jimmonitorjaw il-konformità mar-regoli u l-proċeduri</li> <li>– Ilmenti ppreżentati lill-korpi regolatorji u lill-ENRRB</li> </ul>

## NOTA SPJEGATTIVA

Kemm il-Patt Ekoloġiku Ewropew kif ukoll l-Istrateġija Komprensiva għal Mobilità Sostenibbli u Intelliġenti enfasizzaw il-ħtieġa urġenti għad-dekarbonizzazzjoni tas-settur tat-trasport Ewropew. Bħala waħda mill-aktar forom effiċjenti tat-trasport kemm tal-passiġġieri kif ukoll tal-merkanzija, il-ferrovija għandha rwol essenzjali f'dawn l-isforzi. Għalhekk huwa kruċjali li l-infrastruttura eżistenti tintuża bl-aktar mod effiċjenti u li jsir tentattiv biex jinkiseb l-aħjar titjib fil-kapaċità possibbli ta' sa 4 %, kif il-Kummissjoni tistma fil-valutazzjoni tal-impatt tagħha. Il-proposta tal-Kummissjoni qed tintlaqa' tajjeb ħafna f'dan ir-rigward.

Illum, il-problemi ta' konġestjoni tal-binarji ferrovjarji, nuqqas ta' puntwalità, it-trasferimenti mmissjati u l-veloċità huma endemiċi. Il-leġislazzjoni proposta se tippermetti użu aktar ottimali tal-binarji ferrovjarji u żżid il-puntwalità u l-affidabbiltà. Il-forniment ta' aktar flessibbiltà għall-allokazzjoni tal-mogħdijiet tal-aħħar minuta għandu jattira aktar merkanzija lejn il-ferrovija. Fl-istess ħin, il-passiġġieri huma mistennija jibbenefikaw minn ippjanar affidabbli fit-tul u prenotazzjonijiet aktar bikrija ta' kapaċità, u b'hekk jużaw il-kapaċità ġenerali tan-network b'mod aktar ottimali.

Napprezzaw li l-Kummissjoni għażlet li tiegħu bħala bażi għall-proposti tagħha stess l-inizjattiva tas-settur ferrovjarju stess, il-proġett ta' Riprogrammar tal-Orarji (TTR), li diġà wera li huwa ta' valur kbir u li jitwettaq minn entitajiet Ewropej, inkluż l-RNE. Huwa pożittiv ukoll li l-Kummissjoni tipprova tagħti aktar flessibbiltà lis-servizzi tal-merkanzija billi tintroduċi skeda kontinwa, li dan ir-rapport jintroduċi definizzjoni għaliha. L-introduzzjoni ta' approċċ aktar flessibbli għall-allokazzjoni tal-kapaċità se tippermetti mogħdijiet aktar *ad hoc* u tiżgura li ma jkun hemm l-ebda mogħdija li mhijiex tintuża. Madankollu, il-bilanċ bejn it-trasport tal-passiġġieri u tal-merkanzija jibqa' bilanċ delikat fuq network imħallat li se jkollu jiġi indirizzat minn dan ir-Regolament.

Dan ir-rapport isaħħaħ il-pożizzjoni tal-Kummissjoni fis-sens li jsaħħaħ l-obbligu tal-manigġers tal-infrastruttura li joffru alternattivi kull fejn possibbli, inklużi bejn in-networks sabiex jakkomodaw lill-applikanti għal kapaċità. Barra minn hekk, l-approċċ tal-Kummissjoni huwa msaħħaħ mill-possibbiltà l-iskedi ċikliċi, li xi Stati Membri għażlu li jintroduċu, billi jissaħħaħ il-kunċett ta' mogħdijiet ferrovjarji allokatu minn qabel u sistematiċi. Barra minn hekk, il-kunċett ta' "force majeure" ġie magħmul aktar strett biex jiġi evitat l-użu żejjed. Regoli ċari li jesigū li l-manigġers tal-infrastruttura jistgħu jikkanċellaw il-kapaċità mingħajr kumpens huma deskritti fit-test.

Ir-rapport jaqbel mal-Kummissjoni dwar l-inklużjoni ta' kriterji soċjoekonomiċi u ambjentali biex jgħinu f'sitwazzjonijiet ta' kunflitt. Is-settur jenfasizza d-diffikultajiet li r-rapport jindirizza billi jagħti lill-Kummissjoni l-kompitu li tiżviluppa att delegat. Hemm pajjiżi, l-aktar l-Iżvezja, li diġà introduċew kriterji bħal dawn, u għalhekk l-esperjenza diġà qed tinkiseb. Dan ir-rapport iwessa' l-applikazzjoni tal-kriterji li għandhom jiġu applikati wkoll fil-fażijiet ta' ppjanar biex jinkludi kunsiderazzjonijiet soċjoekonomiċi u ambjentali fl-użu tal-infrastruttura mill-bidu.

Ir-rapport jintroduċi wkoll definizzjoni ta' "kapaċità tal-infrastruttura ferrovjarja" u jindika l-fatt li l-kapaċità tista' tiġi influwenzata minn ħafna aktar aspetti mill-allokazzjoni tal-kapaċità sempliċiment effiċjenti. Hemm għadd ta' kwistjonijiet importanti kemm għall-Kummissjoni,

għall-istati Membri kif ukoll għall-kumpaniji tas-settur biex jiffokaw fuq li jgħinu biex tiżdied aktar il-kapaċità. Ir-regolament dwar il-kapaċità ferrovjarja waħdu mhuwiex biżżejjed biex jiġu indirizzati l-għanijiet ambizzjużi tal-UE.

L-Ewropizzazzjoni ġenerali tas-sistemi u tal-proċeduri hija introdotta fit-test kollu, biex tiġi żgurata l-inklużjoni ta' soluzzjonijiet multimodali, it-tidwir tar-rotot multinazzjonali u biex l-applikazzjonijiet ta' diversi networks fuq distanzi twal isiru aktar faċli, dawn huma kollha approvati. Il-ħolqien ta' Korp Ewropew għall-Allokazzjoni tal-Kapaċità Internazzjonali tal-Ferroviji (ERICA) fl-Artikolu 57a huwa maħsub biex isaħħaħ dan il-kunċett.

Qed jiġi enfasizzat finanzjament stabbli u affidabbli għall-infrastruttura għall-manutenzjoni, għat-tiġdid u għall-kostruzzjoni ġdida, kif ukoll il-ħtieġa li jiġu identifikati l-ħtiġijiet ta' titjib tal-infrastruttura fuq livell ta' diversi networks. Il-finanzjament stabbli tal-infrastruttura huwa kundizzjoni ewlenija għall-allokazzjoni tal-kapaċità. Ir-rapport jisħaq li huma meħtieġa l-ippjanar tal-kostruzzjoni u l-manutenzjoni kif ukoll impenn sod favur il-finanzjament tagħhom, filwaqt li tiġi żgurata wkoll informazzjoni minn isfel għal fuq, u jintalab li l-analiżi tal-kapaċità tintuża f' deċiżjonijiet fejn għandha tinbena, tinżamm jew tiġi aġġornata l-infrastruttura meħtieġa.

Barra minn hekk, il-pożizzjoni tan-Network Ewropew tal-Maniġers tal-Infrastruttura (ENIM) hija aġġustata fir-rapport, li jobbliga lill-ENIM jistabbilixxi u jikkonsulta mal-Pjattaforma Ewropea tal-Partijiet Ikkonċernati Operazzjonali (EOSP), u li jinkludi wkoll partijiet ikkonċernati oħra li huma elenkati fl-Artikolu 55a l-ġdid. Aspett importanti ieħor huwa li r-rapport ma jaqbilx mal-Kummissjoni li l-ENIM jingħata l-kompitu li jistabbilixxi l-għanijiet, il-proċessi u s-sorveljanza tiegħu stess. Għalhekk, dan jittrasferixxi r-rieżami tal-prestazzjoni tal-ENIM lill-ENRRB u jintroduċi wkoll korpi konsultattivi għall-ENIM li jiġbru flimkien lil partijiet ikkonċernati operazzjonali, applikanti oħra, faċilitajiet tas-servizzi, terminali u partijiet ikkonċernati oħra li jibbenefikaw b'mod reċiproku mill-involvement bikri u kontinwu tagħhom fl-iżvilupp u l-allokazzjoni tal-kapaċità.

Fir-rigward taż-żmien, nixtiequ nkunu aktar ambizzjużi mill-Kummissjoni. Peress li s-settur diġà beda jimplimenta xi wħud mill-proċessi ta' ppjanar fl-ambitu tal-proġett TTR, aħna nikkunsidraw li huwa fattibbli li tinbena l-implimentazzjoni tar-regolament fi stadji kemxejn aktar ambizzjużi. Implimentazzjoni malajr tar-Regolament se tkun kruċjali biex jiġi żgurat li nkunu nistgħu ngawdu l-benefiċċji tal-leġiżlazzjoni proposta f'konformità mal-għanijiet stabbiliti fl-Istrateġija Komprensiva għal Mobilità Sostenibbli u Intelliġenti.

Fl-aħħar nett, ir-rapport jipprevedi leġiżlazzjoni sekondarja xierqa billi jiżgura li jsiru r-referenzi korretti għall-Atti ta' Implimentazzjoni u Delegati.

Ir-rapporteur tiringrazzja lil dawk kollha li għenu biex jagħtu kontribut għal dan ir-rapport u tistenna bil-ħerqa dibattiti produttivi dwar il-progress li jrid isir fil-leġiżlazzjoni.

**ANNEX: ENTITAJIET JEW PERSUNI  
LI R-RAPPORTEUR IRĊIEVA KONTRIBUT MINGĦANDHOM**

F'konformità mal-Artikolu 8 tal-Anness I tar-Regoli ta' Proċedura, ir-rapporteur jiddikjara li rċieva kontribut mill-entitajiet jew il-persuni li ġejjin fit-tnejn tar-rapport, sal-adozzjoni tiegħu fil-kumitat:

<b>Entità u/jew persuna</b>
ACF, Administration des chemins de fer du Luxembourg
Alstom
Benedikt Weibel, former CEO of SBB, Schweizerische Bundesbahnen and former UIC, International Union of Railways Chairman
Cabinet of Belgian Transport Ministry
CER, Community of European Railways
CFL, Société Nationale des chemins de fer luxembourgeois
DB, Deutsche Bahn
DG Move
EIM, European Rail Infrastructure Managers
ERA, European Railway Agency
ERFA, European Rail Freight Association
Ferrovie dello Stato Italiane
FTE, Forum Train Europe
IRG - Rail
Ministry of Transport and Infrastructure Luxembourg
ÖBB, Österreichische Bundesbahnen
PRIME
RNE, RailNet Europe
Schienen-Control
SNCF, Société Nationale des Chemins de fer
UIP, International Union of Wagon Keepers
UIRR, International Union for Road-Rail Combined Transport
Ministry of Rural Affairs and Infrastructure, Sweden
Transportstyrelsen, Sweden
Ministry of Infrastructure and Water Management, Netherlands
EESC, European Economic and Social Committee
Eurotran
Allrail
PKP, Polish State Railways
Flix
ART, L'Autorité de régulation des transports, France

Il-lista ta' hawn fuq hija mfassla taħt ir-responsabbiltà esklużiva tar-rapporteur.



## PROĊEDURA TAL-KUMITAT RESPONSABBLI

<b>Titolu</b>	L-użu tal-kapaċità infrastrutturali ferrovjarja fiż-żona ferrovjarja unika Ewropea, l-emenda tad-Direttiva 2012/34/UE u t-tħassir tar-Regolament (UE) Nru 913/2010
<b>Referenzi</b>	COM(2023)0443 – C9-0304/2023 – 2023/0271(COD)
<b>Data meta ġiet ippreżentata lill-PE</b>	12.7.2023
<b>Kumitat responsabbli</b> Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	TRAN 2.10.2023
<b>Rapporteurs</b> Data tal-ħatra	Tilly Metz 20.7.2023
<b>Eżami fil-kumitat</b>	29.11.2023
<b>Data tal-adozzjoni</b>	4.3.2024
<b>Riżultat tal-votazzjoni finali</b>	+: 30 –: 0 0: 0
<b>Membri preżenti għall-votazzjoni finali</b>	José Ramón Bauzá Díaz, Izaskun Bilbao Barandica, Ciarán Cuffe, Jakop G. Dalunde, Karima Delli, Jens Gieseke, Elena Kountoura, Bogusław Liberadzki, Peter Lundgren, Benoît Lutgen, Marian-Jean Marinescu, Tilly Metz, Jan-Christoph Oetjen, Rovana Plumb, Dominique Riquet, Barbara Thaler, Achille Variati
<b>Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Michael Gahler, Ondřej Kovařík, Ljudmila Novak, Dorien Rookmaker
<b>Sostituti (skont l-Artikolu 209(7)) preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Andrus Ansip, Marie Dauchy, Estrella Durá Ferrandis, Linus Glangelius, Anja Ħaġa, Radan Kanev, Michael Kauch, Miapetra Kumpula-Natri, Stefania Zambelli
<b>Data tat-tressiq</b>	5.3.2024

**VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET  
FIL-KUMITAT RESPONSABBLI**

<b>30</b>	<b>+</b>
ECR	Peter Lundgren, Dorien Rookmaker
ID	Marie Dauchy
PPE	Michael Gahler, Jens Gieseke, Anja Ħaġa, Radan Kanev, Benoît Lutgen, Marian-Jean Marinescu, Ljudmila Novak, Barbara Thaler, Stefania Zambelli
Renew	Andrus Ansip, José Ramón Bauzá Díaz, Izaskun Bilbao Barandica, Michael Kauch, Ondřej Kovařík, Jan-Christoph Oetjen, Dominique Riquet
S&D	Estrella Durá Ferrandis, Linus Glangelius, Miapetra Kumpula-Natri, Bogusław Liberadzki, Rovana Plumb, Achille Variati
The Left	Elena Kountoura
Verts/ALE	Ciarán Cuffe, Jakop G. Dalunde, Karima Delli, Tilly Metz

<b>0</b>	<b>-</b>

<b>0</b>	<b>0</b>

Tifsira tas-simboli użati:

+ : favur

- : kontra

0 : astensjonijiet